ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 166

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

27 ta' Ġunju 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2012/338/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' April 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra** ..... 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 551/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali** ..... 3

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 552/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1344/2011 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali** ..... 7

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 553/2012 tad-19 ta' Ġunju 2012 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ..... 18

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 554/2012 tad-19 ta' Ġunju 2012 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ..... 20

**Prezz: EUR 4**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 555/2012 tat-22 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani, fir-rigward tal-aġġornament tar-rekwiżiti tad-dejta u d-definizzjonijiet** ............................ 22

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 556/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal spinosad fil-lampun jew fuqhom** ([1]) .................................. 67

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex .................................................................................. 81

DEĊIŻJONIJIET

2012/339/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2011 dwar l-għajnuna mill-istat Nru SA.26117 — C 2/10 (ex NN 62/09) mogħtija mill-Greċja lil Aluminium of Greece SA** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 4916)* ([1]) .................................................................... 83

2012/340/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2012 dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE fir-rigward tal-ispezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 4169)* ([1]) .................................................. 90

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tat-23 ta' April 2012

### dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra

(2012/338/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Novembru 1995, il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra [1] (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Ewro-Mediterranju") ġie ffirmat.

(2) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tmexxi negozjati sabiex tinkiseb liberalizzazzjoni akbar fil-kummerċ ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u prodotti tal-ħut ma' ċerti pajjiżi tal-Mediterran. In-negozjati mal-Iżrael kienu konklużi b'suċċess fit-18 ta' Lulju 2008. Ir-riżultati ta' dawk in-negozjati jinsabu fi Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istat tal-Iżrael li jikkonċerna miżuri ta' liberalizzazzjoni reċiproka fir-rigward ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati kif ukoll ta' ħut u prodotti tal-ħut, is-sostituzzjoni tal-Protokolli 1 u 2 u l-Annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra [2] (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim tal-2010"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

(3) Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-2010, il-Kummissjoni Ewropea u l-Iżrael kellhom għadd ta' laqgħat tekniċi relatati mal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk il-laqgħat urew li ċerti aġġustamenti tekniċi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju kienu meħtieġa sabiex ikun hemm konformità mal-impenji tal-Ftehimiet preċedenti bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istat tal-Iżrael, li daħlu fis-seħħ fl-2000 u fl-2006. Fid-19 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni u l-Iżrael ikkonkludew in-negozjati tal-aġġustamenti tekniċi neċessarji, li jinsabu fi Ftehim ġdid fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim").

(4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Annessi tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, huwa hawnhekk awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi [3].

[1] ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.
[2] ĠU L 313, 28.11.2009, p. 83.

[3] It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' April 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 551/2012

## tal-21 ta' Ġunju 2012

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Sabiex ikunu żgurati fornimenti suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni ta' ċerti prodotti li l-produzzjoni tagħhom mhijiex suffiċjenti fl-Unjoni u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fis-suq għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, infetħu kwoti tariffarji awtonomi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 7/2010 [1] li fi ħdanhom il-prodotti jistgħu jiġu impurtati b'rata ta' dazju żero jew rati mnaqqsa. Għall-istess raġunijiet huwa neċessarju li, għal żewġ prodotti, tinfetaħ b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, kwota tariffarja ġdida b'rata ta' dazju żero għal volum xieraq.

(2) Il-volumi tal-kwota, stabbiliti preċedentement, għall-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni bin-numri tal-ordni 09.2638, 09.2814 u 09.2889 mhumiex biżżejjed biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, dawk il-volumi tal-kwota għandhom jiżdiedu b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.

(3) Barra minn hekk, għall-kwota tariffarja awtonoma tal-Unjoni bin-numru tal-ordni 09.2633 d-deskrizzjoni tal-prodott għandha tiġi adattata.

(4) Barra minn hekk, għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.2767, ma għadux fl-interess tal-Unjoni li tkompli tagħti kwota tariffarja għat-tieni semestru tal-2012. Għalhekk, dik il-kwota tariffarja għandha tingħalaq b'effett mill-1 ta' Lulju 2012 u l-linja korrispondenti għandha titneħħa mill-Anness tar-Regolament (UE) Nru 7/2010.

(5) Ladarba ċerti miżuri stipulati f'dan ir-Regolament għandhom isiru effettivi mill-1 ta' Jannar 2012 u oħrajn mill-1 ta' Lulju 2012, dan ir-Regolament għandu japplika minn dawk l-istess dati u għandu jidħol fis-seħħ immedjatament mal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 7/2010 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 7/2010 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) il-linji bin-numri tal-ordni 09.2644 u 09.2645 stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament huma inseriti;

(2) il-linji għall-kwoti tariffarji bin-numru tal-ordni 09.2638, 09.2814 u 09.2889 huma sostitwiti mil-linji li jinsabu fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(3) il-linja għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2633 tinbidel bil-linja li tinsab fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(4) il-linja għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2767 titneħħa.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2012.

Madankollu, l-Artikolu 1(2) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

[1] ĠU L 3, 7.1.2010, p.1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. FREDERIKSEN

*ANNESS I*

**Kwoti tariffarji kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) u 1(3)**

| Numru tal-ordni | Kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Il-perjodu tal-kwota | Volum tal-kwota | Dazju fuq il-kwota (f%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2644 | ex 3824 90 97 | 96 | Preparat li jkun fih:<br>— 55 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 78 % ta' Glutarat Dimetiliku<br>— 10 % jew aktar iżda mhux aktar minn 28 % ta' Adipat Dimetiliku u<br>— mhux aktar minn 25 % ta' Suċċinat Dimetiliku | 1.7.-31.12. | 7 500 tunnellata | 0 |
| 09.2645 | ex 3921 14 00 | 20 | Blokka ċellulari ta' ċelluloża riġenerata, mimlija bl-ilma li jkun fih klorur tal-manjeżju u kompost tal-ammonju kwaternarju tad-daqs ta' 100 cm (± 10 cm) × 100 cm (± 10 cm) × 40 cm (± 5 cm) | 1.7.-31.12. | 650 tunnellata | 0 |
| 09.2633 | ex 8504 40 82 | 20 | Rettifikatur tal-elettriku, b'kapaċità ta' mhux aktar minn 1 kVA, biex jintuża fil-manifattura ta' apparat li jneħħi x-xagħar [1] | 1.1.-31.12. | 4 500 000 unitajiet | 0 |

[1] L-entrata taħt din is-sottointestatura hija soġġetta għall-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

*ANNESS II*

**Kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1(2)**

| Numru tal-ordni | Kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Il-perjodu tal-kwota | Volum tal-kwota | Dazju fuq il-kwota (f'%) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.2638 | ex 2915 21 00 | 10 | Aċtu aċetiku b'purità bil-piż ta' 99 % jew aktar (CAS RN 64-19-7) | 1.1.-31.12. | 1 000 000 tunnellata | 0 |
| 09.2889 | 3805 10 90 | | Termentina tas-sulfat | 1.1.-31.12. | 25 000 tunnellata | 0 |
| 09.2814 | ex 3815 90 90 | 76 | Katalizzatur magħmul mid-dijossidu tat-titanju u t-tijossidu tat-titanju | 1.1.-31.12. | 3 000 tunnellata | 0 |

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 552/2012

## tal-21 ta' Ġunju 2012

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1344/2011 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli, tas-sajd u industrijali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tissospendi totalment id-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni fuq numru ta' prodotti li bħalissa mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1344/2011 [1].

(2) Sitt prodotti bil-kodiċijiet TARIC 2914 39 00 20, 2918 30 00 50, 3206 11 00 20, 3815 12 00 20, 3815 12 00 30 u 8302 42 00 80, li attwalment huma elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1344/2011, għandhom jitħassru peress li ma għadux fl-interess tal-Unjoni li tmantni s-sospensjoni fuq id-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni għal dawn il-prodotti.

(3) Jeħtieġ li tiġi modifikata d-deskrizzjoni tal-prodott bil-kodiċi TARIC 2819 10 00 u tal-prodotti bil-kodiċijiet TARIC 2914 19 90 40, 2914 70 00 50, 2922 49 85 10, 3815 19 90 10, 3919 90 00 51, 3920 10 28 91, 3920 51 00 30, 3920 91 00 93, 8529 90 92 50 u 9401 90 80 10 fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1344/2011 sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi tekniċi tal-prodott u x-xejriet ekonomiċi fis-suq. Barra minn hekk, għandhom jinbidlu l-kodiċijiet TARIC eżistenti 2009 41 92 70, 2009 89 79 92 u 8505 19 90 31. Addizzjonalment, għall-prodott bil-kodiċi TARIC 3904 40 00 91 hija meqjusa meħtieġa l-klassifikazzjoni doppja.

(4) Dawk is-sospensjonijiet li għalihom jeħtieġ li jsiru modifiki tekniċi, għandhom jitħassru mil-lista ta' sospensjonijiet fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1344/2011 u għandhom jiddaħħlu mill-ġdid f'dik il-lista b'deskrizzjonijiet ġodda tal-prodott, jew b'kodiċijiet NM jew TARIC ġodda.

(5) Fid-dawl tan-natura temporanja tagħhom, is-sospensjonijiet elenkati fl-Anness I għandhom ikunu riveduti b'mod sistematiku, mhux aktar tard minn ħames snin wara l-applikazzjoni tagħhom jew wara li jkunu mġedda. Barra minn hekk, l-għeluq ta' ċerti sospensjonijiet għandu jiġi awtorizzat fi kwalunkwe ħin, bħala riżultat ta' proposta tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' reviżjoni mwettqa fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri jekk ma jkunx għadu fl-interess tal-Unjoni li s-sospensjonijiet jinżammu, jew minħabba żviluppi tekniċi tal-prodotti, jew minħabba li jkunu nbidlu ċ-ċirkostanzi, jew minħabba xejriet ekonomiċi fis-suq.

(6) Ladarba s-sospensjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom isiru effettivi mill-1 ta' Lulju 2012, dan ir-Regolament għandu japplika minn dik id-data u għandu jidħol fis-seħħ immedjatament mal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 1344/2011 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1344/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħlu l-linji għall-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) jitħassru l-linji għall-prodotti li għalihom il-kodiċijiet tan-NM u TARIC jinsabu fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. FREDERIKSEN

---

[1] ĠU L 349, 31.12.2011, p. 1.

*ANNESS I*

**Prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)**

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awto-nomi | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|
| ex 2009 41 92<br>ex 2009 41 99 | 20<br>70 | Meraq tal-ananas:<br>— mhux minn konċentrat<br>— tal-ġenus *Ananas,*<br>— b'valur Brix ta' 11 jew iktar iżda mhux iktar minn 16,<br>użat fil-manifattura ta' prodottti għall-industrija tal-bibiti ([1]) | 8 % | 31.12.2015 |
| ex 2009 89 79 | 20 | Konċentrat iffriżat tal-meraq tal-boysenberry b'valur Brix ta' 61 jew aktar, iżda mhux aktar minn 67, f'imballaġġ immedjat ta' 50 litru jew iktar | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2811 19 80 | 20 | Jodur tal-idroġenu (CAS RN 10034-85-2) | 0 % | 31.12.2016 |
| 2819 10 00 | | Trijossidu tal-kromju (CAS RN 1333-82-0) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2819 90 90 | 10 | Trijossidu tad-dikromju għall-użu fil-metalluriġija (CAS RN 1308-38-9) ([1]) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2826 90 80 | 15 | Eżafluworofosfat tal-litju (CAS RN 21324-40-3) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2850 00 20 | 40 | Tetraidrur tal-ġermanju (CAS RN 7782-65-2) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2903 39 90 | 15 | Perfluworo(4-metil-2-penten), (CAS RN 84650-68-0) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2903 89 90 | 40 | Eżabromoċiklododekan | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2907 29 00 | 40 | 2,3,5-Trimetilidrokinon (CAS RN 700-13-0) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2907 29 00 | 45 | 2-Metilidrokinon (CAS RN 95-71-6) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2909 20 00 | 10 | 8-Metossiċedran (CAS RN 19870-74-7) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2909 30 38 | 20 | 1,1'-Propan-2,2-diilbis[3,5-dibromo-4-(2,3-dibromopropossi)benżen], (CAS RN 21850-44-2) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2910 90 00 | 80 | Allyl glycidyl ether (CAS RN 106-92-3) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2914 19 90 | 40 | Pentan-2-one (CAS RN 107-87-9) | 0 % | 31.12.2012 |
| ex 2914 29 00 | 50 | *trans*-β-Damaskon (CAS RN 23726-91-2) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2914 50 00 | 40 | 4-(4-Idrossifenil)butan-2-on (CAS RN 5471-51-2) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2914 69 90 | 40 | *p*-Benżokinon (CAS RN 106-51-4) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2914 70 00 | 50 | 3'-Chloropropiophenone (CAS RN 34841-35-5) | 0 % | 31.12.2013 |
| ex 2916 12 00 | 50 | Akrilat ta' 2-idrossietil b'purità skont il-piż ta' 97 % jew aktar (CAS RN 818-61-1) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2916 31 00 | 10 | Benżoat tal-benżil (CAS RN 120-51-4) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2918 99 90 | 80 | 5-[2-Kloro-4-(trifluworometil)fenossi]-2-nitrobenżoat tas-sodju, (CAS RN 62476-59-9) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2919 90 00 | 50 | Fosfat tat-trietil (CAS RN 78-40-0) | 0 % | 31.12.2016 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|
| ex 2922 49 85 | 10 | Ornithine aspartate (INNM), (CAS RN 3230-94-2) | 0 % | 31.12.2013 |
| ex 2924 29 98 | 63 | *N*-Etil-2-(isopropil)-5-metilċikloeżankarbossammid (CAS RN 39711-79-0) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2928 00 90 | 30 | *N*-Isopropilidrossilammina (CAS RN 5080-22-8) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2930 90 99 | 13 | Merkaptammina, kloridrat (CAS RN 156-57-0) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2930 90 99 | 18 | 1-Metil-5-[3-metil-4-[4-[(trifluworometil)tijo]fenossi]fenil]bjuret, (CAS RN 106310-17-2) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2931 90 90 | 18 | Ossidu tat-triottilfosfina (CAS RN 78-50-2) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2932 99 00 | 20 | Etil-2-metil-1,3-diossolan-2-aċetat (CAS RN 6413-10-1) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2933 29 90 | 70 | Ċjażofammid (ISO), (CAS RN 120116-88-3) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2933 39 99 | 70 | 2,3-Dikloro-5-trifluworometilpiridina, (CAS RN 69045-84-7) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2933 39 99 | 72 | 5,6-Dimetossi-2-[(4-piperidinil)metil]indan-1-on, (CAS RN 120014-30-4) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2933 59 95 | 72 | Triaċetilganċiklovir (CAS RN 86357-14-4) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2933 69 80 | 72 | Trijażonju Dietilesil butamido (INCI), (CAS RN 154702-15-5) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2933 99 80 | 67 | Ester etiliku tal-Kandesartan (INNM), (CAS RN 139481-58-6) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2934 99 90 | 43 | Aċidu idrokloriku tal-klopidrogrel (CAS RN 144750-42-5) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2934 99 90 | 48 | Diidrat tal-propan-2-ol – 2-metil-4-(4-metilpiperażin-1-il)-10*H*-tijeno[2,3-b][1,5]benżodiażepina (1:2), (CAS RN 864743-41-9) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 2935 00 90 | 48 | Aċidu (3R,5S,6E)-7-[4-(4-fluworofenil)-2-[metil(metilsulfonil)ammino]-6-(propan-2-il)pirimidin-5-il]-3,5-diidrossiett-6-enojku – 1-[(R)-(4-klorofenil)(fenil)metil]piperażina (1:1), (CAS RN 1235588-99-4) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3204 12 00 | 10 | Żebgħa C.I. Acid Blue 9 | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3204 17 00 | 15 | Żebgħa C.I. Pigment Green 7 | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3204 17 00 | 20 | Żebgħa C.I. Pigment Blue 15:3 | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3204 17 00 | 25 | Żebgħa C.I. Pigment Yellow 14 | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3204 17 00 | 35 | Żebgħa C.I. Pigment Red 202 | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3204 17 00 | 45 | Żebgħa C.I. Pigment Violet 27 | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3204 20 00 | 20 | Żebgħa C.I. Fluorescent Brightener 71 | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3204 20 00 | 30 | Żebgħa C.I. Fluorescent Brightener 351 | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3205 00 00 | 20 | Żebgħa C.I. Carbon Black 7 Lake | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3206 19 00 | 10 | Preparazzjoni li skont il-piż fiha:<br>— 72 % (± 2 %) ta' mica u<br>— 28 % (± 2 %) ta' diossidu tat-titanju | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3801 90 00 | 10 | Grafit li jespandi (CAS RN 90387-90-9 u CAS RN 12777-87-6) | 0 % | 31.12.2016 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|
| ex 3812 30 80 | 55 | Stabilizzatur tal-UV, li fih:<br>— 2-(4,6-bis(2,4-dimetilfenil)-1,3,5-triażin-2-il)-5-(ottilossi)-fenol (CAS RN 2725-22-6) u<br>— jew N,N'-bis(1,2,2,6,6-pentametil-4-piperidinil)-1,6-eżandiamina, polimeru b'2,4-dikloro-6-(4-morfolinil)-1,3,5-triażina (CAS RN 193098-40-7) inkella<br>— N,N'-bis(2,2,6,6-tetrametil-4-piperidinil)-1,6-eżandiamina, polimeru b'2,4-dikloro-6-(4-morfolinil)-1,3,5-triażina (CAS RN 82451-48-7) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3812 30 80 | 60 | Stabilizzatur tad-dawl, li fih esteri tal-alkil mifruqa u lineari ta' 3-(2H-Benżotriażolil)-5-(1,1-di-metiletil)-4-aċidu tal-idrossi-benżenpropanojku (CAS RN 127519-17-9) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3812 30 80 | 65 | Stabilizzatur għal materjal tal-plastik li fih:<br>— 2-etileżil 10-etil-4,4-dimetil-7-osso-8-ossa-3,5-ditija-4-stannatetradekanoat (CASRN57583-35-4),<br>— 2-etileżil 10-etil-4-[[2-[(2-etileżil)ossi]-2-ossoetil]tijo]-4-metil-7-osso-8-ossa-3,5-ditja-4-stannatetradekanoat (CASRN57583-34-3), u<br>— 2-etileżil merkaptoaċetat (CASRN7659-86-1) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3812 30 80 | 70 | Stabilizzatur tad-dawl li fih:<br>— esteri tal-alkil mifruqa u lineari ta' 3-(2H-benżotriażolil)-5-(1,1-dimetiletil)-4-aċidu tal-idrossibenżenpropanojku (CAS RN 127519-17-9), u<br>— 1-metossi-2-aċetat tal-propil (CAS RN 108-65-6) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3815 19 90 | 10 | Katalizzaturi li fihom trijossidu tal-kromju, trijossidu tad-dikromju jew komposti orgonometalliċi ta' kromju mwaħħla fuq struttura tad-diossidu tas-siliċju, b'volum tal-pori ta' 2 $ċm^3$/g jew aktar (kif stabbilit mill-metodu tal-assorbiment tan-nitroġenu) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3815 19 90 | 87 | Katodju, f'rollijiet, għal batteriji ċellulari taż-żingu f'forma ta' buttuna (batteriji għal apparat tas-smigħ) ([1]) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8506 90 00 | 10 | | | |
| ex 3817 00 80 | 30 | Alkilnaftaleni imħallta, immodifikati b'katini ta' alifatik, b'tul ta' katina li jvarja minn 12 sa 56 atomu tal-karbonju | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3824 90 97 | 26 | Dispersjoni milwiema, li fiha skont il-piż:<br>— 76 % (± 0,5 %) ta' karbur tas-siliċju(CAS RN 409-21-2)<br>— 4,6 % (± 0,05 %) ta' ossidu tal-aluminju (CAS RN 1344-28-1) u<br>— 2,4 % (± 0,05 %) ta' ossidu tal-ittriju (CAS RN 1314-36-9) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3824 90 97 | 31 | Taħlita li fiha skont il-piż:<br>— 70 % jew aktar imma mhux aktar minn 80 % ta' bis(1,2,2,6,6-pentametil-4-piperidil)sebakat (CAS RN 41556-26-7) u<br>— 20 % jew aktar imma mhux aktar minn 30 % ta' metil-1,2,2,6,6-pentametil-4-piperidil sebakat (CAS RN 82919-37-7) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3824 90 97 | 32 | Taħlita ta':<br>— karbonat bażiku taż-żirkonju (CAS RN 57219-64-4) u<br>— karbonat taċ-ċerju (CAS RN 537-01-9) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3824 90 97 | 33 | Preparazzjoni li fiha:<br>— ossidu tat-triottilfosfina (CAS RN 78-50-2),<br>— ossidu tad-diottileżilfosfina (CAS RN 31160-66-4)<br>— ossidu tal-ottildieżilfosfina (CAS RN 31160-64-2) u<br>— ossidu tat-trieżilfosfina (CAS RN 597-50-2) | 0 % | 31.12.2016 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|
| ex 3903 90 90<br>ex 3911 90 99 | 60<br>60 | Kopolimer ta' stiren b'anidride malejka, li huwa jew parzjalment esterifikat jew kompletament kimikament modifikat, ta' piż molekulari skont il-medja tal-piż ($M_n$) ta' mhux aktar minn 4 500, fil-forma ta' qxur jew trab | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3904 30 00<br>ex 3904 40 00 | 30<br>91 | Kopolimeru ta' vinyl chloride b'vinyl acetate u vinyl alcohol, li fih, f'piż<br>— 87 % jew aktar iżda mhux aktar minn 92 % vinyl chloride,<br>— 2 % jew aktar iżda mhux aktar minn 9 % vinyl acetate u<br>— 1 % jew aktar iżda mhux aktar minn 8 % vinyl alcohol,<br>f'waħda mill-forom imsemmija fin-nota 6 (a) jew (b) tal-Kapitolu 39 għall-fabbrikazzjoni tal-oġġetti tas-subintestatura Nru 3215 jew 8523 jew għall-użu fil-fabbrikazzjoni tal-kisi għal reċipjenti u sistemi ta' għeluq tat-tip użat għall-ippreżervar ta' ikel u xorb ([1]) | 0 % | 31.12.2013 |
| ex 3907 20 11 | 50 | [3-[3-(2H-Benżotriażol-2-il)-5-(1,1-dimetiletil)-4-idrossifenil]-1-ossopropil]-idrossipoli(osso-1,2-etandiil) (CAS RN 104810-48-2) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3907 20 11 | 60 | Preparazzjoni li fiha:<br>— α-[3-[3-(2H-Benżotriażol-2-il)-5-(1,1-dimetiletil)-4-idrossifenil]-1-ossopropil]-ω-idrossipoli(ossi-1,2-etandiil) (CAS RN 104810-48-2) u<br>— α-[3-[3-(2H-Benżotriażol-2-il)-5-(1,1-dimetiletil)-4-idrossifenil]-1-ossopropil]-ω-[3-[3-(2H-benżotriażol-2-il)-5-(1,1-dimetiletil)-4-idrossifenil]-1-ossopropossi]poli(ossi-1,2-etandiil) (CAS RN 104810-47-1) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3912 20 11 | 10 | Nitroċellulożju | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3919 10 80<br>ex 3919 90 00 | 80<br>83 | Tejp akriliku mqiegħed f'rombli:<br>— jeħel waħdu miż-żewġ naħat,<br>— bi ħxuna totali ta' 0,04 mm jew aktar, imma mhux aktar minn 1,25 mm,<br>— b'wisa' totali ta' 5 mm jew aktar, imma mhux aktar minn 1 205 mm<br>għall-użu fil-manifattura tal-prodotti tal-intestaturi 8521 u 8528 ([1]) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3919 90 00 | 51 | Pellikola f'orjentament biassjali ta' poli(metil metakrilat), bi ħxuna ta' 50 µm jew aktar imma li ma taqbiżx d-90 µm, mgħottija minn naħa minnhom b'saff adeżiv u folja ta' protezzjoni li titneħħa (release sheet) | 0 % | 31.12.2013 |
| ex 3919 90 00 | 85 | Pellikola b'diversi saffi ta' poli(metil metakrilat) u saffi metallizzati ta' fidda u ram:<br>— li għandha rifless minimu ta' 93,5 % kif stabbilit mill-ASTM G173-03,<br>— mgħotti minn naħa waħda b'saff ta' polietilen li jista' jitneħħa,<br>— mgħotti minn naħa l-oħra b'kolla tal-akriliku li teħel permezz tal-pressjoni u b'kisja tal-poliester silikonizzat | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3919 90 00 | 87 | Pellikola trasparenti li teħel waħedha, li għandha trażmissjoni ta' aktar minn 90 % u viżibilità ta' anqas minn 3 % (kif stabbilit mill-ASTM D1003), li fih diversi livelli li jinkludu:<br>— saff tal-akriliku li jeħel ta' ħxuna ta' 20 µm jew aktar imma mhux aktar minn 70 µm,<br>— saff abbażi ta' poliuretan bi ħxuna ta' 100 µm jew aktar imma mhux aktar minn 300 µm | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3920 10 28 | 91 | Pellikola tal-poli(etilen) stampata b'disinn grafiku, li jinkiseb permezz li jiġu użati erba' kuluri bażi tal-linka flimkien ma' kuluri speċjali, sabiex jinkisbu kuluri differenti tal-linka fuq naħa waħda tal-pellikola, u kulur wieħed fuq in-naħa l-oħra, id-disinn grafiku għandu wkoll dawn il-karatteristiċi li ġejjin:<br>— ripetut u mbiegħed ugwalment tul il-pellikola<br>— allinjat b'mod identiku kemm meta wieħed iħares lejn il-pellikola minn wara kif ukoll minn quddiem | 0 % | 31.12.2013 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|
| ex 3920 20 21 | 40 | Folji ta' pellikola tal-polipropilen f'orjentazzjoni biassjali:<br>— bi ħxuna ta' mhux aktar minn 0,1 mm,<br>— stampat fuq żewġ naħat b'kisjiet speċjali sabiex jippermettu s-sigurtà fl-istampar tal-karti tal-flus | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3920 20 29 | 50 | Folja ta' polipropilen fil-forma ta' roll: | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8507 90 30 | 95 | — bi ħxuna ta' mhux aktar minn 30 μm,<br>— ta' wisa' ta' mhux aktar minn 210 mm,<br>— u konformi ma' ASTM D882,<br>għal użu fil-manifattura ta' separaturi għall-batteriji tal-joni tal-litju għall-karozzi tal-elettriku ([1]) | | |
| ex 3920 51 00 | 30 | Pellikola f'orjentament biassjali ta' poli(metil metakrilat), bi ħxuna ta' 50 μm jew aktar imma li ma taqbiżx d-90 μm | 0 % | 31.12.2013 |
| ex 3920 91 00 | 93 | Pellikola tal-poli(etilen tereftalat), kemm jekk metalizzat kif ukoll jekk le fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat, jew pellikola laminata tal-poli(etilen tereftalat), metalizzat fuq il-ġnub esterni biss, u li għandu dawn il-karattertistiċi li ġejjin:<br>— trażmissjoni tad-dawl viżibbli ta' 50 % jew aktar,<br>— miksi fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat minn saff tal-poli(vinil butiral) imma mhux miksi b'kolla jew kwalunkwe materjal ieħor għajr il-poli(vinil butiral),<br>— ħxuna totali li mhix aktar minn 0,2 mm mingħajr ma titqies il-preżenza tal-poli(vinil butiral), u ħxuna ta' poli(vinil butiral) ta' mhux aktar minn 0,2 mm<br>għall-użu fil-fabbrikazzjoni ta' ħġieġ laminat termoriflettenti jew dekorattiv ([1]) | 0 % | 31.12.2013 |
| ex 3921 90 90 | 10 | Roll ta' laminat tal-metall-polimeru magħmul minn: | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8507 90 80 | 50 | — saff ta' poli(etilen tereftalat),<br>— saff ta' aluminju,<br>— saff ta' polipropilen,<br>— b'wisa' ta' mhux aktar minn 275 mm,<br>— total tal-ħxuna ta' mhux aktar minn 165 μm, u<br>— konformi ma' ASTM D1701-91 u ASTM D882-95 A<br>għal użu fil-manifattura ta' batteriji tal-joni tal-litju għall-karozzi tal-elettriku ([1]) | | |
| ex 3923 10 00 | 10 | Kaxxi għal fotomask:<br>— li jikkonsistu f'materjali antistatiċi jew ta' termoplastik imħallat li jistabbilixxu skariki elettrostatiċi speċjali (ESD special electrostatic discharge) u karatteristiċi sabiex jitneħħa l-gass inkorporat f'oġġetti solidi,<br>— b'karatteristiċi tal-wiċċ li mhux poruż, reżistenti għall-brix jew reżistenti għall-impatti,<br>— mgħammra b'sistema ta' qafas mfassal apposta li jipproteġi il-fotomask minn ħsara fil-wiċċ jew superfiċjali u<br>— b'gaskit għas-siġill jew mingħajru,<br>ta' tip użat fil-produzzjoni tal-fotolitografija biex iżomm il-fotomasks | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 3926 90 97 | 80 | Partijiet ta' pannelli ta' quddiem ta' radju tal-karozza<br>— tal-akrilonitril-butadjen-stiren b'polikarbonat jew mingħajru,<br>— miksi b'saffi tar-ram, nikil u krom,<br>— b'ħxuna totali tal-kisja ta' 5,54 μm jew aktar imma mhux aktar minn 22,3 μm | 0 % | 31.12.2016 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|
| ex 7318 14 99 | 20 | Bolt li jidħol fil-ġebel: | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 7318 14 99 | 29 | — li huwa vit self-tapping,<br>— b'tul itwal minn 300 mm,<br>ta' tip użat għall-appoġġ fil-minjieri | | |
| ex 7326 90 98 | 40 | Struttura pedestalli għat-televiżjoni bil-parti ta' fuq tal-metall għat-twaħħil u l-istabbilizzazzjoni tal-apparat televiżiv | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8529 90 49 | 10 | | | |
| ex 8529 90 92 | 60 | | | |
| ex 7410 11 00 | 10 | Roll ta' fojl tal-laminat tal-grafit u r-ram, li jkollu: | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8507 90 80 | 60 | — wisa' ta' 610 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 620 mm, u | | |
| ex 8545 90 90 | 30 | — dijametru ta' 690 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 710 mm,<br>għal użu fil-manifattura ta' batteriji tal-joni tal-litju għall-karozzi tal-elettriku (1) | | |
| ex 7410 22 00 | 10 | Pjanċa maqtugħa minn fojl tar-ram ibbanjat fin-nikil, li jkollha: | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8507 90 80 | 70 | — wisa' ta' 70 mm (± 5 mm),<br>— ħxuna ta' 0,4 mm (± 0,2 mm),<br>— u tul ta' mhux aktar minn 55 mm,<br>għal użu fil-manifattura ta' batteriji tal-joni tal-litju għall-karozzi tal-elettriku (1) | | |
| ex 7607 11 90 | 40 | Rombli tal-folji tal-aluminju:<br>— b'purità ta' 99,99 % skont il-piż,<br>— bi ħxuna ta' 0,021 mm jew aktar, imma mhux aktar minn 0,2 mm,<br>— b'wisa' ta' 500 mm,<br>— b'saff tal-ossidu fil-wiċċ bejn 3 u 4 nm ħxuna,<br>— u bi struttura kubika ta' aktar minn 95 % | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 7607 19 90 | 10 | Folja fil-forma ta' roll li tikkonsisti minn laminat tal-litju u l-manganiż magħqud mal-aluminju, li jkollha: | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8507 90 80 | 80 | — wisa' ta' 595 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 605 mm, u<br>— dijametru ta' 690 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 710 mm,<br>għal użu fil-manifattura ta' katodi għall-batteriji tal-joni tal-litju għall-karozzi tal-elettriku (1) | | |
| ex 7616 99 90 | 70 | Konnetturi li jiġu użati fil-produzzjoni tax-xafts tar-rotor għad-denb tal-ħelikopter (1) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8482 80 00 | 10 | | | |
| ex 8803 30 00 | 40 | | | |
| ex 8108 90 30 | 40 | Wajer magħmul minn lega tat-titanju li fih piż ta'<br>— 22 % (± 3 %) ta' vanadju u<br>— 4 % (± 0,5 %) ta' aluminju | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8108 90 50 | 70 | Strixxa magħmula minn lega tat-titanju, li fiha piż ta'<br>— 15 % (± 1 %) ta' vanadju<br>— 3 % (± 0,5 %) ta' kromu<br>— 3 % (± 0,5 %) ta' landa u<br>— 3 % (± 0,5 %) ta' aluminju | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8108 90 50 | 75 | Pjanċi, folji, strixxi u fojl magħmula minn lega tat-titanju, li fihom piż ta':<br>— 0,3 % jew aktar, imma mhux aktar minn 0,7 % ta' aluminju u<br>— 0,25 % jew aktar, imma mhux aktar minn 0,6 % ta' siliċju | 0 % | 31.12.2016 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|
| ex 8108 90 50 | 80 | Pjanċi, folji, strixxi u fojl tal-lega tat-Titanju irrumblati fil-ksieħ, li fihom piż mhux aktar minn:<br>— 0,25 % ta' ħadid,<br>— 0,20 % ta' ossiġnu,<br>— 0,08 % ta' karbonju,<br>— 0,03 % ta' nitroġenu u<br>— 0,013 % ta' idroġenu | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8108 90 90 | 20 | Partijiet ta' frejms ta' nuċċalijiet u muntaturi, fosthom bolts tat-tip użat għal frejms tan-nuċċalijiet u muntaturi, magħmula minn lega tat-titanju | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 9003 90 00 | 10 | | | |
| ex 8113 00 20 | 10 | Blokok tas-cermet li fihom piż ta' 60 % jew aktar ta' aluminju u 5 % jew aktar ta' karbur tal-boron | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8409 91 00 | 10 | Manifold tal-ħruġ ta' duħħan konformi mal-istandard DIN EN 13835, kemm jekk mgħammar b'housing tat-turbina u kemm jekk le, b'erba' portijiet tad-dħul, għall-użu fil-manifattura ta' manifolds tal-ħurġ ta' duħħan li jiġu mibdula, jinħadmu, jittaqqbu u/jew ipproċessati b'mezzi (1) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8409 99 00 | 20 | | | |
| ex 8414 59 80 | 40 | B'kurrent tanġenzjali; | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8414 90 00 | 60 | — għoli 575 mm (± 1,0 mm) jew aktar, iżda ma jaqbiżx it-850 mm (± 1,0 mm),<br>— b'dijametru ta' 95 mm (± 0,6 mm) jew 102 mm (± 0,6 mm),<br>— magħmul minn plastika antistatika, antibatterika u li tiflaħ għas-shana, imsaħħa bi 30 % fibra tal-ħġieġ, li tiflaħ għal temperatura ta' mill-inqas 70 °C (± 5 °C),<br>biex jintuża fil-manifattura tal-kundizzjonaturi tal-arja tat-tip split li jeħlu fuq ġewwa (1) | | |
| ex 8501 31 00 | 60 | Mutur b'kurrent dirett bla brushes li jista' jdawwar kontra d-direzzjoni tal-arloġġ:<br>— b'vultaġġ tad-dħul ta' 264 V jew aktar, iżda mhux aktar minn 391 V<br>— b'dijametru estern ta 81 mm (± 2,5 mm) jew aktar, iżda mhux aktar minn 150 mm (± 0,8 mm),<br>— b'saħħa tal-output mhux aktar minn 125 W,<br>— b'insulazzjoni tal-bobina b'klassi E jew B,<br>għal użu fil-manifattura ta' unitajiet ta' ġewwa jew ta' barra ta' magni tal-arja kondizzjonata tat-tip li jaħdmu b'żewġ sistemi (1) | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8504 40 82 | 40 | Bord ta' ċirkwit stampat mgħammar b'ċirkwit ta' pont retifikatur u komponenti attivi u passivi oħra u li għandu:<br>— żewġ konnetturi tal-output;<br>— żewġ konneturi tal-input li huma disponibbli u utilizzabbli b'mod parallel;<br>— kapaċità li jaqleb bejn modi ta' operazzjoni qawwijja u baxxi;<br>— voltaġġ ta' input ta' 40 V (+ 25 % –15 %) jew 42 V (+ 25 % –15 %) meta jkun qawwi, u voltaġġ ta' input ta' 30 V (± 4 V) meta jkun baxx, jew;<br>— voltaġġ ta' input ta'230 V (+ 20 % –15 %) meta jkun qawwi, u voltaġġ ta' input ta' 160 V (± 15 %)meta jkun baxx, jew;<br>— voltaġġ ta' input ta' 120 V (15 % –35 %) meta jkun qawwi, u voltaġġ ta' input ta' 60 V (± 20 %) meta jkun baxx;<br>— kurrent tal-input li jilħaq it-80 % tal-valur nominali f'20ms;<br>— frekwenza tal-input ta' 45 Hz jew iżjaed, iżda mhux iżjed minn 65 Hz għal 42 V u 230 V, u 45-70Hz għal verżjonijiet ta' 120 V;<br>— qbiż tal-kurrent massimu instantanju tal-input (inrush current overshoot) ta' mhux iktar minn 250 % tal-kurrent tal-input; | 0 % | 31.12.2012 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|
| | | — perjodu ta' qbiż tal-kurrent massimu instantanju tal-input ta' mhux iktar minn 100ms;<br>— nuqqas tal-kurrent tal-input (input current undershoot) ta' mhux inqas minn 50 % tal-kurrent tal-input;<br>— perjodu ta' nuqqas tal-kurrent tal-input ta' mhux ikatr minn20ms;<br>— kurrent tal-output li jista' jiġi ssettjat minn qabel;<br>— kurrent tal-output li jilħaq id-90 % tal-valur nominali ssettjat minn qabel fi żmien 50ms;<br>— kurrent tal-output li jilħaq iż-żero fi 30ms wara li jitneħħa l-voltaġġ tal-input;<br>— status ta' ħsara definit f'każ tal-ebda tagħbija jew tagħbija għolja wisq (funzjoni għal meta ma jistawx jibqgħu jkunu użat) | | |
| ex 8505 11 00 | 31 | Kalamita permanenti b'manjetiżmu residwu ta' 455 mT (± 15 mT) | 0 % | 31.12.2013 |
| ex 8505 11 00 | 40 | Ċirku tan-neodimju-ħadid, b'dijametru estern li ma jaqbiżx 13 mm, dijametru intern li ma jaqbiżx 9 mm | 0 % | 31.12.2013 |
| ex 8507 60 00 | 65 | Batterija ċilindrika tal-joni tal-litju bi<br>— 3,5 VDC sa 3,8 VDC,<br>— 300 mAh sa 900 m Ah u<br>— dijametru ta' 10.0 mm sa 14.5 mm | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8507 60 00 | 75 | Akkumulatur tal-joni tal-litju rettangolari, bi<br>— kejsing tal-metall,<br>— tul ta' 173 mm (± 0,15 mm),<br>— wisa' ta' 21 mm (± 0,1 mm),<br>— għoli ta' 91 mm (± 0,15 mm),<br>— vultaġġ nominali ta' 3,3 V u,<br>— kapaċità nominali ta' 21 Ah jew aktar | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8529 90 92 | 50 | Pannell tad-display bil-kulur tal-LCD għall-moniters LCD tal-intestatura 8528:<br>— b'kejl dijagonali tal-iskrin ta' 14,48 ċm jew aktar, imma mhux aktar minn 31,24 ċm,<br>— b'dawl fl-isfond, mikro-kontrollur,<br>— B'kontrollur CAN (Controller area network) b'interface LVDS (Low-voltage differential signaling) u CAN/sokit tal-alimentazzjoni jew kontrollur APIX (Automotive Pixel Link) b'interface APIX,<br>— f'kisja bil-parti ta' wara jew mingħajrha li tarmi s-sħana,<br>— mingħajr modulu li jipproċessa s-sinjali,<br>għall-użu fil-manifattura ta' vetturi tal-kapitolu 87 ([1]) | 0 % | 31.12.2015 |
| ex 8708 80 99 | 10 | Bastun taċ-ċilindru għall-assorbiment tax-xokkijiet użat f'sistemi ta' sospensjoni għall-vetturi b':<br>— dijametru ta'12,4 mm jew aktar fil-punt l-aktar wiesa' tiegħu, iżda mhux aktar minn 28 mm<br>— tul ta' 236,5 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 563,5 mm | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 8803 30 00 | 50 | Xaftijiet mhux maħduma ta' rotor għal ħelikopter<br>— b'sezzjoni trasversali ċirkolari<br>— b'tul ta' 1 249,68 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 1 496,06 mm<br>— b'dijametru estern ta' 81,356 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 82,2198 mm<br>— iż-żewġ trufijiet tagħhom huma milwijin biex ikollhom dijametru estern ta' 63,8683 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 66,802 mm<br>— trattati bis-sħana skont l-istandards MIL-H-6088, AMS 2770 jew AMS 2772 | 0 % | 31.12.2016 |

| Il-kodiċi tan-NM | TARIC | Deskrizzjoni | Ir-rata ta' dazji awtonomi | Data prevista għal reviżjoni mandatorja |
|---|---|---|---|---|
| ex 9001 10 90 | 30 | Fibrottika polimera bi:<br>— qalba tal-polimetilmetakrilat,<br>— kisja ta' polimeru fluworinat,<br>— dijametru ta' mhux iktar minn 30 mm, mm<br>— tul ta' iktar minn 150 m<br>tat-tip użat fil-manifattura tal-kejbils tal-fibra tal-polimeru | 0 % | 31.12.2016 |
| ex 9401 90 80 | 10 | Disketti bis-snien tat-tip li jintużaw fil-manifattura ta' sedili tal-karozzi li jitilgħu u jinżlu | 0 % | 31.12.2015 |

(1) Is-sospensjoni tad-dazji hija soġġetta għall-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253 11.10.1993, p. 1).

*ANNESS II*

**Prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)**

| Kodiċi tan-NM | TARIC |
|---|---|
| 2009 41 92 | 70 |
| 2009 41 99 | 70 |
| 2009 89 79 | 92 |
| 2819 10 00 | |
| 2914 19 90 | 40 |
| 2914 39 00 | 20 |
| 2914 70 00 | 50 |
| 2918 30 00 | 50 |
| 2922 49 85 | 10 |
| 3206 11 00 | 20 |
| 3815 19 90 | 10 |
| 3815 12 00 | 20 |
| 3815 12 00 | 30 |
| 3904 40 00 | 91 |
| 3919 90 00 | 51 |
| 3920 10 28 | 91 |
| 3920 51 00 | 30 |
| 3920 91 00 | 93 |
| 8302 42 00 | 80 |
| 8505 19 90 | 31 |
| 8529 90 92 | 50 |
| 9401 90 80 | 10 |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 553/2012**

**tad-19 ta' Ġunju 2012**

**dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ħariġx opinjoni fi żmien l-iskadenza iffissata mill-President,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

| Strumenti tad-dejn tal-IDB bejn l-assoċjati (il-UCP huwa residenti fil-pajjiż tar-rappurtaġġ) | Geo 5 | Geo 5 | Geo 5 |
| **Investiment dirett fl-ekonomija tar-rappurtaġġ (IDER)** | Geo 6 | Geo 5 | Geo 5 |
| **Ekwità tal-IDER** | Geo 5 | Geo 5 | Geo 5 |
| Ekwità tal-IDER (għajr l-ekwità bejn l-intrapriżi assoċjati) | Geo 5 | Geo 5 | Geo 5 |
| Ekwità tal-IDER bejn l-intrapriżi assoċjati (il-UCP mhuwiex residenti fil-pajjiż tar-rappurtaġġ) | Geo 5 | Geo 5 | Geo 5 |
| *Li minnhom:* il-UCP huwa residenti f'pajjiż ieħor taż-żona tal-euro | Geo 5 | | |
| Il-UCP huwa residenti fl-UE iżda barra miż-żona tal-euro | Geo 5 | | |
| Il-UCP huwa residenti barra mill-UE | Geo 5 | | |
| **Strumenti tad-dejn tal-IDER** | Geo 5 | Geo 5 | Geo 5 |
| Strumenti tad-dejn tal-IDER (għajr id-dejn bejn l-intrapriżi assoċjati) | Geo 5 | Geo 5 | Geo 5 |
| Strumenti tad-dejn tal-IDER bejn l-assoċjati (il-UCP mhuwiex residenti fil-pajjiż tar-rappurtaġġ) | Geo 5 | Geo 5 | Geo 5 |
| *Li minnhom:* il-UCP huwa residenti f'pajjiż ieħor taż-żona tal-euro | Geo 5 | | |
| Il-UCP huwa residenti fl-UE iżda barra miż-żona tal-euro | Geo 5 | | |
| Il-UCP huwa residenti barra mill-UE | Geo 5 | | |
| **ENTITAJIET RESIDENTI GĦAL SKOP SPEĊJALI** | | | |
| **Investiment dirett barrani (IDB)** | Geo 5 | Geo 5 | Geo 5 |
| **Investiment dirett fl-ekonomija tar-rappurtaġġ (IDER)** | Geo 5 | Geo 5 | Geo 5 |

*Tabella 5.2: Pożizzjonijiet tal-Investiment Dirett: Tqassim ġeografiku u skont l-attività*

***Data ta' skadenza: T+21 xhur***
***Frekwenza: annwali***
***L-ewwel perjodu ta' referenza: 2013***

| | Tip ta' dejta | Analiżi statistika ġeografika | Analiżi statistika skont l-attività NACE REV2 |
|---|---|---|---|
| **L-UNITAJIET RESIDENTI KOLLHA** | | | |
| **Investiment dirett barrani (IDB)** | Pożizzjonijiet netti | Geo 5 | Livell 1 |
| | | Geo 4 | Livell 2 |
| **Investiment dirett fl-ekonomija tar-rappurtaġġ (IDER)** | Pożizzjonijiet netti | Geo 5 | Livell 1 |
| | | Geo 4 | Livell 2 |
| **ENTITAJIET RESIDENTI GĦAL SKOP SPEĊJALI** | | | |
| **Investiment dirett barrani (IDB)** | Pożizzjonijiet netti | Geo 5 | Livell 1 |
| **Investiment dirett fl-ekonomija tar-rappurtaġġ (IDER)** | Pożizzjonijiet netti | Geo 5 | Livell 1 |

*Tabella 6*

**Livelli ta' analiżi ġeografika**

| GEO 1 | GEO 2 | GEO 3 |
|---|---|---|
| IL-BQIJA TAD-DINJA | IL-BQIJA TAD-DINJA | IL-BQIJA TAD-DINJA |
| | Żona tal-Euro | ĠEWWA L-UNJONI |
| | Żona barra tal-Euro | BARRA MILL-UNJONI |
| | | Żona tal-Euro |
| | | Żona barra tal-Euro |

| GEO 4 | GEO 5 | GEO 6 |
|---|---|---|
| IL-BQIJA TAD-DINJA | IL-BQIJA TAD-DINJA | IL-BQIJA TAD-DINJA |
| | L-EWROPA | L-EWROPA |
| Stati Membri tal-Unjoni mhux fiż-żona tal-euro [1] | Il-Belġju | Il-Belġju |
| | Il-Bulgarija | Il-Bulgarija |
| | Ir-Repubblika Ċeka | Ir-Repubblika Ċeka |
| | Id-Danimarka | Id-Danimarka |
| | Il-Ġermanja | Il-Ġermanja |
| | L-Estonja | L-Estonja |
| | L-Irlanda | L-Irlanda |
| | Il-Greċja | Il-Greċja |
| | Spanja | Spanja |
| | Franza | Franza |
| | L-Italja | L-Italja |
| | Ċipru | Ċipru |
| | Il-Latvja | Il-Latvja |
| | Il-Litwanja | Il-Litwanja |
| | Il-Lussemburgu | Il-Lussemburgu |
| | L-Ungerija | L-Ungerija |
| | Malta | Malta |
| | Il-Pajjiżi l-Baxxi | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| | L-Awstrija | L-Awstrija |
| | Il-Polonja | Il-Polonja |
| | Il-Portugall | Il-Portugall |
| | Ir-Rumanija | Ir-Rumanija |
| | Is-Slovenja | Is-Slovenja |
| | Is-Slovakkja | Is-Slovakkja |
| | Il-Finlandja | Il-Finlandja |
| | L-Isvezja | L-Isvezja |
| | Ir-Renju Unit | Ir-Renju Unit |
| | L-Islanda | L-Islanda |
| | Il-Liechtenstein | Il-Liechtenstein |
| | In-Norveġja | In-Norveġja |

| GEO 4 | GEO 5 | GEO 6 |
|---|---|---|
| L-Isvizzera | L-Isvizzera | L-Isvizzera |
| | PAJJIŻI EWROPEJ OĦRA | PAJJIŻI EWROPEJ OĦRA |
| | | L-Albanija |
| | | Andorra |
| | | Il-Belarus |
| | | Il-Bosnja-Ħerzegovina |
| | Il-Kroazja | Il-Kroazja |
| | | Il-Gżejjer Faroe |
| | | Ġibiltà |
| | | Guernsey |
| | | Is-Santa Sede (Il-Belt tal-Vatikan) |
| | | Il-Gżira ta' Man |
| | | Jersey |
| | | Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja |
| | | Il-Moldova |
| | | Il-Montenegro |
| Ir-Russja | Ir-Russja | Ir-Russja |
| | | Is-Serbja |
| | | San Marino |
| | It-Turkija | It-Turkija |
| | | L-Ukraina |
| | L-AFRIKA | L-AFRIKA |
| | L-AFRIKA TA' FUQ | L-AFRIKA TA' FUQ |
| | | L-Alġerija |
| | L-Eġittu | L-Eġittu |
| | | Il-Libja |
| | Il-Marokk | Il-Marokk |
| | | It-Tuneżija |
| | PAJJIŻI AFRIKANI OĦRA | PAJJIŻI AFRIKANI OĦRA |
| | | L-Angola |
| | | Il-Benin |
| | | Il-Botswana |
| | | It-Territorju Britanniku tal-Oċean Indjan |
| | | Burkina Faso |
| | | Il-Burundi |
| | | Il-Kamerun |
| | | Il-Kap Verde |
| | | Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana |
| | | Iċ-Ċad |
| | | Il-Komoros |

| GEO 4 | GEO 5 | GEO 6 |
|---|---|---|
| | | Il-Kongo |
| | | Il-Côte d'Ivoire |
| | | Ir-Repubblika Demokratika Tal-Kongo |
| | | Ġibuti |
| | | Il-Ginea Ekwatorjali |
| | | L-Eritrea |
| | | L-Etjopja |
| | | Il-Gabon |
| | | Il-Gambja |
| | | Il-Gana |
| | | Il-Ginea |
| | | Il-Ginea Bissaw |
| | | Il-Kenja |
| | | Il-Lesoto |
| | | Il-Liberja |
| | | Il-Madagaskar |
| | | Il-Malawi |
| | | Mali |
| | | Il-Mawritanja |
| | | Il-Mawrizju |
| | | Il-Możambik |
| | | In-Namibja |
| | | In-Niġer |
| | In-Niġerja | In-Niġerja |
| | L-Afrika t'Isfel | L-Afrika t'Isfel |
| | | Ir-Rwanda |
| | | St Helena, Ascencion u Tristan da Cunha |
| | | Sao Tome u Prinċipe |
| | | Is-Senegal |
| | | Is-Seychelles |
| | | Sjerra Leone |
| | | Is-Somalja |
| | | Is-Sudan |
| | | Is-Sudan t'Isfel |
| | | Is-Sważiland |
| | | It-Tanzanija |
| | | It-Togo |
| | | L-Uganda |

| GEO 4 | GEO 5 | GEO 6 |
|---|---|---|
| | | Iż-Żambja |
| | | Iż-Żimbabwe |
| | L-AMERIKA | L-AMERIKA |
| | IL-PAJJIŻI TAL-AMERIKA TA' FUQ | IL-PAJJIŻI TAL-AMERIKA TA' FUQ |
| Il-Kanada | Il-Kanada | Il-Kanada |
| | | Il-Groenlandja |
| L-Istati Uniti | L-Istati Uniti | L-Istati Uniti |
| | IL-PAJJIŻI TAL-AMERIKA ĊENTRALI | IL-PAJJIŻI TAL-AMERIKA ĊENTRALI |
| | | Angwilla |
| | | Antigua u Barbuda |
| | | Aruba |
| | | Il-Baħamas |
| | | Il-Barbados |
| | | Il-Beliże |
| | | Il-Bermuda |
| | | Bonaire, St. Eustatius u Saba |
| | | Il-Gżejjer Virgin Brittaniċi |
| | | Il-Gżejjer Kajman |
| | | Il-Kosta Rika |
| | | Kuba |
| | | Curaçao |
| | | Dominika |
| | | Ir-Repubblika Dominikana |
| | | El Salvador |
| | | Grenada |
| | | Il-Gwatemala |
| | | Ħaiti |
| | | Il-Ħonduras |
| | | Il-Ġamajka |
| | Il-Messiku | Il-Messiku |
| | | Il-Montserrat |
| | | In-Nikaragwa |
| | | Il-Panama |
| | | St Kitts u Nevis |
| | | Santa Luċija |
| | | St. Maarten |
| | | Saint Vincent u l-Grenadini |
| | | Trinidad u Tobago |
| | | Il-Gżejjer Turks u Kajkos |
| | | Il-Gżejjer Verġni, (Stati Uniti tal-Amerika) |

| GEO 4 | GEO 5 | GEO 6 |
|---|---|---|
| | IL-PAJJIŻI TAL-AMERIKA T'ISFEL | IL-PAJJIŻI TAL-AMERIKA T'ISFEL |
| | L-Arġentina | L-Arġentina |
| | | Il-Bolivja |
| Il-Brażil | Il-Brażil | Il-Brażil |
| | Iċ-Ċilì | Iċ-Ċilì |
| | | Il-Kolombja |
| | | L-Ekwador |
| | | Il-Gżejjer Falklands |
| | | Il-Gujana |
| | | Il-Paragwaj |
| | | Il-Perù |
| | | Is-Surinam |
| | L-Urugwaj | L-Urugwaj |
| | Il-Venezwela | Il-Venezwela |
| | L-ASJA | L-ASJA |
| | IL-PAJJIŻI TAL-LVANT QARIB U NOFSANI | IL-PAJJIŻI TAL-LVANT QARIB U NOFSANI |
| | IL-PAJJIŻI TAL-ARABJA TAL-GOLF | IL-PAJJIŻI TAL-ARABJA TAL-GOLF |
| | | Il-Baħrejn |
| | | L-Iraq |
| | | Il-Kuwajt |
| | | L-Oman |
| | | Il-Qatar |
| | | L-Arabja Sawdija |
| | | L-Emirati Għarab Magħquda |
| | | Il-Jemen |
| | PAJJIŻI OĦRA TAL-LVANT QARIB U NOFSANI | PAJJIŻI OĦRA TAL-LVANT QARIB U NOFSANI |
| | | L-Armenja |
| | | L-Ażerbajġan |
| | | Il-Ġeorġja |
| | | L-Iżrael |
| | | Il-Ġordan |
| | | Il-Libanu |
| | | It-Territorju Palestinjan |
| | | Is-Sirja |
| | PAJJIŻI ASJATIĊI OĦRA | PAJJIŻI ASJATIĊI OĦRA |
| | | L-Afganistan |
| | | Il-Bangladexx |
| | | Il-Butan |
| | | Il-Brunej Darussalam |

| GEO 4 | GEO 5 | GEO 6 |
|---|---|---|
| | | Il-Burma/Mjanmar |
| | | Il-Kambodja |
| Iċ-Ċina | Iċ-Ċina | Iċ-Ċina |
| Ħong Kong | Ħong Kong | Ħong Kong |
| L-Indja | L-Indja | L-Indja |
| | L-Indoneżja | L-Indoneżja |
| | | L-Iran |
| Il-Ġappun | Il-Ġappun | Il-Ġappun |
| | | Il-Kazakistan |
| | | Il-Kirgiżistan |
| | | Il-Laos |
| | | Il-Makaw |
| | Il-Malasja | Il-Malasja |
| | | Il-Maldive |
| | | Il-Mongolja |
| | | In-Nepal |
| | | Il-Korea ta' Fuq |
| | | Il-Pakistan |
| | Il-Filippini | Il-Filippini |
| | Singapor | Singapor |
| | Il-Korea t'Isfel | Il-Korea t'Isfel |
| | | Is-Sri Lanka |
| | It-Tajwan | It-Tajwan |
| | | It-Taġikistan |
| | It-Tajlandja | It-Tajlandja |
| | | Timor Leste |
| | | It-Turkmenistan |
| | | L-Uzbekistan |
| | | Il-Vjetnam |
| | L-OĊEANJA U R-REĠJUNI POLARI | L-OĊEANJA U R-REĠJUNI POLARI |
| | | Is-Samoa Amerikana |
| | | Gwam |
| | | Gżejjer minuri mbiegħda mill-Istati Uniti |
| | L-Awstralja | L-Awstralja |
| | | Kokos (il-Gżejjer Keeling) |
| | | Il-Gżejjer Christmas |
| | | Il-Gżira Heard u l-Gżejjer McDonald |
| | | Il-Gżira Norfolk |
| | | Fiġi |
| | | Il-Polineżja Franċiża |
| | | Kiribati |

| GEO 4 | GEO 5 | GEO 6 |
|---|---|---|
| | | Il-Gżejjer Marshall |
| | | Il-Mikronesja |
| | | Nauru |
| | | Il-Kaledonja Ġdida |
| | In-New Zealand | In-New Zealand |
| | | Il-Gżejjer Cook |
| | | Nju |
| | | Tokelau |
| | | Il-Gżejjer Marjana ta' Fuq |
| | | Il-Palaw |
| | | Il-Papwa Ginea l-Ġdida |
| | | Pitcairn |
| | | L-Antartika |
| | | Il-Gżira Bouvet |
| | | Il-Ġeorġja t'Isfel u l-Gżejjer Sandwich t'Isfel |
| | | It-Territorji Franċiżi t'Isfel u Antartiċi |
| | | Il-Gżejjer Solomon |
| | | Tonga |
| | | Tuvalu |
| | | Il-Vanwatu |
| | | Samoa |
| | | Wallis u Futuna |
| ĠEWWA L-UNJONI | ĠEWWA L-UNJONI | ĠEWWA L-UNJONI |
| BARRA MILL-UNJONI | BARRA MILL-UNJONI | BARRA MILL-UNJONI |
| Żona tal-Euro | Żona tal-Euro | Żona tal-Euro |
| Żona barra tal-Euro | Żona barra tal-Euro | Żona barra tal-Euro |
| Istituzzjonijiet tal-Unjoni (għajr il-BĊE) | Istituzzjonijiet tal-Unjoni (għajr il-BĊE) | Istituzzjonijiet tal-Unjoni (għajr il-BĊE) |
| Il-Bank Ewropew tal-Investiment | Il-Bank Ewropew tal-Investiment | Il-Bank Ewropew tal-Investiment |
| | Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) | Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) |
| | ĠEWWA L-UNJONI MHUX ALLOKATI | ĠEWWA L-UNJONI MHUX ALLOKATI |
| | BARRA L-UNJONI MHUX ALLOKATI | BARRA L-UNJONI MHUX ALLOKATI |
| Ċentri Finanzjarji Offshore | Ċentri Finanzjarji Offshore | Ċentri Finanzjarji Offshore |

| GEO 4 | GEO 5 | GEO 6 |
|---|---|---|
| Organizzazzjonijiet Internazzjonali (għajr l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni) | Organizzazzjonijiet Internazzjonali (għajr l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni) | Organizzazzjonijiet Internazzjonali (għajr l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni) |
| Il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) | Il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) | Il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) |

([1]) Stati Membri tal-Unjoni mhux fiż-żona tal-euro analiżi statistika individwali skont il-pajjiż

*Tabella 7.*

**Livelli tal-analiżi statistika tas-setturi istituzzjonali**

| Sec 1 | Sec 2 |
|---|---|
| Bank ċentrali (S.121) | Bank ċentrali (S.121) |
| Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji oħrajn (IFMo) | Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji oħrajn (IFMo) |
| Korporazzjoniet li jaċċettaw id-depożiti għajr il-bank ċentrali (S.122) | Korporazzjoniet li jaċċettaw id-depożiti għajr il-bank ċentrali (S.122) |
| Fondi tas-suq tal-flus (S.123) | Fondi tas-suq tal-flus (S.123) |
| Gvern ġenerali (S.13) | Gvern ġenerali (S.13) |
| Setturi oħra | Setturi oħra |
| | Koporazzjonijiet finanzjarji oħra għajr l-IFMs (S.124+S.125+S.126+S.127+S.128+S.129) |
| | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji, unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.11+S.14+S.15) |

*Tabella 8.*

**Livell tal-analiżi statistika tal-attività ekonomika**

| Livell 1 | Livell 2 | NACE rev. 2 |
|---|---|---|
| | **AGRIKOLTURA, FORESTRIJA U SAJD** | **sec A** |
| **TĦAFFIR FIL-MINJIERI U L-BARRIERI** | **TĦAFFIR FIL-MINJIERI U L-BARRIERI** | **sec B** |
| | L-estrazzjoni ta' żejt mhux raffinat, gass naturali u attivitajiet ta' servizzi ta' appoġġ marbuta mal-minjieri | div 06, 09 |
| **MANIFATTURA** | **MANIFATTURA** | **sec C** |
| | Prodotti tal-ikel, xorb u tabakk | div 10, 11, 12 |
| | TOTAL ta' attivitajiet tat-tessuti u tal-injam | div 13, 14, 16, 17, 18 |
| | Tessuti u oġġetti li jintlibsu | div 13, 14 |
| | Injam, karta, stampar u riproduzzjoni | div 16, 17, 18 |
| Żejt mhux raffinat, sustanzi kimiċi, prodotti farmaċewtiċi, prodotti tal-gomma u tal-plastik | TOTAL ta' żejt mhux raffinat, sustanzi kimiċi, prodotti farmaċewtiċi, prodotti tal-gomma u tal-plastik | div 19, 20, 21, 22 |
| | Kokk u prodotti taż-żejt raffinat | div 19 |
| | Sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi | div 20 |
| | Prodotti tal-gomma u tal-plastik | div 22 |
| Prodotti għall-kompjuters, prodotti elettroniċi u ottiċi | TOTAL ta' prodotti tal-metall u tal-makkinarji | div 24, 25, 26, 28 |

| Livell 1 | Livell 2 | NACE rev. 2 |
|---|---|---|
| | Metalli bażiċi u prodotti tal-metall fabbrikati | div 24, 25 |
| | Prodotti għall-kompjuters, prodotti elettroniċi u ottiċi | div 26 |
| | Makkinarju u tagħmir mhux ikklassifikati band'oħra | div 28 |
| Vetturi, tagħmir tat-trasport ieħor | TOTAL ta' vetturi u tagħmir tat-trasport ieħor | div 29, 30 |
| | Vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers | div 29 |
| | Tagħmir ta' trasport ieħor | div 30 |
| | TOTAL ta' manifattura oħra | div 15, 23, 27, 31, 32, 33 |
| **PROVVISTA TAL-ELETTRIKU, GASS, FWAR U ARJA KUNDIZZJONATA** | **PROVVISTA TAL-ELETTRIKU, GASS, FWAR U ARJA KUNDIZZJONATA** | **sec D** |
| **PROVVISTA TAL-ILMA; SISTEMA TAD-DRENAĠĠ, IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART U ATTIVITAJIET TA' RIMEDJAZZJONI** | **PROVVISTA TAL-ILMA; SISTEMA TAD-DRENAĠĠ, IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART U ATTIVITAJIET TA' RIMEDJAZZJONI** | **sec E** |
| | Ġbir, trattament u provvista tal-ilma | div 36 |
| | Sistema tad-drenaġġ, immaniġġjar tal-iskart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni | div 37, 38, 39 |
| **KOSTRUZZJONI** | **KOSTRUZZJONI** | **sec F** |
| **TOTAL TA' SERVIZZI** | **TOTAL TA' SERVIZZI** | sec G, H, I, J, K, L, M, N O, P, Q, R, S, T, U |
| **KUMMERĊ BL-INGROSSA U BL-IMNUT; TISWIJA TAL-VETTURI BIL-MUTUR U TAL-MUTURI** | **KUMMERĊ BL-INGROSSA U BL-IMNUT; TISWIJA TAL-VETTURI BIL-MUTUR U TAL-MUTURI** | **sec G** |
| | Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut u tiswija tal-vetturi bil-mutur u tal-muturi | div 45 |
| | Kummerċ bl-ingrossa, ħlief tal-vetturi bil-mutur u l-muturi | div 46 |
| | Kummerċ bl-imnut, ħlief tal-vetturi bil-mutur u l-muturi | div 47 |
| **ĠARR U ĦŻIN** | **ĠARR U ĦŻIN** | **sec H** |
| | TOTAL tal-ġarr u l-ħżin | div 49, 50, 51, 52 |
| | Trasport minn fuq l-art u permezz tal-pajpijiet | div 49 |
| | Trasport fuq l-ilma | div 50 |
| | Trasport bl-ajru | div 51 |
| | Magazzinaġġ u attivatijiet ta' appoġġ għall-ġarr | div 52 |
| | Attivitajiet tal-posta u tal-kurjer | div 53 |
| **ATTIVITAJIET TAS-SERVIZZI TAL-AKKOMODAZZJONI U TAL-IKEL** | **ATTIVITAJIET TAS-SERVIZZI TAL-AKKOMODAZZJONI U TAL-IKEL** | **sec I** |

| Livell 1 | Livell 2 | NACE rev. 2 |
|---|---|---|
| **INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI** | **INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI** | **sec J** |
| | Attivitajiet ċinematografiċi, vidjow, produzzjoni ta' programmi għat-televiżjoni u attivitajiet ta' divertiment oħrajn | div 59, 60 |
| | Telekomunikazzjoni | div 61 |
| | Attivitajiet oħra ta' informazzjoni u komunikazzjoni | div 58, 62, 63 |
| **ATTIVITAJIET FINANZJARJI U TAL-ASSIGURAZZJONI** | **ATTIVITAJIET FINANZJARJI U TAL-ASSIGURAZZJONI** | **sec K** |
| | Intermedjazzjoni finanzjarja, għajr il-fondi ġejjin mill-assigurazzjoni jew mill-pensjoni | div 64 |
| | Attivitajiet ta' kumpaniji possedenti | grupp 64,2 |
| | Assigurazzjoni, riassigurazzjoni u fondi tal-pensjoni, għajr is-sigurtà soċjali obbligatorja | div 65 |
| | Attivitajiet finanzjarji oħra | div 66 |
| | **ATTIVITAJIET TA' PROPRJETÀ** | **sec L** |
| **ATTIVITAJIET PROFESSJONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI** | **ATTIVITAJIET PROFESSJONALI, XJENTIFIĊI U TEKNIĊI** | **sec M** |
| | Attivitajiet legali u dawk marbuta mal-kontabbiltà | div 69 |
| | Attivitajiet legali | grupp 69,1 |
| | Attivitajiet marbuta mal-kontabbiltà, maż-żamma tal-kotba u mal-verifika; konsulenza dwar it-taxxa | grupp 69,2 |
| | Attivitajiet tal-kwartieri ġenerali; attivitajiet ta' konsulenza dwar il-ġestjoni | div 70 |
| | Attivitajiet tal-kwartieri ġenerali | grupp 70,1 |
| | Attivitajiet ta' konsulenza dwar il-ġestjoni | grupp 70,2 |
| | Attivitajiet tal-arkitettura u tal-inġinerija ittestjar u analiżi tekniċi | div 71 |
| Riċerka u żvilupp xjentifiċi | Riċerka u żvilupp xjentifiċi | div 72 |
| | Reklamar u riċerka dwar is-suq | div 73 |
| | Reklamar | grupp 73,1 |
| | Analiżi tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika | grupp 73,2 |
| | Attivitajiet oħra professjonali, kemm xjentifiċi kif ukoll tekniċi, u attivitajiet veterinarji | div 74, 75 |
| | **ATTIVITAJIET AMMINISTRATTIVI U TA' SERVIZZI TA' APPOĠĠ** | **sec N** |
| | Attivitajiet ta' kiri u ta' twillija | div 77 |

| Livell 1 | Livell 2 | NACE rev. 2 |
|---|---|---|
| | Attivitajiet amministrattivi oħra u dawk marbuta mas-servizzi ta' appoġġ | div 78, 79, 80, 81, 82 |
| | **EDUKAZZJONI** | **sec P** |
| | **ATTIVITAJIET MARBUTA MAS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM U MAL-ĦIDMA SOĊJALI** | **sec Q** |
| **ARTI, DIVERTIMENT U RIKREAZZJONI** | **ARTI, DIVERTIMENT U RIKREAZZJONI** | **sec R** |
| | Attivitajiet kreattivi, dawk marbuta mal-arti u mad-divertiment | div 90 |
| | Libreriji, arkivji, mużewijiet u attivitajiet kulturali oħra | div 91 |
| | Attivitajiet tal-isport u oħrajn marbuta mar-rikreazzjoni; attivitajiet tal-logħob tal-flus u l-imħatri | div 92, 93 |
| | **ATTIVITAJIET TA' SERVIZZI OĦRA** | **sec S** |
| | Attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' shubija | div 94 |
| | Tiswija ta' kompjuters u ta' oġġetti personali u tad-dar, attivitajiet oħra ta' servizz personali | div 95, 96 |
| | **Mhux allokat** | |
| | **Xiri privat u bejgħ ta' proprjetà** | |
| **ATTIVITÀ TOTALI** | **ATTIVITÀ TOTALI** | |

*ANNESS II*

DEFINIZZJONIJIET imsemmija fl-Artikolu 10

Id-definizzjonijiet li ġejjin huma bbażati fuq il-*Manwal tal-FMI dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti u l-Pożizzjonijiet tal-Investimenti Internazzjonali, is-Sitt Edizzjoni.* (BPM6), is-*Sistema Ewropea tal-Kontabbiltà*, il-*Manwal dwar l-Istatistika dwar il-Kummerċ Internazzjonali fis-Servizzi 2010*, id-*Definizzjoni ta' Referenza tal-OECD dwar l-Investiment Dirett Barrani* (BD4).

A. KONT KURRENTI

Il-kont kurrenti juri l-flussi tal-oġġetti, is-servizzi, d-dħul primarju u sekondarju bejn ir-residenti u dawk li mhumiex residenti.

1. **OĠĠETTI**

Dan il-komponent ikopri l-oġġetti li jistgħu jinġarru li l-pussess tagħhom ikun inbidel minn sid residenti għal wieħed mhux residenti.

1.1 **Merkanzija ġenerali fuq bażi ta' bilanċ tal-pagamenti**

Il-merkanzija ġenerali fuq bażi ta' bilanċ tal-pagamenti (BOP) tkopri l-oġġetti li għalihom tkun saret bidla fil-pussess ekonomiku bejn residenti u wieħed mhux residenti u li mhumiex inklużi f'kategoriji speċifiċi oħra, bħal pereżempju l-oġġetti fil-merkantar (ara 1.2) u d-deheb mhux monetarju (ara 1.3), jew bħala parti minn servizz. Il-merkanzija ġenerali għandha titkejjel bil-valur tas-suq fuq bażi free on board (FOB). Fil-kontribuzzjoni tal-pajjiżi għall-kompilazzjoni tal-aggregati tal-Unjoni, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-oġġetti fil-kummerċ kważi tranżit għandhom jiġu inklużi, u għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni, il-pajjiż sieħeb għandu jiġi definit skont il-prinċipju tal-kunsinna.

1.2 **Esportazzjonijiet netti ta' oġġetti bil-merkantar (merchanting)**

Il-merkantar huwa definit bħala x-xiri ta' oġġetti minn resident (tal-ekonomija dikjaranti) minn persuna li mhux residenti, flimkien mal-bejgħ mill-ġdid sussegwenti tal-istess oġġetti lil persuna oħra li mhijiex residenti mingħajr ma l-affarijiet ikunu preżenti fl-ekonomija dikjaranti. L-esportazzjonijiet netti tal-oġġetti fil-merkantar jirrappreżentaw id-differenza bejn il-bejgħ u x-xiri tal-oġġetti għall-merkantar. Din il-partita tinkludi l-marġnijiet tan-negozjanti, il-qligħ u t-telf tal-kumpanija possedenti, u bidliet f'inventarji tal-oġġetti fil-merkantar.

1.2.1 **L-oġġetti mixtrija bil-merkantar** jintwerew bħala esportazzjoni/kreditu negattiv tal-ekonomija tan-negozjant.

1.2.2 Il-bejgħ tal-oġġetti jintwera taħt l-**oġġetti mibjugħa bil-merkantar** bħala esportazzjoni/kreditu pożittiv tal-ekonomija tan-negozjant.

1.3 **Deheb mhux monetarju**

Id-deheb mhux monetarju jkopri d-deheb kollu għajr id-deheb monetarju. Id-deheb monetarju huwa l-proprjetà tal-awtoritajiet monetarji u jinżamm bħala *Assi ta' riżerva* (ara 6.5.1). Id-deheb mhux monetarju jista' jkun fil-forma ta' bullion (jiġifieri muniti, ingotti, jew blokok b'purità ta' mill-inqas 995 parti għal kull 1 000, inkluż tali deheb miżmum f'kontijiet tad-deheb allokati), trab tad-deheb, u deheb f'forom oħra mhux maħduma jew semimanifatturati.

1.4 **Markar korporattiv - aġġustament għall-kummerċ kważitranżit**

Il-kummerċ kważitranżit huwa terminu li jintuża għad-definizzjoni ta' oġġetti impurtati fi Stat Membru, irrilaxxati mid-dwana għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ġewwa l-Unjoni (u sottomessi għad-dazji ta' importazzjoni) minn entità li ma titqiesx bħala unità istituzzjonali residenti, u mbagħad jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor. Il-markar korporattiv għandu jiġi rreġistrat mill-Istati Membri li jiġu affettwati mill-"kummerċ kważitranżit" biex jirrappurtaw id-diskrepanza bejn il-valur tal-*Merkanzija ġenerali* ddikjarata meta l-oġġetti jiġu impurtati fil-bidu minn pajjiż terz u l-valur tagħhom meta jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor. L-analiżi statistika ġeografika għandha tiġi kkumpilata fuq il-bażi tal-pajjiż ta' residenza tal-intrapriża ewlenija li tikkontrolla l-kumpanija li timmaniġġja l-proċedura tad-dwana relatata ma' dawn l-oġġetti fl-ekonomija tar-rappurtaġġ.

2. **SERVIZZI**

Is-servizzi huma r-riżultat ta' attività ta' produzzjoni li tbiddel il-kundizzjonijiet tal-unitajiet tal-konsum, jew tiffaċilita l-iskambju ta' prodotti jew ta' assi finanzjarji. Is-servizzi ġeneralment mhumiex oġġetti separati li fihom jistgħu jiġu stabbiliti drittijiet ta' proprjetà u ġeneralment ma jistgħux jiġu separati mill-produzzjoni tagħhom.

2.1 **Servizzi ta' manifattura fuq l-inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor**

Is-servizzi ta' manifattura fuq l-inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor ikopru l-ipproċessar, l-immuntar, it-tikkettar, l-imballaġġ eċċ li jagħmluhom l-intrapriżi li ma jkunux is-sidien tal-oġġetti kkonċernati. Il-manifattura ssir minn entità li tirċievi miżata mis-sid. Billi l-pussess tal-oġġetti ma jinbidilx, ma tiġi rreġistrata l-ebda tranżazzjoni tal-merkanzija bejn dak li jipproċessa u s-sid. Il-valur tal-miżati mħallsa għall-manifattura fuq l-inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor

mhuwiex neċessarjament l-istess bħad-differenza bejn il-valur tal-oġġetti mibgħuta għall-ipproċessar u l-valur tal-oġġetti wara l-ipproċessar. L-immuntar ta' kostruzzjoni prefabbrikata (inkluż f'*Kostruzzjoni*) u t-tikkettar u l-imballaġġ li għandhom x'jaqsmu mat-trasport (inklużi fi *Trasport*) huma esklużi.

2.2 **Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija mhux inklużi band'oħra**

Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija mhux inklużi band'oħra jkopru x-xogħol ta' manutenzjoni u tiswija mir-residenti fuq oġġetti li huma l-proprjetà ta' dawk li mhumiex residenti (u bil-kontra). It-tiswija tista' ssir fuq il-post ta' min isewwi jew xi mkien ieħor. Il-valur tal-manutenzjoni u t-tiswija jinkludi kwalunkwe part jew materjal pprovdut minn dak li jsewwi u huwa inkluż fil-miżati. Il-parts u l-materjali li jitħallsu b'mod separat għandhom jiġu inklużi fil-merkanzija ġenerali. It-tiswija u l-manutenzjoni fuq il-vapuri, l-inġenji tal-ajru, u tagħmir ieħor tat-trasport huma inklużi f'din il-partita. It-tindif tat-tagħmir tat-trasport huwa eskluż billi huwa inkluż f'*Servizzi tat-trasport*. Il-manutenzjoni u t-tiswija tal-kostruzzjoni huma eskluzi billi huma inklużi f'*Kostruzzjoni*. Il-manutenzjoni u t-tiswija tal-kompjuters huma eskluzi billi huma inklużi f'*Servizzi tal-Kompjuter*.

2.3 **Trasport**

It-trasport huwa l-proċess tal-ġarr ta' persuni u oġġetti minn post għall-ieħor kif ukoll servizzi awżiljari u ta' appoġġ relatati. It-trasport jinkludi wkoll is-servizzi tal-posta u tal-kurjer. Is-servizzi tat-trasport huma rreġistrati fil-bilanċ tal-pagamenti meta jiġu pprovduti mir-residenti ta' ekonomija waħda għall-benefiċċju ta' dawk ta' oħra. It-trasport jista' jiġi kklassifikat skont:

(a) il-mod tat-trasport, jiġifieri l-baħar, l-ajru jew oħrajn. "Oħrajn" jistgħu jerġgħu jitqassmu fi trasport ferrovjarju, fit-triq, fl-ilmijiet navigabbli interni, permezz tal-pajpijiet u fl-ispazju, kif ukoll it-trażmissjoni tal-elettriku.

(b) x'qed jinġarr, jiġifieri passiġġieri jew merkanzija jew oħrajn (li jkopri s-servizzi awżiljarji u ta' appoġġ bħal pereżempju t-tagħbija u l-ħatt ta' kontejners, il-ħżin u l-magazzinaġġ, l-imballaġġ u l-imballaġġ mill-ġdid, it-tindif tat-tagħmir tat-trasport li jsir fil-portijiet u fl-ajruporti).

2.3.1 **Trasport marittimu**

Dan ikopri s-servizzi kollha tat-trasport bil-baħar. Hija meħtieġa analiżi statistika għat-*Trasport marittimu tal-passiġġieri, it-Trasport marittimu tal-merkanzija u Trasport marittimu ieħor.*

2.3.2 **Trasport bl-ajru**

Dan ikopri s-servizzi kollha tat-trasport bl-ajru. Hija meħtieġa analiżi statistika għat-*Trasport bl-ajru tal-passiġġieri, it-Trasport bl-ajru tal-merkanzija u Trasport bl-ajru ieħor.*

2.3.3 **Modi oħra ta' trasport**

Dan ikopri s-servizzi kollha tat-trasport li mhumiex fuq il-baħar jew bl-ajru. Hija meħtieġa analiżi statistika għal *Passiġġieri, Merkanzija u Oħrajn*. Hija meħtieġa *klassifikazzjoni estiża* għal *Trasport ieħor* kif ġej:

2.3.3.1 **It-trasport fl-ispazju** jinkludi l-varar ta' satelliti magħmul minn intrapriżi kummerċjali għas-sidien tas-satelliti (bħall-intrapriżi tat-telekomunikazzjoni) u operazzjonijiet oħra minn operaturi tal-apparat spazjali, bħat-trasport ta' oġġetti u persuni għal esperimenti xjentifiċi. It-trasport ta' passiġġieri fl-ispazju u l-pagamenti mħallsa minn ekonomija sabiex ikollha r-residenti tagħha inklużi fuq il-vetturi spazjali ta' ekonomija oħra huma inklużi wkoll.

2.3.3.2 **It-trasport ferrovjarju** jinkludi t-trasport bil-ferrovija. Hija meħtieġa subdiviżjoni oħra bejn it-*Trasport ferrovjarju għall-passiġġieri, it-Trasport ferrovjarju għall-merkanzija u Oħrajn.*

2.3.3.3 **It-trasport fit-triq** ikopri trasport bi trakkijiet, xarabanks u kowċijiet. Hija meħtieġa subdiviżjoni oħra bejn it-*Trasport fit-triq għall-passiġġieri, it-Trasport fit-triq għall-merkanzija u Trasport fit-triq ieħor.*

2.3.3.4 **It-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni** għandu x'jaqsam mat-trasport internazzjonali fuq ix-xmajjar, il-kanali u l-għadajjar. Dawn jinkludu l-passaġġi fuq l-ilma li huma interni għal pajjiż wieħed u dawk li huma maqsuma bejn żewġ pajjiżi jew aktar. Hija meħtieġa subdiviżjoni oħra bejn it-*Trasport fl-ilmijiet navigabbli interni għall-passiġġieri, it-Trasport fl-ilmijiet navigabbli interni għall-merkanzija u Trasport fl-ilmijiet navigabbli interni ieħor.*

2.3.3.5 **It-trasport mill-pajpijiet** ikopri it-trasport ta' oġġetti mill-pajpijiet, bħal pereżempju t-trasport taż-żejt mhux maħdum u prodotti relatati, l-ilma u l-gass. Huma esklużi s-servizzi tad-distribuzzjoni, tipikament mis-substazzjonijiet lill-konsumatur (inklużi f'*Servizzi tan-negozju oħrajn m.i.b.o*) u l-valur tal-prodotti trasportati (inkluż f'*Merkanzija ġenerali*).

2.3.3.6 **It-trażmissjoni tal-elettriku** jinkludi s-servizzi għat-trażmissjoni tal-enerġija elettrika b'vultaġġ għoli fuq grupp ta' linji interkonnessi u t-tagħmir assoċjat bejn punti ta' provvista u l-punti fejn issir il-bidla għal vultaġġ baxx għall-kunsinna lill-konsumaturi jew lil sistemi elettriċi oħrajn. Huma inklużi l-miżati għat-trażmissjoni tal-elettriku meta dan ikun separat mill-proċess ta' produzzjoni u distribuzzjoni. Il-provvista tal-elettriku nnifisha hija eskluża. Huma wkoll esklużi s-servizzi ta' distribuzzjoni tal-elettriku (inklużi f'*Servizzi tan-negozju oħrajn u Servizzi tan-negozju oħrajn m.i.b.o*).

2.3.3.7 **Servizzi ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarji oħra** jkopru s-servizzi l-oħra kollha ta' trasport li ma jistgħux jiġu allokati lil xi komponent tas-servizzi ta' trasport deskritt hawn fuq.

2.3.4 **Servizzi tal-posta u tal-kurjer**

Is-servizzi tal-posta u tal-kurjer ikopru l-ġabra, it-trasport, u l-kunsinna ta' ittri, gazzetti, rivisti perjodiċi, brochures, materjal stampat ieħor, pakki, u pakketti, inklużi s-servizzi tal-uffiċċju postali u s-servizzi tal-kiri tal-kaxxi postali.

2.4 **Vjaġġar**

Il-krediti tal-ivvjaġġar ikopru l-oġġetti u s-servizzi għall-użu proprju jew għall-għoti, mixtrija minn ekonomija minn persuni li mhumiex residenti matul żjarat f'dik l-ekonomija. Id-debiti tal-ivvjaġġar ikopru l-oġġetti u s-servizzi għall-użu proprju jew għall-għoti, mixtrija minn ekonomiji oħrajn minn residenti matul żjarat f'dawn l-ekonomiji oħrajn. L-ivvjaġġar jinkludi t-trasport lokali (jiġifieri t-trasport ġewwa l-ekonomija fejn qed issir iż-żjara u provdut minn residenti ta' dik l-ekonomija), iżda jeskludi t-trasport internazzjonali (li huwa inkluż f'*Trasport tal-Passiġġieri*). Hija teskluża wkoll merkanzija mixtrija minn vjaġġatur għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess ekonomija tal-vjaġġatur jew f'xi ekonomija oħra. L-ivvjaġġar jinqasam f'żewġ subkomponenti ewlenin: *L-ivvjaġġar għan-negozju u l-ivvjaġġar personali.*

2.4.1 **Vjaġġar għan-negozju**

L-ivvjaġġar għan-negozju jkopri l-akkwist ta' merkanzija u servizzi minn vjaġġaturi fuq negozju. Jinkludi wkoll l-akkwist ta' merkanzija u servizzi għall-użu personali minn ħaddiema staġonali, transkonfinali u oħrajn li mhumiex residenti fl-ekonomija li fiha huma impjegati. L-ivvjaġġar għan-negozju jerġa' jitqassam f'*Akkwist ta' merkanzija u servizzi minn ħaddiema transkonfinali, staġonali jew ħaddiema oħra li jaħdmu għal perjodu qasir u Vjaġġar għan-negozju ieħor.*

2.4.1.1 **L-Akkwist ta' merkanzija u servizzi minn ħaddiema transkonfinali, staġonali jew ħaddiema oħra li jaħdmu għal perjodu qasir** jinkludi wkoll l-akkwist ta' merkanzija u servizzi għall-użu personali minn ħaddiema staġonali, transkonfinali u oħrajn li mhumiex residenti fl-ekonomija li fiha huma impjegati u li min iħaddimhom huwa residenti f'dik l-ekonomija.

2.4.1.2 **L-ivvjaġġar għan-negozju ieħor** ikopri n-nefqa kollha tal-Ivvjaġġar għan-negozju li ma ssirx minn ħaddiema transkonfinali u staġonali jew ħaddiema oħra li jaħdmu għal perjodu qasir.

2.4.2 **Vjaġġar personali**

L-ivvjaġġar personali jkopri l-oġġetti u s-servizzi akkwistati minn vjaġġaturi li jsiefru għal skopijiet barra min-negozju, bħal vaganzi, parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' rikreazzjoni u kulturali, żjarat ma' ħbieb u qraba, pellegrinaġġi, u skopijiet edukattivi jew relatati mas-saħħa. *L-ivvjaġġar personali* huwa maqsum fi tliet subkomponenti: *In-nefqa relatata mas-saħħa, In-nefqa relatata mal-edukazzjoni u vjaġġar personali ieħor.*

2.4.2.1 **In-nefqa relatata mas-saħħa** hija definita bħala n-nefqa totali minn dawk fuq vjaġġ għal raġunijiet mediċi.

2.4.2.2 **In-nefqa relatata mal-edukazzjoni** hija definita bħala l-infiq totali minn studenti.

2.4.2.3 **Ivvjaġġar personali ieħor** ikopri l-*ivvjaġġar personali* kollu mhux inkluż f'*Nefqa relatata mas-saħħa u Nefqa relatata mal-edukazzjoni.*

2.5 **Kostruzzjoni**

Il-kostruzzjoni tkopri l-ħolqien, ir-restawr, it-tiswija, jew l-estensjoni ta' assi fissi fil-forma ta' bini, it-titjib tal-art permezz tal-inġinerija, u kostruzzjoni bl-inġinerija oħra (inklużi toroq, pontijiet, digi, eċċ). Dan jinkludi xogħol relatat ta' installazzjoni u mmuntar, tħejjija tas-sit u kostruzzjoni ġenerali, servizzi speċjali bħat-tiżbigħ, il-plaming, u t-twaqqigħ, u l-ġestjoni tal-proġetti tal-kostruzzjoni. Il-kuntratti tal-kostruzzjoni koperti fil-kummerċ internazzjonali fis-servizzi ġeneralment huma fuq perjodu qasir. Proġett ta' kostruzzjoni fuq skala kbira kkuntrattat minn intrapriża mhux residenti li jdum sena jew aktar biex jitlesta, normalment iwassal għal fergħa residenti.

Il-kostruzzjoni tista' titqassam f'*Kostruzzjoni barra mill-pajjiż u Kostruzzjoni fl-ekonomija dikjaranti.*

2.5.1 **Kostruzzjoni barra mill-pajjiż**

Il-kostruzzjoni barra mill-pajjiż tinkludi s-servizzi ta' kostruzzjoni provduti lill-persuni mhux residenti minn intrapriżi residenti fl-ekonomija dikjaranti (kreditu/esportazzjonijiet) u l-oġġetti u s-servizzi mixtrija fl-ekonomija ospitanti minn dawn l-intrapriżi (debitu/importazzjonijiet).

2.5.2 **Kostruzzjoni fl-ekonomija dikjaranti**

Il-kostruzzjoni fl-ekonomija dikjaranti tinkludi s-servizzi ta' kostruzzjoni pprovduti lil residenti tal-ekonomija dikjaranti minn intrapriżi tal-kostruzzjoni mhux residenti (debitu) u l-oġġetti u s-servizzi mixtrija fl-ekonomija dikjaranti minn dawn l-intrapriżi mhux residenti (kreditu).

### 2.6 **Servizzi ta' assigurazzjoni u ta' pensjoni**

Is-servizzi ta' assigurazzjoni u ta' pensjoni jinkludu: *Assigurazzjoni diretta, Riassigurazzjoni, Servizzi awżiljarji tal-assigurazzjoni, Servizzi tal-pensjoni u ta' garanzija standardizzata.* L-assigurazzjoni diretta titqassam aktar f'*Assigurazzjoni tal-ħajja, tal-merkanzija u assigurazzjoni diretta oħra.* Il-pensjoni u l-garanziji standardizzati jitqassmu aktar f'*Servizzi tal-pensjoni u ta' garanzija standardizzata.* Dawn is-servizzi huma stmati jew valutati mill-miżati inklużi fil-primjums totali aktar milli fuq il-valur totali tal-primjums.

#### 2.6.1 **Assigurazzjoni fuq il-ħajja**

Id-detenturi ta' poloz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja jagħmlu pagamenti regolari lil assiguratur (jista' jkun hemm pagament wieħed biss), u min-naħa tiegħu l-assiguratur jiggarantixxi li jħallas lid-detentur tal-polza somma minima miftiehma jew annwalità, f'data stabbilita jew mal-mewt tad-detentur tal-polza, jekk din isseħħ qabel. Assigurazzjoni fuq il-ħajja għal perjodu fiss, fejn il-benefiċċji jkunu pprovduti fil-każ ta' mewt imma fl-ebda ċirkustanzi oħra, hija eskluża hawn u inkluża f'*Assigurazzjoni diretta oħra*.

#### 2.6.2 **Assigurazzjoni tal-merkanzija**

Is-servizzi ta' assigurazzjoni tal-merkanzija għandhom x'jaqsmu mal-assigurazzjoni pprovduta fuq oġġetti li jkunu fil-proċess li jiġu esportati jew importati, fuq bażi li hija konsistenti mal-kejl tal-oġġetti f.o.b. u t-trasport tal-merkanzija.

#### 2.6.3 **Assigurazzjoni diretta oħra**

Assigurazzjoni diretta oħra tkopri kull forma oħra ta' assigurazzjoni każwali. Huma inklużi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja għal perjodu fiss; l-assigurazzjoni kontra l-inċidenti u tas-saħħa (sakemm dawn ma jkunux provduti bħala parti mill-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-gvern); l-assigurazzjoni tat-trasport marittimi, bl-ajru u trasport ieħor; il-ħsara tal-proprjetà mġarrba bin-nar jew b'xi mod ieħor; l-assigurazzjoni għat-telf pekunjarju; l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali; u assigurazzjoni oħra, bħall-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar u l-assigurazzjoni relatata ma' self u karti ta' kreditu.

#### 2.6.4 **Riassigurazzjoni**

Ir-riassigurazzjoni huwa l-proċess tas-subkuntrattar ta' partijiet mir-riskju assigurat, spiss lil operaturi speċjalizzati, kontra sehem proporzjonali tad-dħul mill-primjum. It-tranżazzjonijiet tar-riassigurazzjoni jistgħu jsiru rigward pakketti li fihom iħalltu ħafna tipi differenti ta' riskji.

#### 2.6.5 **Servizzi awżiljarji tal-assigurazzjoni**

Dawn jinkludu tranżazzjonijiet li jkunu relatati mill-qrib mal-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjoni. Huma inklużi l-kummissjonijiet lill-aġenti, is-senserija tal-assigurazzjoni u s-servizzi tal-aġenziji, is-servizzi ta' konsultazzjoni tal-assigurazzjoni u l-pensjoni, is-servizzi ta' evalwazzjoni u aġġustament, is-servizzi attwarji, is-servizzi ta' amministrazzjoni ta' salvataġġ, u s-servizzi regolatorji u ta' monitoraġġ fuq servizzi ta' indennizzi u rkupru.

#### 2.6.6 **Servizzi tal-pensjoni**

Is-servizzi tal-pensjoni jkopru s-servizzi provduti minn fondi stabbiliti għall-provvista ta' dħul meta wieħed jirtira u benefiċċji għall-mewt jew id-diżabbiltà, għal gruppi speċifiċi ta' impjegati mill-gvern jew minn korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni f'isem l-impjegati.

#### 2.6.7 **Servizzi ta' garanzija standardizzata**

Is-servizzi ta' garanzija standardizzata huma servizzi relatati ma' skemi ta' garanzija standardizzata. Dawn huma arranġamenti fejn parti waħda (il-garanti) jimpenja ruħu jkopri t-telf tal-mutwanti fil-każ ta' nuqqasijiet tal-mutwatarju. Eżempji ta' dawn jinkludu l-garanziji fuq il-kreditu għall-esportazzjoni u l-garanziji fuq is-self lill-istudenti.

### 2.7 **Servizzi finanzjarji**

Is-servizzi finanzjarji jkopru s-servizzi intermedjarji u awżiljarji, għajr is-servizzi tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjoni, li normalment jiġu provduti mill-banek jew korporazzjonijiet finanzjarji oħra.

#### 2.7.1 **Servizzi finanzjarji bi ħlas espliċitu u servizzi finanzjarji oħrajn**

Is-servizzi jitħallsu b'miżati espliċiti fil-każ ta' bosta servizzi finanzjarji u ma jeħtiġux kalkolu speċjali. Dawn jinkludu miżati għat-teħid u s-self ta' depożitu, miżati għal garanziji ta' darba biss, miżati jew penalitajiet tal-ħlas lura bikri jew tard, miżati tal-kont, miżati relatati mal-ittri tal-kreditu, servizzi tal-karti tal-kreditu, kummissjonijiet u miżati relatati mal-kiri finanzjarju, il-fatturament, is-sottoskrizzjoni u l-ikklerjar tal-pagamenti. Huma inklużi wkoll is-servizzi ta' konsulenza finanzjarji, il-kustodja ta' assi finanzjarji jew bullion, il-ġestjoni tal-assi finanzjarji, is-servizzi ta' monitoraġġ, is-servizzi tal-provvista tal-likwidità, is-servizzi tal-kopertura tar-riskji għajr l-assigurazzjoni, is-servizzi ta' fużjoni u akkwiżizzjoni, is-servizzi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, is-servizzi tal-borża u s-servizzi fiduċjarji. L-intermedjarji finanzjarji fl-istrumenti finanzjarji jistgħu jitolbu ħlas għas-servizzi tagħhom kollha jew parti minnhom billi jkollhom diskrepanza bejn il-prezzijiet tagħhom tax-xiri u tal-bejgħ. Il-marġnijiet fuq it-tranżazzjonijiet tal-bejgħ u tax-xiri huma inklużi fis-servizzi finanzjarji bi ħlas espliċitu u servizzi finanzjarji oħrajn.

#### 2.7.2 **Is-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (SIFMI)**

L-imgħax attwali jista' jitqies bħala imgħax li jinkludi element ta' dħul u miżata għal servizz. Dawk li jsellfu u dawk li jieħdu depożiti jaħdmu billi joffru rati tal-imgħax lid-depożitaturi tagħhom li huma aktar baxxi mir-rati li huma jiċċarġjaw lil min jissellef mingħandhom. Il-marġnijiet tal-imgħax li jirriżultaw jintużaw mill-korporazzjonijiet finanzjarji biex

inaqqsu mill-ispejjeż tagħhom u biex jipprovdu surplus operattiv. Normalment, dawn il-miżati indiretti fir-rigward tal-imgħax japplikaw biss għas-self u d-depożiti u biss meta dawn is-self u d-depożiti jiġu provduti minn, jew iddepożitati ma', korporazzjonijiet finanzjarji.

### 2.8 **Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettwali mhux inklużi band'oħra**

Il-miżati għall-użu tal-proprjetà intellettwali mhux inklużi band'oħra jinkludu:

(a) Il-miżati għall-użu tad-drittijiet tal-proprjetà (bħall-privattivi, il-marki kummerċjali, id-drittijiet tal-awtur, il-proċessi u d-disinni industrijali inklużi s-sigrieti tal-kummerċ u d-drittijiet ta' rappreżentanza). Dawn id-drittijiet jistgħu jirriżultaw mir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll mit-tqegħid fis-suq; u

(b) Il-miżati għal-liċenzji għall-produzzjoni mill-ġdid jew id-distribuzzjoni tal-proprjetà intellettwali inkorporata f'oriġinali prodotti jew prototipi (bħad-drittijiet tal-awtur fuq il-kotba jew il-manuskritti, is-softwer tal-kompjuters, ix-xogħlijiet ċinematografiċi u r-reġistrazzjonijiet tal-awdjo) u drittijiet relatati (bħal pereżempju għal spettakli f'ħin dirett u t-televiżjoni, il-kejbil jew ix-xandir bis-satellita).

### 2.9 **Servizzi ta' telekomunikazzjoni, kompjuter u informazzjoni**

Is-servizzi tal-kompjuter u tat-telekomunikazzjoni huma definiti f'termini tan-natura tas-servizz, u mhux il-metodu tal-kunsinna.

#### 2.9.1 **Servizzi tat-telekomunikazzjoni**

Is-servizzi tat-telekomunikazzjoni jinkorporaw it-trażmissjoni tal-ħoss, l-istampi jew informazzjoni oħra bit-telefown, it-telex, it-telegramm, ir-radju u t-televiżjoni bil-kejbil jew imxandar, is-satellita, il-posta elettronika, is-servizzi tal-faks eċċ., inklużi s-servizzi ta' netwerks tan-negozju, it-telekonferenzi u s-servizzi ta' appoġġ. Ma jinkludux il-valur tal-informazzjoni trasportata. Huma inklużi wkoll is-servizzi ta' telekomunikazzjoni mobbli, is-servizzi tas-sinsla (backbone) tal-Internet u s-servizzi ta' aċċess onlajn, inkluż il-provvista tal-aċċess għall-Internet. Huma esklużi s-servizzi ta' installazzjoni għat-tagħmir tan-netwerks tat-telefown billi dawn huma inklużi f'*Kostruzzjoni* u s-servizzi tal-bażijiet tad-dejta (inklużi f'*Servizzi tal-informazzjoni*).

#### 2.9.2 **Servizzi tal-kompjuter**

Dawn jikkonsistu f'servizzi relatati ma' ħardwer u/jew softwer u servizzi tal-ipproċessar tad-dejta. Huma inklużi wkoll s-servizzi ta' konsulenzi u ta' implimentazzjoni ta' ħardwer u softwer; il-manutenzjoni u t-tiswija tal-kompjuters u tal-apparat periferali; is-servizzi ta' rkupru minn diżastri, l-għoti ta' pariri u assistenza fuq kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tar-riżorsi tal-kompjuter; l-analiżi, id-disinn u l-ipprogrammar ta' sistemi lesti għall-użu (inkluż l-iżvilupp u d-disinn tal-paġni web), u l-konsulenza teknika relatata mas-softwer; il-liċenzji għall-użu ta' softwer li ma jkunx ġie mfassal apposta; l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-provvista u d-dokumentazzjoni ta' softwer imfassal apposta, inklużi s-sistemi operattivi magħmula fuq ordni ta' utenti speċifiċi; is-servizzi tal-manutenzjoni tas-sistemi u sistemi ta' appoġġ oħrajn, bħat-taħriġ provdut bħala parti mill-konsulenza; is-servizzi tal-ipproċessar tad-dejta, bħad-dħul, it-tabulazzjoni u l-ipproċessar tad-dejta fuq bażi ta' time-sharing; is-servizzi ta' ospitar ta' paġni web (jiġifieri l-provvista ta' spazju fuq server fuq l-Internet għal paġni web tal-klijenti); u l-ġestjoni ta' faċilitajiet tal-kompjuter. Huma esklużi l-miżati għal-liċenzji għall-produzzjoni mill-ġdid u/jew id-distribuzzjoni ta' softwer li huma inklużi f'*Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettwali*. Il-kiri tal-kompjuters mingħajr operatur huwa inkluż f'*Kiri operattiv*.

#### 2.9.3 **Servizzi tal-informazzjoni**

Jinkludu: Is-*servizzi tal-aġenziji tal-aħbarijiet u Servizzi oħrajn tal-informazzjoni*.

2.9.3.1 **Is-servizzi tal-aġenziji tal-aħbarijiet** jinkludu l-provvista ta' aħbarijiet, ritratti u artikli speċjali lill-media.

2.9.3.2 **Is-servizzi oħrajn tal-informazzjoni** jinkludu s-servizzi tal-bażi tad-dejta (il-konċepiment tad-dejta, il-ħżin tad-dejta u d-disseminazzjoni tad-dejta u tal-bażijiet tad-dejta, inklużi d-direttorji u l-listi tal-indirizzi), kemm onlajn kif ukoll permezz ta' medja manjetika, ottika jew stampata; u l-portals web għat-tfittxija (is-servizzi tal-magni tat-tiftix li jsibu l-indirizzi tal-internet għall-klijenti li jdaħħlu kliem ta' tfittxija). Huma inklużi wkoll abbonamenti diretti, mhux bil-massa għal gazzetti u rivisti perjodiċi, kemm bil-posta, bit-trażmissjoni elettronika jew b'mezzi oħra; servizzi oħra ta' provvista ta' kontenut onlajn; u servizzi ta' libreriji u arkivji. Il-gazzetti u r-rivisti bil-massa huma inklużi f'merkanzija ġenerali. Il-kontenut imniżżel li mhuwiex softwer (inkluż f'*Servizzi tal-kompjuter*) jew awdjo u vidjow (inkluż f'*Servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati*) huwa inkluż f'servizzi tal-informazzjoni.

### 2.10 **Servizzi oħra tan-negozju**

Dan jinkludi: *Servizzi ta' riċerka u żvilupp, Servizzi ta' konsulenza professjonali u ta' ġestjoni, Servizzi tekniċi, relatati mal-kummerċ u servizzi tan-negozju oħrajn.*

2.10.1 **Servizzi ta' riċerka u żvilupp**

Is-servizzi ta' riċerka u żvilupp jikkonsistu f'servizzi li huma assoċjati mar-riċerka bażika, ir-riċerka applikata, u l-iżvilupp sperimentali ta' prodotti u proċessi ġodda. Fil-prinċipju, tali attivitajiet fix-xjenzi fiżiċi, ix-xjenzi soċjali, u l-istudji umanistiċi huma koperti f'din il-kategorija, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi operattivi li jirrappreżentaw avvanzi teknoloġiċi. Hija inkluża wkoll ir-riċerka kummerċjali relatata mal-elettronika, il-farmaċewtiċi u l-bijoteknoloġija.

***Dan jinkludi:*** *1) Ix-xogħol imwettaq fuq bażi sistematika biex tiżdied il-ħażna tal-għarfien u 2) Servizzi oħrajn ta' riċerka u żvilupp.*

2.10.1.1 **Ix-xogħol imwettaq fuq bażi sistematika biex tiżdied il-ħazna tal-għarfien** jinkludi: a) Il-provvista ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp magħmulin apposta u mhux magħmulin apposta u b) Il-bejgħ tad-drittijiet tal-proprjetà li jirriżultaw mir-riċerka u l-iżvilupp.

2.10.1.1.a **Il-provvista ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp magħmulin apposta u mhux magħmulin apposta** tkopri l-provvista ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp li huma magħmulin fuq ordni (magħmulin apposta) u l-iżvilupp ta' riċerka u żvilupp mhux magħmulin apposta, esklużi l-bejgħ tad-drittijiet tal-proprjetà (inkluż f'2.10.1.1.b), u l-bejgħ relatat mal-liċenzji għall-produzzjoni mill-ġdid jew għall-użu (inkluż f'*Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettwali*).

2.10.1.1.b **Il-bejgħ tad-drittijiet tal-proprjetà li jirriżultaw mir-riċerka u l-iżvilupp** jinkludi l-*Privattivi, id-Drittijiet tal-awtur li jirriżultaw mir-riċerka u l-iżvilupp, il-proċessi u d-disinni industrijali (inklużi s-sigrieti tal-kummerċ).*

2.10.1.2 **Servizzi oħrajn ta' riċerka u żvilupp** jinkludu attivitajiet oħrajn ta' żvilupp ta' prodotti/proċessi.

2.10.2 **Servizzi ta' konsulenza professjonali u ta' ġestjoni**

*Is-servizzi ta' konsulenza professjonali u ta' ġestjoni jinkludu: 1) Is-servizzi ta' konsulenza legali, kontabilistika, ta' ġestjoni, is-servizzi ta' ġestjoni u s-servizzi tar-relazzjonijiet pubbliċi; u 2) Is-servizzi tar-riklamar, ir-riċerka dwar is-suq u l-istħarriġ dwar l-opinjoni pubblika.*

2.10.2.1 **Il-konsulenza legali, kontabilistika, ta' ġestjoni, u relazzjonijiet pubbliċi** tinkludi:

a) *Is-servizzi legali*; b) *Is-servizzi ta' kontabbiltà, verifika, żamma tal-kotba, u konsulenza dwar it-taxxa*; c) *Is-servizzi ta' konsulenza dwar in-negozju u l-ġestjoni u s-servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi.*

2.10.2.1.a **Is-servizzi legali** jkopru s-servizzi ta' konsulenza legali u rappreżentanza fi kwalunkwe proċedura legali u statutorja; is-servizzi ta' tfassil ta' dokumentazzjoni u strumenti legali; il-konsulenza dwar iċ-ċertifikazzjoni; u s-servizzi ta' kustodja minn terzi (escrow) u ta' saldu.

2.10.2.1.b **Is-servizzi ta' kontabbiltà, verifika, żamma tal-kotba, u konsulenza dwar it-taxxa** jkopru r-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet kummerċjali għan-negozji u oħrajn; is-servizzi ta' eżami tar-reġistri tal-kontabbiltà u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji; l-ippjanar u l-konsulenza dwar it-taxxi tan-negozju; u t-tħejjija tad-dokumenti tat-taxxa.

2.10.2.1.c **Is-servizzi ta' konsulenza tan-negozju u tal-ġestjoni u tar-relazzjonijiet pubbliċi** ikopru s-servizzi ta' pariri, gwida u assistenza operattiva pprovduti lin-negozji għal politiki u strateġiji tan-negozju u l-ippjanar, l-istrutturar u l-kontroll ġenerali ta' organizzazzjoni. Huma inklużi l-miżati tal-ġestjoni, il-verifika tal-ġestjoni; il-konsulenza dwar il-ġestjoni tas-suq, ir-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-produzzjoni u l-ġestjoni tal-proġetti; u s-servizzi tal-għoti ta' pariri, gwida u servizzi operattivi relatati mat-titjib tad-dehra tal-klijenti u r-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku ġenerali u istituzzjonijiet oħrajn.

2.10.2.2 **Ir-riklamar, ir-riċerka dwar is-suq u l-istħarriġ dwar l-opinjoni pubblika** jkopru id-disinn, il-ħolqien u t-tqegħid fis-suq ta' riklami mill-aġenziji tar-riklamar; it-tqegħid fil-media, inklużi x-xiri u l-bejgħ ta' spazju għar-riklamar; servizzi ta' esibizzjoni pprovduti minn fieri kummerċjali; il-promozzjoni ta' prodotti barra l-pajjiż; ir-riċerka tas-suq; telekummerċjalizzazzjoni; u stħarriġ tal-opinjoni pubblika fuq diversi kwistjonijiet.

2.10.3 **Servizzi tekniċi, relatati mal-kummerċ u servizzi tan-negozju oħrajn**

Dawn jinkludu: 1) *Servizzi tal-arkitettura, tal-inġinerija, xjentifiċi u servizzi tekniċi oħrajn*, 2) *Trattament tal-iskart u tneħħija tat-tniġġis, servizzi tal-agrikoltura u tal-minjieri*, 3) *Servizzi tal-kiri operattiv*, 4) *Servizzi relatati mal-kummerċ* u 5) *Servizzi tan-negozju, m.i.b.o.*

2.10.3.1 **Servizzi tal-arkitettura, tal-inġinerija, xjentifiċi u servizzi tekniċi oħrajn**

Jinkludu: a) *Servizzi tal-arkitettura, b) Servizzi tal-inġinerija, c) Servizzi xjentifiċi u servizzi tekniċi oħrajn.*

2.10.3.1.a ***Is-servizzi tal-arkitettura*** jinkludu tranżazzjonijiet relatati mad-disinn tal-bini.

2.10.3.1.b ***Is-servizzi tal-inġinerija*** jinkludu d-disinn, l-iżvilupp u l-użu tal-magni, il-materjali, l-istrumenti, l-istrutturi, il-proċessi u s-sistemi. Is-servizzi ta' dan it-tip jinvolvu l-provvista ta' disinni, pjanijiet u studji relatati mal-proġetti tal-inġinerija. L-inġinerija tal-minjieri hija eskluża (inkluża f'*Servizzi relatati mal-minjieri, u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass*).

2.10.3.1.c **Is-servizzi xjentifiċi u servizzi tekniċi oħrajn** jinkludu is-surveying; il-kartografija; l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti; u s-servizzi ta' spezzjoni teknika.

2.10.3.2 **Trattament tal-iskart u tneħħija tat-tniġġis, servizzi tal-agrikoltura u tal-minjieri**

Jinkludu: a) *Trattament tal-iskart u tneħħija tat-tniġġis*, b) *Servizzi relatati mal-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd*, c) *Servizzi relatati mal-minjieri, u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass*

2.10.3.2.a **It-trattament tal-skart u tneħħija tat-tniġġis** jinkludi l-ġbir u r-rimi tal-iskart, ir-rimedjazzjoni, sanità, u servizzi oħra tal-protezzjoni tal-ambjent. Jinkludi wkoll is-servizzi tal-ambjent, bħall-produzzjoni ta' kumpensi għall-emmissjonijiet tal-karbonju jew is-sekwestru tal-karbonju li mhumiex klassifikati f'kategorija oħra aktar speċifika.

2.10.3.2.b **Is-servizzi relatati mal-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd** jinkludu s-servizzi tal-agrikoltura li huma relatati mal-agrikoltura, bħal pereżempju il-provvista ta' makkinarju agrikolu bl-ekwipaġġ, il-ħsad, it-trattament tal-uċuħ tar-raba', il-kontroll ta' ħlejjaq li jagħmlu l-ħsara, iż-żamma tal-annimali, il-kura tal-annimali, u s-servizzi ta' tnissil. Is-servizzi relatati mal-kaċċa, l-insib, il-forestrija u l-qtugħ tas-siġar, u s-sajd huma wkoll inklużi hawn, kif ukoll is-servizzi veterinarji.

2.10.3.2.c **Is-servizzi relatati mal-minjieri, u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass** jinkludu s-servizzi tal-minjieri provduti fl-artijiet taż-żejt u tal-gass, inklużi t-tħaffir, il-kostruzzjoni ta' drieki, is-servizzi ta' tiswija u żarmar, u l-kisi bis-siment ta' bjar taż-żejt u l-gass. Is-servizzi relatati mat-tfittxija u l-esplorazzjoni ta' minerali, kif ukoll l-inġinerija tat-tħaffir u s-surveying ġeoloġiku huma wkoll inklużi hawnhekk.

2.10.3.3 **Servizzi tat-twillija operattiva**

It-twillija operattiva hija l-attività tal-kiri ta' assi prodotti b'arranġamenti li jipprevedu l-użu ta' assi tanġibbli lill-kerrej, iżda ma jinvolvux it-trasferiment tal-ammonti tar-riskji u l-premji tas-sjieda lill-kerrej. It-twillija operattiva tista' tissejjaħ kiri fil-każ ta' oġġetti bħal bini jew tagħmir. Is-servizzi tat-twillija operattiva jkopru t-twillija (kiri) u charters, mingħajr ekwipaġġ, ta' vapuri, inġenji tal-ajru, u t-trasport ta' tagħmir. Huma inklużi wkoll il-pagamenti tat-twillja operattiva li huma relatati ma' tipi oħrajn ta' tagħmir mingħajr operatur, inklużi l-kompjuters u t-tagħmir għat-telekomunikazzjoni. Il-pagamenti tal-liċenzji għad-dritt tal-użu ta' assi mhux taniġibbli, bħal softwer, proprjetà intellettwali eċċ huma inklużi fit-titli speċifiċi (*Servizzi tal-kompjuter, Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettwali m.i.b.o. eċċ*) milli fit-twillija operattiva. Huma esklużi mis-servizzi ta' twillija operattiva t-twillija ta' linji jew kapaċità tat-telekomunikazzjoni (inklużi f'*Servizzi tat-telekomunikazzjoni*); il-kiri ta' vapuri u inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ (inkluż f'*Servizzi tat-trasport*); u l-kiri relatat mal-ivvjaġġar (inkluż fi *Vjaġġar*).

2.10.3.4 **Servizzi relatati mal-kummerċ**

Is-servizzi relatati mal-kummerċ ikopru l-kummissjonijiet fuq tranżazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi pagabbli lill-kummerċjanti, is-sensara ta' komoditajiet, in-negozjanti, u l-aġenti bil-kummissjoni. Huma esklużi mis-*servizzi relatati mal-kummerċ* il-miżati tal-franchising (inklużi f'*Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettwali m.i.b.o.*); is-senserija fuq strumenti finanzjarji (inkluża f'*Servizzi finanzjarji*); is-sensarija tal-assigurazzjoni (inkluża f'*Servizzi tal-assigurazzjoni awżiljarji*) u l-miżati relatati mat-trasport, bħal pereżempju l-kummissjonijiet tal-aġenziji (inklużi fi *Trasport*).

2.10.3.5 **Servizzi oħra tan-negozju, mhux inklużi band'oħra**

Servizzi oħrajn tan-negozju jinkludu s-servizzi ta' distribuzzjoni relatati mal-ilma, il-fwar, il-gass jew prodotti oħra taż-żejt mhux maħdum, u l-provvista tal-arja kundizzjonata, fejn dawn ikunu identifikati b'mod separat mis-servizzi tat-trażmissjoni; is-servizzi ta' pożizzjonament tal-persunal, sigurtà u investigazzjoni; traduzzjoni u interpretazzjoni; servizzi fotografiċi; pubblikazzjoni; tindif tal-bini; u servizzi relatati mal-proprjetà.

2.11 **Servizzi personali, kulturali, u ta' divertiment**

Dawn jinkludu s-*Servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati u Servizzi personali, kulturali, u ta' divertiment oħra.*

2.11.1 **Servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati**

Dawn jistgħu jerġgħu jitqassmu f'*Servizzi awdjoviżivi u servizzi relatati mal-arti*. Dawn jinkludu servizzi u miżati assoċjati relatati mal-produzzjoni ta' films (fuq film jew tejp tal-vidjow), programmi għar-radju u t-televiżjoni (b'xandira diretta jew irreġistrata) u reġistrazzjonijiet mużikali. Huwa inkluż il-kiri ta' prodotti awdjoviżivi u prodotti relatati u l-aċċess għal stazzjonijiet tat-televiżjoni kriptati (bħas-servizzi tal-kejbil jew tas-satellita); prodotti awdjoviżivi prodotti bil-massa mixtrija jew mibjugħa għall-użu perpetwu li jiġu kkunsinnati b'mod elettroniku (imniżżla); il-miżati li jirċievu l-artisti li jagħmlu l-ispettakli (atturi, mużiċisti, żeffiena), l-awturi, il-kompożituri eċċ. Huma esklużi l-miżati jew il-liċenzji għall-produzzjoni mill-ġdid u/jew id-distribuzzjoni tal-prodotti awdjoviżivi (inklużi f'*Miżati għall-użu tal-proprjetà intellettwali m.i.b.o.*).

### 2.11.2 Servizzi personali, kulturali, u ta' divertiment oħra

Jinkludu: a) *Servizzi edukattivi*, b) *Servizzi tas-saħħa, c) Servizzi tal-wirt storiku u ta' divertiment d) Servizzi personali oħrajn*.

2.11.2.a **Is-servizzi edukattivi** jinkludu servizzi provduti bejn residenti u mhux residenti relatati mal-edukazzjoni, bħall-korsijiet bil-korrispondenza u l-edukazzjoni permezz tat-televiżjoni jew l-Internet, kif ukoll minn għalliema eċċ. li jagħtu servizzi direttament fl-ekonomiji ospitanti.

2.11.2.b **Is-servizzi tas-saħħa** jinkludu servizzi provduti minn tobba, infermiera u paramediċi u persunal simili, kif ukoll servizzi ta' laboratorju u oħrajn simili, kemm jekk mogħtija mill-bogħod u kemm jekk fil-post. Hija teskluża kull nefqa minn vjaġġaturi fuq edukazzjoni jew saħħa (inklużi fi *Vjaġġar*).

2.11.2.c **Is-servizzi tal-wirt storiku u ta' divertiment** jinkludu servizzi assoċjati mal-mużewijiet u attivitajiet kulturali, tal-isport, tal-logħob tal-azzard u ta' divertimenti oħra, għajr dawk li jinvolvu persuni barra mill-ekonomija ta' residenza tagħha (inklużi fi V*jaġġar*).

2.11.2.d **Is-servizzi personali oħra** jinkludu servizzi soċjali, servizzi domestiċi eċċ.

### 2.12 Oġġetti u servizzi tal-gvern mhux inklużi band'oħra

Din hija kategorija residwa li tkopri t-tranżazzjonijiet tal-gvern (inklużi dawk tal-organizzazzjonijiet internazzjonali) ta' oġġetti u servizzi li mhuwiex possibbli tikklassifikahom taħt partiti oħrajn. Huma inklużi t-tranżazzjonijiet kollha (kemm ta' oġġetti kif ukoll ta' servizzi) minn enklavi bħal ambaxxati, konsulati, bażijiet militari u organizzazzjonijiet internazz-jonali b'residenti ta' ekonomiji fejn jinsabu l-enklavi. Huma esklużi t-tranżazzjonijiet tal-enklavi ma' residenti tal-ekonomiji domestiċi. Skont l-unità tal-gvern li qed twettaq it-tranżazzjoni, din il-partita tista' terġa' titqassam f'oġġetti u servizzi minn *Ambaxxati u konsulati, Unitajiet u aġenziji militari u Oġġetti u servizzi oħra mhux inklużi band'oħra*.

## 3. DĦUL PRIMARJU

Id-dħul primarju jirrappreżenta r-ritorn li jkun imiss lil unitajiet istituzzjonali għall-kontribuzzjoni tagħhom fil-proċess ta' produzzjoni, jew għall-provvista ta' assi finanzjarji jew mill-kiri ta' riżorsi naturali lil unitajiet istituzzjonali oħrajn. Dan jinkludi *Kumpens lill-impjegati, Dħul mill-investiment u Dħul primarju ieħor*.

### 3.1 Kumpens lill-impjegati (D1)

Il-kumpens lill-impjegati huwa rreġistrat meta min iħaddem (l-unità li tipproduċi) u l-impjegat ikunu residenti f'ekonomiji differenti. Għall-ekonomija fejn huma residenti l-unitajiet li jipproduċu, il-kumpens lill-impjegati huwa r-remunerazzjoni totali (inklużi l-kontribuzzjonijiet imħallsa minn dawk li jħaddmu lil skemi ta' sigurtà soċjali jew lil fondi ta' assigurazzjoni jew pensjoni privati), fi flus jew f'ekwivalenti, pagabbli minn intrapriżi residenti lil impjegati mhux residenti bi tpattija għal xogħol li jkunu għamlu dawn tal-aħħar waqt il-perjodu tal-kontabbiltà. Għall-ekonomija fejn l-individwi huma residenti, il-kumpens huwa r-remunerazzjoni totali, fi flus jew f'ekwivalenti, li dawn jirċievu minn intrapriżi mhux residenti bi tpattija għal xogħol li jkunu għamlu waqt il-perjodu tal-kontabbiltà. Huwa importanti li jiġi stabbilit jekk teżistix relazz-joni bejn min iħaddem u l-impjegat; jekk le, il-pagament jikkostitwixxi xiri ta' servizzi.

### 3.2 Dħul minn investiment

Id-dħul mill-investiment ġej mis-sjieda ta' resident ta' assi finanzjarji esterni (kreditu) u b'mod simetriku, id-dħul derivat minn sjieda ta' xi ħadd mhux residenti ta' assi finanzjarji domestiċi (debitu). Id-dħul mill-investiment jinkludi dħul fuq l-ekwità (*Dividendi, Ġbid mid-dħul ta' kważi korporazzjonijiet, Qligħ investit mill-ġdid*) u fuq dejn (*Imgħax*), u dħul mill-inves-timent attribwibbli lil sidien ta' poloz fl-assigurazzjoni, skemi ta' pensjoni, u skemi ta' garanzija standardizzata.

Fil-bilanċ tal-pagamenti, id-dħul mill-investiment huwa kklassifikat ukoll skont il-funzjoni tal-investiment sottostanti, bħala *Investiment dirett, Investiment tal-portafoll, Investiment ieħor u Assi ta' riżerva*, u dettaljati aktar skont it-tip ta' inves-timent. Għad-definizzjonijiet ta' investiment skont il-funzjoni, ara l-kont finanzjarju.

Fejn ikunu identifikabbli b'mod separat, il-qligħ u t-telf fuq pussessi (kapitali) mhumiex ikklassifikati bħala dħul fuq l-investimenti, iżda bħala bidliet fil-valur tal-investimenti minħabba żviluppi fil-prezz tas-suq. Il-flussi netti assoċjati ma' derivati tar-rati ta' interess huma rreġistrati biss taħt derivati finanzjarji fil-kont finanzjarju.

#### 3.2.1 Imgħax (D41)

L-imgħax huwa forma ta' dħul mill-investiment li jirċievu s-sidien ta' ċerti tipi ta' assi finanzjarji, jiġifieri depożiti (AF2), titoli ta' dejn (AF3), self (AF4), u kontijiet oħrajn riċevibbli (AF8), għat-tqegħid tal-assi finanzjarji għad-dispożizzjoni ta' unità istituzzjonali oħra. Id-dħul fuq pussess ta' drittijiet speċjali ta' prelevament (SDR) u allokazzjonijiet tal-SDR huwa ukoll inkluż fl-imgħax. Il-kont tad-dħul primarju jirreġistra "imgħax pur" billi jelimina l-komponent FISIM mill-"imgħax attwali". Id-dħul mill-imgħax jiġi rreġistrat fuq il-bażi tad-dovuti.

3.2.2 **Dħul distribwit tal-korporazzjonijiet (D42)**

3.2.2.1 **Dividendi (D421)**

Id-dividendi huma l-qligħ imqassam allokat lis-sidien tal-ishma ta' ekwità (AF5) għat-tqegħid ta' fondi għad-dispożizzjoni tal-korporazzjonijiet. Id-dividendi huma rreġistrati fil-mument li l-ishma jsiru ex-dividend.

3.2.2.2 **Ġbid mid-dħul ta' kważi korporazzjonijiet (D422)**

Il-ġbid mid-dħul tal-kważi korporazzjonijiet (intrapriżi mhux inkorporati li jġibu ruħhom daqs li kieku kienu korporazzjonijiet, eż. fergħat, unitajiet residenti konċettwali għal artijiet u riżorsi naturali oħrajn proprjetà ta' persuni mhux residenti, intrapriżi konġunti, fiduċjarji, eċċ.) huma l-ammonti li s-sidien ta' kważi korporazzjonijiet jiġbdu għall-użu tagħhom stess mill-qligħ miksub mill-kważi korporazzjonijiet li jappartjenu lilhom. Il-ġbid mid-dħul ta' kważi korporazzjonijiet huma rreġistrati li jseħħu meta effettivament iseħħu.

3.2.3 **Qligħ investit mill-ġdid fuq l-investiment barrani dirett (D43)**

Il-qligħ investit mill-ġdid (QIĠ) jirrappreżenta l-proporzjon tal-investituri diretti, f'termini ta' ekwità miżmuma, tal-qligħ li sussidjarji barranin, assoċjati u fergħat ma jqassmux bħala dividendi. Dan huwa definit bħala s-sehem tal-investitur dirett tal-qligħ ikkonsolidat totali miksub mill-intrapriża ta' investiment dirett fil-perjodu ta' referenza (wara li jitqiesu t-taxxa, l-imgħax u d-deprezzament) mingħajr id-dividendi li għandhom jitħallsu fil-perjodu ta' referenza, anke jekk dawn id-dividendi huma relatati ma' qligħ miksub f'perjodi preċedenti.

Il-qligħ investit mill-ġdid għandu jkun irreġistrat fil-perjodu li fih jakkumula l-qligħ imfaddal.

3.2.4 **Dħul tal-ishma tal-fondi tal-investiment (D443)**

**Id-dħul mill-investiment attribwibbli għal azzjonisti ta' fondi ta' investiment kollettivi, inklużi fondi reċiproċi u fiduċjarja ta' unità**, huwa magħmul minn żewġ partiti separati: *Dividenti (D4431)*, u *Qligh investit mill-ġdid (D4432)*.

Il-qligħ minn fondi ta' investiment jista' jitqies bħala mgħoddi lill-azzjonisti tagħhom (jew detenturi ta' unità) minħabba li dan jinkiseb fil-forma ta' dħul mill-investiment fuq l-ekwità tagħhom. Il-fondi tal-investiment jiksbu dħul billi jinvestu l-flus li jirċievu mingħand l-azzjonisti. Il-qligħ tal-azzjonisti mill-fondi tal-investiment huwa definit bħala d-dħul mill-investiment miksub fuq il-portafoll ta' investiment tal-fond wara li jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi. Il-qligħ nett tal-fondi tal-investiment wara li jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi jappartjeni lill-azzjonisti. Meta parti biss tal-qligħ nett jitqassam lill-azzjonisti bħala dividendi, il-qligħ imfaddal għandu jkun ittrattat bħallikieku tqassam lill-azzjonisti u mbagħad jitqies investit mill-ġdid.

3.2.5 **Dħul mill-investiment li jista' jiġi attribwit lid-detenturi ta' poloz fl-assigurazzjoni, l-iskemi tal-pensjoni, u l-iskemi ta' garanzija standardizzata**

Għad-definizzjoni ta' din il-partita, għandna nqisu l-komponenti tagħha b'mod separat, mhux parti mit-talba tad-dejta tal-BOP.

3.2.5.1 **Id-dħul mill-investiment attribwibbli lil sidien ta' polza (D441)** tal-assigurazzjoni jikkorrispondi għad-dħul primarju totali riċevut mill-investiment ta' riżervi tekniċi ta' assigurazzjoni. Ir-riżervi huma dawk li għalihom il-korporazzjoni tal-assigurazzjoni tirrikonoxxi obbligazzjoni korrispondenti għas-sidien tal-polza.

3.2.5.2 **Dħul mill-investiment li għandu jitħallas fuq intitolamenti tal-pensjoni (D442)**

Id-drittijiet għall-pensjoni jinħolqu kemm minn skemi ta' kontribuzzjoni definiti kif ukoll minn skemi ta' benefiċċju definiti.

3.3 **Dħul primarju ieħor**

Ikklassifikat skont is-settur istituzzjonali tal-ekonomija dikjaranti (*gvern ġenerali* jew *setturi oħrajn)* u jinkludi dawn il-komponenti li ġejjin: *Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni, Sussidji u Kera.*

3.3.1 **Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (D2)**

Jinkludu dawn il-komponenti li ġejjin:

3.3.1.1 **It-taxxi fuq il-prodotti (D21)** huma pagabbli għal kull unità ta' xi oġġett jew servizz prodott jew innegozjat barra l-konfini. Eżempji ta' dan jinkludu t-taxxa fuq il-valur miżjud, id-dazji tal-importazzjoni, id-dazji tas-sisa u t-taxxi fuq il-konsum.

3.3.1.2 **It-taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni (D29)** jikkonsistu fit-taxxi kollha li jġarrbu l-intrapriżi minħabba li jkunu involuti fil-produzzjoni, u jinkludu taxxi mħallsa għal-liċenzji tan-negozju u liċenzji professjonali.

3.3.2 **Sussidji (D3)**

Jinkludu l-komponenti li ġejjin:

3.3.2.1 **Is-sussidji fuq il-prodotti (D31)** jitħallsu għal kull unità ta' oġġett jew servizz prodott.

3.3.2.2 **Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni (D39)** jikkonsistu f'sussidji, minbarra sussidji fuq prodotti li l-unitajiet ta' produzzjoni residenti jistgħu jirċievu talli jkunu involuti fil-produzzjoni..

3.3.3 **Kera (D45)**

Il-kera tkopri d-dħul riċevibbli għat-tqegħid ta' riżorsi naturali għad-dispożizzjoni ta' unità istituzzjonali mhux residenti. Eżempji ta' kera jinkludu ammonti pagabbli għall-użu ta' art għall-estrazzjoni ta' depożiti minerali jew assi oħra fis-sottoswol, u għas-sajd, għall-forestrija, u għad-drittijiet ta' rigħi. Il-pagamenti regolari li jsiru minn dawk li jikru riżorsi naturali, bħall-assi tas-sottoswol, huma spiss deskritti bħala drittijiet, iżda huma kklassifikati bħala kirjiet.

4. **DĦUL SEKONDARJU**

Il-kont tad-dħul sekondarju juri t-trasferiment kurrenti bejn ir-residenti u dawk li mhumiex residenti. Trasferiment huwa entrata li tikkorrispondi għall-provvista ta' prodott, servizz, assi finanzjarji jew assi oħra mhux prodotti minn unità istituzzjonali lil unità istituzzjonali oħra meta ma jkun hemm l-ebda ritorn korrispondenti ta' prodott ta' valur ekonomiku. It-trasferimenti kurrenti jikkonsistu fit-trasferimenti kollha li mhumiex trasferimenti tal-kapital.

It-trasferimenti kurrenti huma kklassifikati skont is-settur istituzzjonali li jagħmel jew jirċievi t-trasferiment fl-ekonomija dikjaranti (*Gvern ġenerali jew Setturi oħrajn*).

**It-trasferimenti kurrenti tal-gvern ġenerali** jinkludu t-*Taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid eċċ., il-Kontribuzzjonijiet soċjali, il-Benefiċċji soċjali, il-Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti, it-Trasferimenti kurrenti diversi, il-VAT u r-riżorsi proprji tal-Unjoni bbażati fuq l-ING*.

**It-trasferimenti kurrenti ta' setturi oħrajn j**inkludu t-*Taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid eċċ., il-Kontribuzzjonijiet soċjali, il-Benefiċċji soċjali, it-Trasferimenti kurrenti diversi, il-Primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, il-Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u l-Aġġustamenti għall-bidliet fid-drittijiet għall-pensjoni. It-trasferimenti kurrenti diversi (D75)* jinkludu t-*Trasferiment personali bejn unitajiet domestiċi residenti u mhux residenti* (Li jinkludu: *Ir-rimessi tal-ħaddiema*)

4.1 **Taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid, eċċ. (D5)**

It-taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid eċċ. fil-kontijiet internazzjonali jikkonsistu l-aktar f'taxxi imposti fuq id-dħul miksub minn persuni mhux residenti mill-provvista tal-assi tax-xogħol jew l-assi finanzjarji tagħhom. It-taxxi fuq il-qligħ tal-kapital li jirriżulta mill-assi ta' persuni mhux residenti huma inklużi wkoll. It-taxxi fuq id-dħul u l-qligħ tal-kapital minn assi finanzjarji huma ġeneralment pagabbli minn *Setturi oħrajn* (individwi, korporazzjonijiet u istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ) u riċevibbli mill-*Gvern ġenerali.*

4.2 **Kontribuzzjonijiet soċjali (D61)**

Il-kontribuzzjonijiet soċjali huma l-kontribuzzjonijiet attwali jew attribwiti magħmula mill-unitajiet domestiċi lill-iskemi tal-assigurazzjoni soċjali sabiex ikunu jistgħu jitħallsu l-benefiċċji soċjali.

4.3 **Benefiċċji soċjali (D62+D63)**

Il-benefiċċji soċjali jinkludu benefiċċji pagabbli taħt skemi ta' sigurtà soċjali u tal-pensjoni. Dawn jinkludu benefiċċji tal-pensjoni u mhux tal-pensjoni minħabba avvenimenti jew ċirkostanzi bħall-mard, il-qgħad, l-akkomodazzjoni u l-edukazzjoni, u jistgħu jkunu fi flus jew f'ekwivalenti.

4.4 **Primjums netti mhux fuq il-ħajja (D71)**

**Il-primjums netti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja** jikkonsistu kemm fil-primjums gross pagabbli minn detenturi tal-poloz sabiex jiksbu assigurazzjoni waqt il-perjodu tal-kontabbiltà (primjums maqlugħa) u s-supplimenti tal-primjums pagabbli mid-dħul fuq l-investiment attribwibbli għad-detenturi tal-poloz tal-assigurazzjoni, wara li jitnaqqsu l-miżati tas-servizz tal-intrapriżi tal-assigurazzjoni li jieħdu ħsieb l-assigurazzjoni. Il-miżati tas-servizz jikkostitwixxu xiri ta' servizzi mid-detenturi tal-poloz u huma rreġistrati bħala servizzi ta' assigurazzjoni. Il-primjums netti fuq garanziji standardizzati huma inklużi f'din il-partita.

4.5 **Pretensjonijiet tal-assigurazzjonijiet mhux tal-ħajja (D72)**

**Il-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja** huma l-ammonti pagabbli bħala ħlas tal-pretensjonijiet li jsiru dovuti waqt il-perjodu tal-kontabbiltà kurrenti. Il-pretensjonijiet isiru dovuti fil-mument meta sseħħ l-eventwalità li tagħti lok għal pretensjoni valida. Il-pretensjonijiet pagabbli taħt garanziji standardizzati huma rreġistrati f'din il-partita.

4.6 **Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D74)**

Il-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti tikkonsisti fi trasferimenti kurrenti fi flus jew f'ekwivalenti bejn il-gvernijiet ta' pajjiżi differenti jew bejn gvernijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali. Parti mill-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti hija fil-konfront tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni.

4.7 **Trasferimenti kurrenti diversi (D75)**

It-trasferimenti kurrenti diversi, fi flus jew f'ekwivalenti, jinkludu: *Trasferimenti kurrenti lil istituzzjonijiet bla skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi (D751), Trasferimenti kurrenti bejn l-unitajiet domestiċi (D752), Trasferimenti kurrenti diversi oħrajn (D759) inklużi multi u penali, parti mill-pagamenti għal biljetti tal-lotterija u għal logħob tal-azzard, pagamenti ta' kumpens u oħrajn.*

4.7.1 **Trasferimenti personali bejn unitajiet domestiċi residenti u mhux residenti**

*It-trasferimenti personali bejn l-unitajiet domestiċi residenti u mhux residenti jikkonsistu fit-trasferimenti kurrenti kollha fi flus jew f'ekwivalenti li jkunu għamlu jew irċevew l-unitajiet domestiċi residenti lil jew mingħand l-unitajiet domestiċi mhux residenti.* It-trasferimenti personali jinkludu r-*Rimessi tal-ħaddiema* "li minnhom"

4.7.1.1 **Rimessi tal-ħaddiema**

Ir-rimessi tal-ħaddiema jikkonsistu fi trasferimenti personali magħmula minn migranti residenti u impjegati f'ekonomiji ġodda lill-unitajiet domestiċi mhux residenti. Il-persuni li jaħdmu għal u joqogħdu f'ekonomiji ġodda għal inqas minn sena jitqiesu mhux residenti u r-remunerazzjoni tagħhom hija rreġistrata taħt il-kumpens lill-impjegati.

4.8 **Riżorsi proprji tal-Unjoni bbażati fuq l-ING u l-VAT (D76)**

Il-VAT u t-tielet u r-raba' riżorsi proprji tal-Unjoni bbażati fuq l-ING huma trasferimenti kurrenti mħallsa mill-gvern ġenerali ta' kull Stat Membru lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni.

4.9 **Aġġustament għall-bidla fl-intitolamenti tal-pensjoni (D8)**

L-aġġustament għall-bidla fid-drittijiet tal-pensjoni huwa meħtieġ sabiex jiġi rrikonċiljat it-trattament tal-pensjonijiet bħala trasferimenti kurrenti mat-trattament ta' drittijiet tal-pensjoni bħala assi finanzjarji. Wara l-aġġustament, il-bilanċ tal-kont kurrenti huwa l-istess bħal kif kien ikun kieku l-kontribuzzjonijiet soċjali u l-irċevuti tal-pensjoni ma kinux irreġistrati bħala trasferimenti kurrenti.

B. KONT KAPITALI

Il-kont kapitali jkopri t-*Trasferimenti tal-kapital* u l-*Akkwisti/disponimenti tal-assi mhux prodotti mhux finanzjarji.*

5.1 **Akkwisti grossi u disponimenti tal-assi mhux finanzjarji mhux prodotti**

L-Assi mhux prodotti mhux finanzjarji jikkonsistu fi: (a) riżorsi naturali, (b) kuntratti, kirjiet u liċenzji, u (c) assi tas-suq (ismijiet ta' ditti, marki kummerċjali) u avvjament L-akkwist u d-disponimenti ta' assi mhux prodotti mhux finanzjarji huma rreġistrati b'mod separat fuq bażi gross, minflok innettjati. Ix-xiri/il-bejgħ biss, u mhux l-użu, ta' dawn l-assi għandu jiġi rreġistrat f'din il-partita tal-kont kapitali.

5.2 **Trasferimenti ta' kapital (D9)**

It-trasferimenti tal-kapital jikkonsistu fi (i) it-trasferimenti ta' sjieda ta' assi finanzjarji, (ii) it-trasferimenti ta' fondi marbuta ma', jew kundizzjonali fuq l-akkwist jew id-disponiment ta' assi fissi, u (iii) it-tħassir, mingħajr ma tiġi riċevuta ebda kunsiderazzjoni bħala kumpens, tal-obbligazzjonijiet minn kredituri. It-trasferimenti tal-kapital jistgħu jkunu fi flus jew f'ekwivalenti (bħall-maħfra tad-dejn). Id-distinzjoni bejn trasferimenti kurrenti u tal-kapital, fil-prattika, hija fl-użu li jagħmel mit-trasferimenti il-pajjiż li jirċevih. It-trasferimenti tal-kapital huma kklassifikati skont is-settur istituzzjonali li jagħmel jew jirċievi t-trasferiment fl-ekonomija dikjaranti *(Gvern ġenerali jew Setturi oħrajn).*

It-trasferimenti tal-kapital jinkludu: *Taxxi fuq il-kapital, Għotjiet ta' investiment u Trasferimenti tal-kapital oħrajn.*

5.2.1 **Taxxi fuq il-kapital (D91)**

It-taxxi fuq il-kapital jikkonsistu f'taxxi imposti f'intervalli mhux regolari u mhux spissi fuq il-valuri tal-assi jew il-valur nett proprjetà ta' unitajiet istituzzjonali, jew fuq il-valuri ta' assi trasferiti bejn unitajiet istituzzjonali. Dawn jinkludu t-taxxi fuq il-wirt u t-taxxi fuq rigali bejn persuni ntaxxati fuq il-kapital tal-benefiċjarji.

5.2.2 **Għotjiet għal investimenti (D92)**

L-għotjiet ta' investiment jikkonsistu fi trasferimenti tal-kapital, fi flus jew f'ekwivalenti, magħmula sabiex jiffinanzjaw l-ispejjeż kollha tal-akkwist tal-assi fissi, jew parti minnhom. Min jirċievi għotjiet ta' investiment fi flus huwa obbligat li jużahom għal skopijiet ta' formazzjoni ta' kapital fiss gross, u l-għotjiet spiss ikunu marbuta ma' proġetti ta' investiment speċifiċi, bħal proġetti kbar ta' kostruzzjoni.

5.2.3 **Trasferimenti ta' kapital oħrajn (D99)**

Dawn jinkludu pagamenti kbar mhux rikorrenti bħala kumpens għal danni kbar jew korrimenti serji mhux koperti mill-poloz tal-assigurazzjoni, rigali kbar, legati u donazzjonijiet, inklużi dawk magħmula lil istituzzjonijiet bla skop ta' qligħ. Din il-kategorija tinkludi l-*Maħfra tad-dejn.*

5.2.3.1 **Maħfra tad-dejn**

Il-maħfra tad-dejn hija l-kanċellazzjoni volontarja ta' kull obbligu ta' dejn jew ta' parti minnu fi ftehim kuntrattwali bejn kreditur u dejnr.

C. KONT FINANZJARJU U QAGĦDA INTERNAZZJONALI TAL-INVESTIMENT

B'mod ġenerali, il-*Kont finanzjarju* jirreġistra tranżazzjonijiet li jinvolvu assi u obbligazzjonijiet finanzjarji li jkunu seħħew bejn residenti u nonresidenti. Il-kont finanzjarju juri tranżazzjonijiet f'termini netti: l-akkwisti netti ta' assi finanzjarji jikkorrispondu għall-akkwisti ta' assi wara tnaqqis fl-assi.

Il-*Qagħda internazzjonali tal-investiment* (QII) turi, fl-aħħar ta' kull trimestru, il-valur tal-assi finanzjarji ta' residenti ta' ekonomija li jkunu pretensjonijiet kontra nonresidenti, u l-obbligazzjonijiet ta' residenti ta' ekonomija, lil nonresidenti, flimkien ma' bullion tad-deheb miżmum bħala assi ta' riżerva. Id-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet hija l-pożizzjoni netta fil-QII, u tirrappreżenta pretensjoni netta jew obbligazzjoni netta lill-bqija tad-dinja.

Il-valur tal-QII fit-tmiem ta' perjodu jirriżulta minn qagħdiet fit-tmiem tal-perjodu preċedenti, tranżazzjonijiet fil-perjodu kurrenti, u bidliet oħra li jirriżultaw minn raġunijiet għajr tranżazzjonijiet bejn residenti u nonresidenti, li jistgħu jiġu attribwiti lil **bidliet oħra fil-volum u valutazzjonijiet mill-ġdid** (minħabba tibdil fir-**rati tal-kambju jew fil-prezzijiet**).

Skont is-sottodiviżjoni funzjonali, it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet finanzjarji transkonfinali huma kklassifikati bħala *Investiment dirett, Investiment tal-portafoll, Derivattivi finanzjarji (għajr riżervi) u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati, Investiment ieħor*, u *Assi ta' riżerva*. It-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet finanzjarji transkonfinali huma kklassifikati ulterjorment skont it-tip ta' strument u s-settur istituzzjonali, kif definit fit-Tabella 7.

Il-prezzijiet tas-suq huma l-bażi għall-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet. Il-valutazzjoni nominali tintuża għal qagħdiet fi strumenti mhux negozjabbli, jiġifieri self, depożiti u kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli. Madankollu, kwalunkwe tranżazzjoni f'dawn l-istrumenti hija stmata bil-prezzijiet tas-suq. Sabiex jiġġustifika l-inkonsistenza bejn il-valutazzjoni tas-suq tat-tranżazzjonijiet u l-valutazzjoni nominali tal-qagħdiet, il-bejjiegħ jirreġistra l-*Valutazzjonijiet mill-ġdid minħabba bidliet oħra fil-prezzijiet* matul il-perjodu li fih iseħħ il-bejgħ, ugwali għad-differenza bejn il-valur nominali u l-valur tat-tranżazzjoni, filwaqt li x-xerrej jirreġistra ammont oppost bħall-*valutazzjonijiet mill-ġdid minħabba bidliet oħra fil-prezzijiet.*

Il-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti u l-qagħda internazzjonali tal-investiment jinkludu entrati ta' tpaċija għad-dħul akkumulat fuq l-istrumenti kklassifikati fil-kategoriji funzjonali rispettivi

6.1 **Investiment dirett**

L-investiment dirett huwa assoċjat ma' resident f'ekonomija partikolari (investitur dirett) li jkollu kontroll jew grad sinifikanti ta' influwenza fuq il-ġestjoni ta' intrapriża li tkun residenti f'ekonomija oħra (intrapriża tal-investiment dirett). Skont standards internazzjonali, is-sjieda diretta jew indiretta ta' 10% jew aktar tas-saħħa tal-vot ta' intrapriża residenti f'ekonomija partikolari minn investitur residenti f'ekonomija oħra hija evidenza ta' tali relazzjoni. Fuq il-bażi ta' dan il-kriterju, tista' teżisti relazzjoni ta' investiment dirett bejn numru ta' intrapriżi relatati, irrispettivament minn jekk ir-rabta tinvolvix katina waħda jew numru ta' ktajjen. Hija tista' testendi għas-sussidjarji, is-subsussidjarji u l-assoċjati ta' intrapriża b'investiment dirett. Ladarba jiġi stabbilit l-investiment dirett, il-flussi finanzjarji/parteċipazzjonijiet sussegwenti kollha bejn l-entitajiet relatati jiġu rreġistrati bħala tranżazzjonijiet/qagħdiet ta' investiment dirett.

Il-*kapital ta' ekwità* jinkludi l-ekwità fil-fergħat kif ukoll l-ishma kollha fis-sussidjarji u l-assoċjati. Id-*qligħ investit mill-ġdid* jikkonsisti fl-entrata ta' tpaċija għas-sehem tal-qligħ tal-investitur dirett li ma jiġix distribwit bħala dividendi mis-sussidjarji jew l-assoċjati, u l-qligħ ta' fergħat mhux mibgħut lill-investitur dirett u li jiġi rreġistrat taħt *Dħul minn investimenti* (ara 3.2.3).

L-*ekwità ta' investiment dirett u d-Dejn* huma mqassma ulterjorment skont it-tip ta' relazzjoni bejn l-entitajiet u skont id-direzzjoni tal-investiment. Jistgħu jiġu distinti tliet tipi ta' relazzjonijiet ta' investiment dirett:

(a) **Investiment mill-investituri diretti f'intrapriżi ta' investiment dirett.** Din il-kategorija tinkludi flussi ta' investiment (u stokks) mill-investitur dirett lill-intrapriżi ta' investiment dirett tiegħu (irrispettivament minn jekk ikunx ikkontrollat jew influwenzat direttament jew indirettament);

(b) **Investiment bil-maqlub.** Din it-tip ta' relazzjoni tkopri flussi ta' investiment (u stokks) mill-intrapriżi ta' investiment dirett lill-investitur dirett;

(c) **Bejn intrapriżi assoċjati**. Din tkopri flussi (u stokks) bejn intrapriżi li ma jikkontrollawx jew jinfluwenzaw lil xulxin, iżda li t-tnejn huma taħt il-kontroll jew l-influwenza tal-istess investitur dirett.

6.2 **Investiment tal-portafoll**

L-investiment tal-portafoll jinkludi tranżazzjonijiet u qagħdiet li jinvolvu dejn jew titoli ta' ekwità, għajr dawk inklużi f'investiment dirett jew assi ta' riżerva. L-investiment tal-portafoll jinkludi *Titoli tal-ekwità, Ishma tal-fondi tal-investiment u Titoli tad-dejn*, sakemm ma jkunux ikklassifikati bħala investiment dirett jew bħala assi ta' riżerva. Tranżazzjonijiet bħal ftehimiet ta' riakkwist u self ta' titoli huma esklużi mill-investiment tal-portafoll.

6.2.1 **Titoli tal-ekwità (F51/AF51)**

L-ekwità tikkonsisti fl-istrumenti kollha li jirrappreżentaw il-pretensjonijiet fuq il-valur residwu ta' korporazzjoni jew kważi korporazzjoni, wara li jkunu ntlaqgħu l-pretensjonijiet tal-kredituri kollha. B'kuntrast mad-dejn, l-ekwità ġeneralment ma tipprovdix id-dritt lis-sid għal ammont determinat minn qabel jew ammont determinat skont formula fissa. It-titoli tal-ekwità jikkonsistu f'*Ishma kkwotati u Ishma mhux ikkwotati*.

**L-ishma kkwotati (F511/AF511)** huma titoli tal-ekwità kkwotati f'Borża rikonoxxuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. **L-ishma mhux ikkwotati (F512/AF512)** huma titoli tal-ekwità mhux ikkwotati f'Borża.

6.2.2 **Ishma tal-fondi tal-investiment (F52/AF52)**

L-ishma tal-fondi tal-investiment huma maħruġa minn fondi ta' investiment. Huma magħrufa bħala "unitajiet" jekk il-fond ikun fiduċjarju. Il-fondi tal-investiment huma intrapriżi ta' investiment kollettiv li permezz tagħhom l-investituri jiġbru flimkien fondi għall-investiment f'assi finanzjarji u/jew mhux finanzjarji. L-ishma tal-fondi tal-investiment għandhom rwol speċjalizzat fl-intermedjazzjoni finanzjarji bħala tip ta' investiment kollettiv f'assi oħra, u għalhekk huma identifikati separatament minn ishma oħra ta' ekwità. Barra minn hekk, it-trattament tad-dħul tagħhom huwa differenti minħabba li l-*qligħ investit mill-ġdid* irid jiġi attribwit.

6.2.3 **Titoli tad-dejn (F3/AF3)**

It-titoli tad-dejn huma strumenti negozjabbli li jservu bħala evidenza ta' dejn. Dawn jinkludu kontijiet, bonds, noti, ċertifikati ta' depożitu negozjabbli, karti kummerċjali, obbligazzjonijiet, titoli appoġġati minn assi, strumenti tas-suq monetarju, u strumenti simili normalment innegozjati fis-swieq finanzjarji. It-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet fit-titoli tad-dejn huma maqsuma skont il-maturità inizjali f'*Perjodu ta' żmien qasir u Perjodu ta' żmien twil*.

6.2.3.1 **Titoli tad-dejn fuq perjodu ta' żmien qasir (F31/AF31)**

It-titoli tad-dejn fuq perjodu ta' żmien qasir huma pagabbli fuq talba jew jinħarġu b'maturità inizjali ta' sena jew anqas. Ġeneralment dawn jagħtu lid-detentur id-dritt mhux kundizzjonat li jirċievi somma ta' flus fissa ddikjarata, f'data speċifika. Dawn l-istrumenti ġeneralment jiġu nnegozjati, bi skont, fi swieq organizzati; l-iskont jiddependi fuq ir-rata tal-imgħax u ż-żmien li jkun fadal sal-maturità.

6.2.3.2 **Titoli tad-dejn fuq perjodu ta' żmien twil (F32/AF32)**

It-titoli tad-dejn fuq perjodu ta' żmien twil jinħarġu b'maturità inizjali ta' aktar minn sena jew bl-ebda maturità ddikjarata (għajr meta tintalab, li hija inkluża fuq perjodu ta' żmien qasir). Huma ġeneralment jagħtu lid-detentur (a) id-dritt mhux kundizzjonat għal dħul monetarju fiss jew dħul monetarju varjabbli stabbilit b'kuntratt (il-ħlas tal-imgħax ikun indipendenti mill-qligħ tad-dejnr), u (b) id-dritt mhux kundizzjonat għal somma fissa bi ħlas lura għas-somma kapitali f'data jew dati speċifikati.

Ir-reġistrazzjoni ta' tranżazzjonijiet fil-bilanċ tal-pagamenti sseħħ meta l-kredituri jew id-dejnri jdaħħlu l-pretensjoni jew l-obbligazzjoni fil-kotba tagħhom. It-tranżazzjonijiet jiġu rreġistrati bil-prezz effettiv riċevut jew imħallas, esklużi l-kummissjoni u l-ispejjeż. Għalhekk, fil-każ tat-titoli bil-kupuni, jiġu inklużi l-imgħax akkumulat mill-aħħar ħlas tal-imgħax u, fil-każ tat-titoli maħruġa bi skont, jiġu inklużi l-imgħax akkumulat mill-inklużjoni tal-ħruġ. L-inklużjoni tal-imgħax dovut hija meħtieġa kemm għall-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti kif ukoll għall-qagħda internazzjonali tal-investiment; dawn ir-reġistrazzjonijiet għandu jkollhom entrati ta' tpaċija fil-kontijiet tad-dħul rispettivi tagħhom.

6.3 **Derivattivi finanzjarji (għajr riżervi) u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati (F7/AF7)**

Kuntratt dwar derivattiv finanzjarju huwa strument finanzjarju li huwa marbut ma' strument finanzjarju jew indikatur jew komodità speċifika oħra u li permezz tiegħu riskji finanzjarji speċifiċi (bħar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax, ir-riskju tal-kambju, ir-riskju tal-ekwità u tal-prezzijiet tal-komoditajiet, ir-riskju tal-kreditu, eċċ.) jistgħu jiġu nnegozjati waħedhom fis-swieq finanzjarji. Din il-kategorija hija identifikata separatament minn kategoriji oħra minħabba li tirrigwarda t-trasferiment tar-riskju pjuttost milli l-provvista ta' fondi jew riżorsi oħra. Kuntrarju għal kategoriji funzjonali oħra, ma jakkumula l-ebda dħul primarju fuq id-derivattivi finanzjarji. Il-flussi netti assoċjati mad-derivattivi mir-rata tal-imgħax jiġu rreġistrati bħala derivattivi finanzjarji, mhux bħala dħul mill-investiment. It-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet fid-derivattivi finanzjarji huma ttrattati separatament mill-valuri ta' kwalunkwe partita sottostanti li jkunu marbuta magħha. Fil-każ ta' opzjonijiet, jiġi rreġistrat il-primjum sħiħ (jiġifieri l-prezz tax-xiri/bejgħ tal-opzjonijiet u l-miżata għas-servizz implikata). Il-pagamenti tal-marġini ripagabbli jikkonsistu fi flus jew kollateral ieħor iddepożitati sabiex kontroparti tiġi protetta kontra r-riskju ta' inadempjenza. Huma kklassifikati bħala depożiti taħt investiment ieħor (jekk l-obbligazzjonijiet tad-dejnr ikunu inklużi fi flus ġenerali) jew f'kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli. Il-pagamenti tal-marġini mhux ripagabbli (magħrufa wkoll bħala l-marġini ta' varjazzjoni) inaqqsu l-obbligazzjoni finanzjarja maħluqa permezz ta' derivattiv; għalhekk huma kklassifikati bħala tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji.

L-opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati huma opzjonijiet sabiex tinxtara l-ekwità ta' kumpanija li jiġu offruti lill-impjegati ta' kumpanija bħala forma ta' remunerazzjoni. Jekk opzjoni ta' stokk mogħtija lill-impjegati tkun tista' tiġi negozjata fis-swieq finanzjarji mingħajr restrizzjoni, hija tiġi kklassifikata bħala derivattiv finanzjarju.

6.4 **Investiment ieħor**

Investiment ieħor huwa kategorija residwa li tinkludi qagħdiet u tranżazzjonijiet differenti minn dawk inklużi f'investiment dirett, investiment tal-portafoll, derivattivi finanzjarji u opzjonijiet ta' stokks tal-impjegati jew assi ta' riżerva. Sakemm il-kategoriji li ġejjin ta' assi u obbligazzjonijiet finanzjarji ma jkunux inklużi taħt investiment dirett jew assi ta' riżerva, investiment ieħor jinkludi: (a) *Ekwità oħra*; (b) *Munita u depożiti*; (c) *Self* (inkluż l-użu ta' kreditu mill-FMI u self mill-FMI); (d) *Skemi ta' assigurazzjoni, pensjoni u garanzija standardizzata*; (e) *Kreditu kummerċjali u ħlasijiet bil-quddiem*; (f) *kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli*; u (g) *allokazzjonijiet SDR* (il-holdings SDR huma inklużi fl-assi ta' riżerva).

Għas-self, id-depożiti u kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli mibjugħa bi skont, il-valuri tat-tranżazzjonijiet irreġistrati fil-kont finanzjarju jistgħu jkunu differenti mill-valuri nominali rreġistrati fil-QII. Tali differenzi jiġu rreġistrati bħala *Valutazzjonijiet mill-ġdid minħabba bidliet oħra fil-prezzijiet.*

6.4.1 **Ekwità oħra (F519/AF519)**

Ekwità oħra tinkludi ekwità mhux fil-forma ta' titoli, għalhekk mhux inkluża fl-investiment tal-portafoll. Il-parteċipazzjoni fil-kapital ta' xi organizzazzjonijiet internazzjonali mhijiex fil-forma ta' titoli u għalhekk hija kklassifikata bħala *Ekwità oħra*.

6.4.2 **Munita u depożiti (F2/AF2)**

Il-munita u d-depożiti jinkludu l-flus fiċ-ċirkolazzjoni u d-depożiti. Id-depożiti huma kuntratti standardizzati, mhux negozjabbli ġeneralment offruti mill-istituzzjonijiet li jieħdu d-depożiti, li jippermettu t-tqegħid u l-irtirar aktar tard ta' ammont varjabbli ta' flus mill-kreditur. Id-depożiti ġeneralment jinvolvu garanzija mid-dejnr sabiex jirritorna l-ammont prinċipali lill-investitur.

Id-distinzjoni bejn *Self u Munita u depożiti* tiddependi fuq in-natura tal-mutwatarju. Dan jimplika li, min-naħa tal-assi, il-flus mogħtija mis-settur taż-żamma tal-flus residenti lil banek mhux residenti għandhom jiġu kklassifikati bħala *Depożiti* u l-flus mogħtija mis-settur taż-żamma tal-flus residenti lil istituzzjonijiet mhux banek mhux residenti (jiġifieri unitajiet istituzzjonali għajr banek) għandhom jiġu kklassifikati bħala *Self*. Min-naħa tal-obbligazzjonijiet, il-flus meħuda minn istituzzjonijiet mhux banek residenti, jiġifieri istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (mhux IFM) għandhom jiġu kklassifikati dejjem bħala *Self*. Fl-aħħar nett, din id-distinzjoni timplika li t-tranżazzjonijiet kollha li jinvolvu IFM u banek mhux residenti għandhom jiġu kklassifikati bħala *Depożiti*.

6.4.3 **Self (F4/AF4)**

Is-self huwa assi finanzjarju li (a) jinħoloq meta kreditur jislef fondi direttament lil dejnr, u (b) li jintwera f'dokumenti li mhumiex negozjabbli. Din il-kategorija tinkludi s-self kollu, inklużi l-ipoteki, il-kirjiet finanzjarji u l-operazzjonijiet tat-tip repo. L-operazzjonijiet kollha tat-tip repo, jiġifieri l-ftehimiet ta' riakkwist, l-operazzjonijiet ta' bejgħ/riakkwist u s-self ta' titoli (bi skambju ta' flus bħala kollateral), huma ttrattati bħala self kollateralizzat, mhux bħala xiri/bejgħ dirett ta' titoli, u huwa rreġistrat taħt *Investiment ieħor*, fi ħdan is-settur residenti li jwettaq l-operazzjoni. Dan it-trattament, li huwa konformi wkoll mal-prattika kontabilistika tal-banek u ta' korporazzjonijiet finanzjarji oħra, huwa maħsub sabiex jirrifletti b'mod aktar preċiż ir-raġunament ekonomiku wara dawn l-istrumenti finanzjarji.

6.4.4 **Skemi ta' assigurazzjoni, pensjoni u dawk ta' garanzija standardizzata (F6/AF6)**

Dawn jinkludu dan li ġej: (a) Ir-riżervi tekniċi ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja (F61); (b) L-assigurazzjoni tal-ħajja u d-drittijiet tal-annwalità (F62); (c) Id-drittijiet għal pensjoni, it-talbiet ta' fondi tal-pensjoni fuq il-ġestjonarji tal-pensjonijiet, u d-drittijiet għal fondi mhux tal-pensjoni (F63+F64+F65); u (d) Provvedimenti għal sejħiet taħt garanziji standardizzati (F66).

6.4.5 **Krediti u ħlasijiet bil-quddiem tal-kummerċ (F81/AF81)**

Il-kreditu kummerċjali u l-ħlasijiet bil-quddiem huma pretensjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-estensjoni diretta tal-kreditu mill-fornituri ta' prodotti u servizzi lill-konsumaturi tagħhom, u l-ħlasijiet bil-quddiem għal xogħol li jkun qiegħed isir jew li jkun għad irid jitwettaq, fil-forma ta' prepagament mill-konsumaturi għal prodotti u servizzi li jkunu għadhom ma ġewx provduti. Il-kreditu kummerċjali u l-ħlasijiet bil-quddiem jinħolqu meta l-ħlas għall-prodotti jew is-servizzi ma jsirx fl-istess ħin bħall-bidla fis-sjieda ta' prodott jew l-għoti ta' servizz.

6.4.6 **Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (F89/AF89)**

Din il-kategorija tikkonsisti minn kontijiet riċevibbli jew pagabbli għajr dawk inklużi fi kreditu kummerċjali u ħlasijiet bil-quddiem jew strumenti oħra. Hija tinkludi assi u obbligazzjonijiet finanzjarji maħluqa bħala kontropartijiet għal tranżazzjonijiet fejn ikun hemm differenza ta' żmien bejn dawn it-tranżazzjonijiet u l-pagamenti korrispondenti. Hija tinkludi l-obbligazzjonijiet għat-taxxi, ix-xiri u l-bejgħ ta' titoli, il-miżati għas-self ta' titoli, it-tariffi għas-self ta' deheb, il-pagi u s-salarji, id-dividendi, u l-kontribuzzjonijiet soċjali li jkunu akkumulaw iżda li jkunu għadhom ma tħallsux.

6.4.7 **Allokazzjonijiet tad-drittijiet speċjali ta' prelevament (SDR) (F12/AF12)**

L-allokazzjoni ta' SDR lill-membri tal-FMI hija murija bħala obbligazzjoni mġarrba mir-riċevitur taħt SDR f'*Investiment ieħor*, b'entrata korrispondenti taħt SDRs f'*Assi ta' riżerva*.

6.5 **Assi ta' riżerva**

L-assi ta' riżerva huma dawk l-assi esterni li jkunu faċilment disponibbli għall-awtoritajiet monetarji u kkontrollati minnhom, sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-bilanċ tal-pagamenti, għal intervent fis-swieq tal-kambju sabiex tiġi mmaniġġata r-rata tal-kambju tal-munita, u għal għanijiet oħra relatati (bħaż-żamma tal-fiduċja fil-munita u l-ekonomija, jew biex iservu bħala bażi għas-self barrani). L-assi ta' riżerva jridu jkunu assi f'munita barranija, pretensjonijiet fil-konfront ta' nonresidenti u assi li fil-fatt jeżistu. L-assi potenzjali huma esklużi. Il-bażi tal-kunċett tal-assi ta' riżerva huma l-kunċetti ta' "kontroll" u "disponibbiltà għall-użu" mill-awtoritajiet monetarji.

6.5.1 **Deheb monetarju (F11/AF11)**

Id-deheb monetarju huwa deheb li għalih l-awtoritajiet monetarji (jew oħrajn li jkunu soġġetti għall-kontroll effettiv tal-awtoritajiet monetarji) ikollhom dritt u li jinżamm bħala assi ta' riżerva. Dan jinkludi l-*Bullion tad-deheb* u l-*Kontijiet tad-deheb mhux allokati* ma' nonresidenti li jagħtuhom dritt li jitolbu l-kunsinna tad-deheb.

6.5.1.1 **Il-bullion tad-deheb** jieħu l-forma ta' muniti, ingotti, jew blokok b'purità ta' mill-inqas 995 parti għal kull 1 000, inklużi l-bullion tad-deheb miżmum f'kontijiet tad-deheb allokati.

6.5.1.2 **Il-kontijiet tad-deheb mhux allokati** jirrappreżentaw pretensjoni kontra l-operatur tal-kont biex jikkonsenja d-deheb. Għal dawn il-kontijiet, il-fornitur tal-kont iżomm id-dritt għal bażi ta' riżerva ta' deheb fiżiku (allokat) u joħroġ pretensjonijiet lid-detenturi tal-kontijiet denominati fid-deheb. Il-kontijiet tad-deheb mhux allokati li ma jkunux ikklassifikati bħala deheb monetarju huma inklużi bħala *Munita u depożiti f'Investiment ieħor.*

6.5.2 **Drittijiet speċjali ta' prelevament (F12/AF12)**

Id-drittijiet speċjali ta' prelevament (SDR) huma assi ta' riżerva internazzjonali maħluqa mill-FMI u allokati lill-membri sabiex jissupplimentaw ir-riżervi uffiċjali eżistenti. L-SDRs jinżammu biss mill-awtoritajiet monetarji tal-membri tal-FMI u minn numru limitat ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li jkunu detenturi awtorizzati.

6.5.3 **Pożizzjoni ta' riżerva fil-FMI**

Din hija s-somma ta' (a) is-"segment ta' riżerva", jiġifieri l-ammonti ta' munita barranija, (inklużi l-SDRs) li pajjiż membru jista' jiġbed mill-FMI mingħajr ma javża ħafna qabel; u (b) kwalunkwe dejn tal-FMI (taħt ftehim ta' self) fil-Kont tar-Riżorsi Ġenerali li jkun disponibbli mill-ewwel għall-pajjiż membru.

6.5.4 **Assi ta' riżerva oħra**

Dawn jinkludu: *Munita u depożiti, Titoli, Derivattivi finanzjarji u Pretensjonijiet oħra.* Id-*depożiti* jirreferu għal dawk disponibbli meta jintalbu. It-*titoli* jinkludu l-ekwità likwida u kummerċjabbli u t-titoli tad-dejn maħruġa minn nonresidenti, inklużi l-ishma jew l-unitajiet tal-fondi tal-investiment. Id-*derivattivi finanzjarji* jiġu rreġistrati fl-assi ta' riżerva biss jekk id-derivattivi marbuta mal-ġestjoni tal-assi ta' riżerva jkunu integrali għall-valutazzjoni ta' dawk l-assi. *Pretensjonijiet oħra* jinkludu self lil istituzzjonijiet mhux bankarji mhux residenti, self fit-tul lil kont Fiduċjarju tal-FMI u assi finanzjarji oħra mhux inklużi qabel iżda li jissodisfaw id-definizzjoni ta' assi ta' riżerva."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 556/2012

## tas-26 ta' Ġunju 2012

## li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal spinosad fil-lampun jew fuqhom

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(4) tiegħu,

Billi:

(1) Għas-sustanza spinosad, il-livelli massimi tar-residwi (LMR) ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([2]), fil-11 ta' Mejju 2012 Franza nnotifikat lill-Kummissjoni dwar l-awtorizzazzjoni temporanja tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva spinosad, minħabba tifqigħa mhux mistennija ta' *Drosophila suzukii*, periklu li ma setax jitbassar u li ma setax jiġi kkontrollat b'xi mod raġonevoli ieħor. Konsegwentement, Franza nnotifikat ukoll lill-Istati Membri l-oħra, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li hija awtorizzat it-tqegħid fis-suq fit-territorju tagħha ta' lampun li għandu residwi tal-pestiċidi ogħla mil-LMR relevanti. Bħalissa, dak il-LMR huwa stabbilit għal 0,3.

(3) Franza ressqet valutazzjoni xierqa tar-riskji għall-konsumatur lill-Kummissjoni u pproponiet LMR temporanju fuq dik il-bażi.

(4) L-Awtorità vvalutat id-dejta pprovduta u ħarġet dikjarazzjoni ([3]) dwar is-sikurezza tal-LMR temporanji proposti.

(5) L-Awtorità kkonkludiet li l-użu tal-ispinosad fuq il-lampun, kif awtorizzat fi Franza, x'aktarx ma jirriżultax f'espożizzjoni għall-konsumatur ogħla mill-valur ta' referenza tossikoloġiku u, għalhekk, dan mhuwiex mistenni li jkun ta' tħassib għas-saħħa pubblika.

(6) Fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tal-Awtorità u b'kunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti għas-suġġett ikkonċernat, il-modifika xierqa lil-LMR tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(8) Minħabba li l-użi ta' emerġenza tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-ispinosad huma diġà awtorizzati minn Franza u l-ħtieġa urġenti li tirriżulta għall-garanzija ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur, jixraq li jsiru provvedimenti għal-LMR billi tiġi applikata l-proċedura msemmija fl-Artikolu 45(5) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Dikjarazzjoni dwar il-modifika tal-LMR eżistenti għal spinosad fil-lampun. EFSA Journal 2012;10(5):2751 [26 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2751 Disponibbli onlajn: http://www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta’ Ġunju 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonna għall-ispinosad hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)**

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li l-MRLs japplikaw għalihom ([a]) | Spinosad: spinosyn A u spinosyn D, espressi bħala spinosad (F) |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0100000 | 1. **FROTT FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠWIEŻ** | |
| 0110000 | (i) **Frott taċ-ċitru** | 0,3 |
| 0110010 | Grejpfrut (Shaddocks, pomelos, sweeties, tangelo (minbarra l-minneola), ugli u ibridi oħra) | |
| 0110020 | Larinġ (Bergamott, larinġ qares, kinotto u ibridi oħra) | |
| 0110030 | Lumi (Tronġ, lumi) | |
| 0110040 | Xkomp (lajm) | |
| 0110050 | Mandolin (Klementini, mandolin, il-minneola u ibridi oħra) | |
| 0110990 | Oħrajn | |
| 0120000 | (ii) **Ġwież tas-siġar (bil-qoxra jew mingħajrha)** | |
| 0120010 | Lewż | 1 |
| 0120020 | Gewż tal-Brażil | 0,05 |
| 0120030 | Kexjus jew ġwież ta' l-anakardju | 0,05 |
| 0120040 | Qastan | 0,05 |
| 0120050 | Ġewż ta' l-Indi (coconut) | 0,05 |
| 0120060 | Ġellewż (Filbert) | 0,05 |
| 0120070 | Macadamia | 0,05 |
| 0120080 | Ġewż Amerikan (pecans) | 0,05 |
| 0120090 | Ġwież ta' l-arznu (pine nuts) | 0,05 |
| 0120100 | Pistaċċi | 0,05 |
| 0120110 | Ġewż | 0,05 |
| 0120990 | Oħrajn | 0,05 |
| 0130000 | (iii) **Frott taż-żerriegħa** | |
| 0130010 | Tuffieħ (Tuffieħ selvaġġ (Malus sylvestris)) | 1 |
| 0130020 | Lanġas (Lanġas Orjentali) | 1 |
| 0130030 | Sfarġel | 0,5 |
| 0130040 | Naspli | 0,5 |
| 0130050 | Loquat | 0,5 |
| 0130990 | Oħrajn | 0,5 |
| 0140000 | (iv) **Frott ta' l-għadma** | 1 |
| 0140010 | Berquq | |
| 0140020 | Ċiras (Ċiras ħelu, ċiras qares) | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0140030 | Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili) | |
| 0140040 | Għanbaqar (Pruna għanbaqra, mirabelle, pruna salvaġġa) | |
| 0140990 | Oħrajn | |
| 0150000 | (v) **Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor** | |
| 0151000 | (a) *Għeneb ta' l-ikel u għall-inbid* | 0,5 |
| 0151010 | Għeneb ta' l-ikel | |
| 0151020 | Għeneb għall-inbid | |
| 0152000 | (b) *Frawli* | 0,3 |
| 0153000 | (c) *Frott tal-kannamiela* | |
| 0153010 | Tut | 0,3 |
| 0153020 | Dewberries (Loganberries, Boysenberries, u cloudberries) | 0,02 (*) |
| 0153030 | Lampun (Wineberries, għollieq tal-Artiku/lampun, (Rubus arcticus), nectar raspberries (Rubus arcticus x idaeus)) | **0,9 (+)** |
| 0153990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 0154000 | (d) *Frott tal-bosk (berries) u frott żgħir ieħor* | |
| 0154010 | Blueberries (Mirtill) | 0,3 |
| 0154020 | Cranberries (għeneb tal-muntanja (bilberries/mirtill aħmar)) | 0,02 (*) |
| 0154030 | Passolina (ħamra, sewda jew bajda) | 0,3 |
| 0154040 | Ribes (Inklużi l-ibridi ma' speċi oħra ta' ribes) | 0,3 |
| 0154050 | Warda Skoċċiża | 0,3 |
| 0154060 | Ċawsli (arbutus berry) | 0,02 (*) |
| 0154070 | Azarole (naspla Mediterranja) (Kiwiberry (Actinidia arguta)) | 0,3 |
| 0154080 | Elderberries (frott is-sebuqa) (Black chokeberry (appleberry), mountain ash, azarole, buckthorn (sea sallowthorn), hawthorn, service berries, u frott tal-bosk ieħor) | 0,3 |
| 0154990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 0160000 | (vi) **Frott mixxellanju** | |
| 0161000 | (a) *Qoxra li tittiekel* | |
| 0161010 | Tamar | 0,02 (*) |
| 0161020 | Tin | 0,02 (*) |
| 0161030 | Żebbuġ tal-mejda | 0,02 (*) |
| 0161040 | Kumquat (Marumi kumquats, nagami kumquats, limequats (Citrus aurantifolia x Fortunella spp.)) | 0,02 (*) |
| 0161050 | Karambola (Bilimbi) | 0,02 (*) |
| 0161060 | Frotta tal-kaki | 0,05 |
| 0161070 | Jambolan(java plum), (Tuffieħa ta' Ġava (water apple), pomerac, rose apple, ċirasa Brażiljana ċirasa tas-Surinam (grumichama Eugenia uniflora),) | 0,02 (*) |
| 0161990 | Oħrajn | 0,02 (*) |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0162000 | (b) *qoxra li ma tittikilx, żgħira* | |
| 0162010 | Kiwi | 0,2 |
| 0162020 | Liċċi (lychee) (Pulasan, rambutan (liċċi bis-suf), mangosteen) | 0,02 (*) |
| 0162030 | Frotta tal-passjoni | 0,5 |
| 0162040 | Bajtar tax-xewk | 0,02 (*) |
| 0162050 | Star apple | 0,02 (*) |
| 0162060 | Frotta tal-kaki (Kaki tal-Virġinja) (Sapote sewda, bajda, ħadra, safra (canistel), u mammey) | 0,02 (*) |
| 0162990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 0163000 | (c) *qoxra li ma tittikilx, kbira* | |
| 0163010 | Avokado | 0,02 (*) |
| 0163020 | Banana (Banana nanija, pjantaġġni, bananito) | 2 |
| 0163030 | Mango | 0,02 (*) |
| 0163040 | Papaja | 0,5 |
| 0163050 | Rummien | 0,02 (*) |
| 0163060 | Ċerimoja (Custard apple, sugar apple (sweetsop), llama u Annonnaceae oħra ta' daqs medju) | 0,02 (*) |
| 0163070 | Gwava (Pitaja ħamra jew ħelwa (Hylocereus undatus)) | 0,02 (*) |
| 0163080 | Ananas | 0,02 (*) |
| 0163090 | Frotta tas-siġra tal-ħobż (Jackfruit) | 0,02 (*) |
| 0163100 | Durian | 0,02 (*) |
| 0163110 | Il-frotta ta' l-annona (guanbana), | 0,02 (*) |
| 0163990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 0200000 | 2. **ĦAXIX FRISK JEW IFFRIŻAT** | |
| 0210000 | (i) **Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi** | |
| 0211000 | (a) *Patata* | 0,02 (*) |
| 0212000 | (b) *ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi* | 0,02 (*) |
| 0212010 | Kassava (Dasheen, eddoe (Japanese taro), tannia) | |
| 0212020 | Patata ħelwa | |
| 0212030 | Jamm (Potato bean (yam bean), Mexican yam bean) | |
| 0212040 | Ararut | |
| 0212990 | Oħrajn | |
| 0213000 | (c) *Ħxejjex oħra ta' l-għeruq u tat-tuberi minbarra pitravi* | |
| 0213010 | Pitravi | 0,02 (*) |
| 0213020 | Karotti | 0,02 (*) |
| 0213030 | Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi | 0,02 (*) |
| 0213040 | Għerq il-mustarda (L-għeruq tal-anġelika, tal-lovage, tal-ġenzjana) | 0,02 (*) |
| 0213050 | Artiċokks | 0,02 (*) |
| 0213060 | Zunnarija bajda | 0,02 (*) |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0213070 | Għerq it-tursin | 0,02 (*) |
| 0213080 | Ravanell (Ravanell iswed, ravanell Ġappuniż, ravanell żgħir u varjetajiet simili, tiger nut (Cyperus esculentus)) | 0,3 |
| 0213090 | Sassefrika (Scorzonera, sassefrika Spanjola (Spanish oysterplant)) | 0,02 (*) |
| 0213100 | Rutabaga | 0,02 (*) |
| 0213110 | Turnip (xorta ta' Brassica) | 0,02 (*) |
| 0213990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 0220000 | (ii) **Ħxejjex tal-basla** | |
| 0220010 | Tewm | 0,1 |
| 0220020 | Basal (Basal silverskin) | 0,2 |
| 0220030 | Shallots | 0,1 |
| 0220040 | Basal tar-rebbiegħa (Basla ta' Wales u varjetajiet simili) | 0,2 |
| 0220990 | Others | 0,1 |
| 0230000 | (iii) **Ħxejjex tal-frott** | |
| 0231000 | (a) *Solanacea* | |
| 0231010 | Tadam (Tadam ċiras, tadam tas-siġra, il-Fisalis, il-goġiberri, il-wolfberry (Lycium barbarum u L. chinense)) | 1 |
| 0231020 | Bżar (Bżar aħmar) | 2 |
| 0231030 | Brunġiel (Pepino) | 1 |
| 0231040 | Okra | 1 |
| 0231990 | Oħrajn | 1 |
| 0232000 | (b) *Cucurbits – qoxra li tittiekel* | |
| 0232010 | Ħjar | 1 |
| 0232020 | Hjar żgħar (gherkins) | 0,2 |
| 0232030 | Zukkini (Summer squash, qara' (patisson)) | 0,2 |
| 0232990 | Oħrajn | 0,2 |
| 0233000 | (c) *Cucurbits-qoxra li ma tittikilx* | 1 |
| 0233010 | Bettieħ (Kiwano) | |
| 0233020 | Qara' (Qargħa ħamra) | |
| 0233030 | Dulliegħ | |
| 0233990 | Oħrajn | |
| 0234000 | (d) *Qamħ ħelu (Sweet corn)* | 0,02 (*) |
| 0239000 | (e) *Ħxejjex tal-frott oħra* | 0,02 (*) |
| 0240000 | (iv) **Ħxejjex tal-ġenus brassica** | 2 |
| 0241000 | (a) *Brassica bil-fjuri* | |
| 0241010 | Brokkoli (Calabrese, brokkoli Ċiniżi, broccoli raab) | |
| 0241020 | Pastard | |
| 0241990 | Oħrajn | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0242000 | (b) *Rjus tal-brassica* | |
| 0242010 | Brussels sprouts | |
| 0242020 | Ġidra (Kaboċċa bir-ras ippuntata, kaboċċa ħamra, kaboċċa mfelfla (savoy), kaboċċa bajda) | |
| 0242990 | Oħrajn | |
| 0243000 | (c) *Brassica bil-weraq* | |
| 0243010 | Kaboċċi Ċiniżi (Mustarda Indjana (Ċiniża) pak choi, kaboċċa ċatta Ċiniża (tai goo choi), kaboċċa ta' peking (pe-tsai)) | |
| 0243020 | Kale (Borecole (kale innukklat) collards, Kale Portugiż, Kaboċċa Portugiża, cow cabbage) | |
| 0243990 | Oħrajn, inkluż in-naħat ta' fuq tat-turnips | |
| 0244000 | (d) *Kohlrabi* | |
| 0250000 | (v) **Ħxejjex tal-weraq u ħwawar friski** | |
| 0251000 | (a) *Ħass u pjanti oħra ta' l-insalata inkluż il-Brassicacea* | 10 |
| 0251010 | Valerjanella (Cornsalad Taljan) | |
| 0251020 | Ħass (Ħass ikkabboċjat, lollo rosso, ħass iceberg, ħass romaine (cos)) | |
| 0251030 | Scarole (indivja tal-werqa wiesgħa) (Ċikwejra selvaġġa, ċikwejra tal-werqa ħamra, radicchio, indivja tal-weraq innukklat, sugar loaf) | |
| 0251040 | Ħabirxa | |
| 0251050 | Krexxun, | |
| 0251060 | Rukola (Aruka selvaġġa) | |
| 0251070 | Mustarda ħamra | |
| 0251080 | Għeruq u rimi of Brassica spp. (Mizuna, weraq tal-piselli u tar-ravanell u pjanti oħra tal-familja brassica bil-weraq żgħir (pjanti li jinħasdu sal-istadju fejn ikollhom l-ewwel 8 werqat)) | |
| 0251990 | Oħrajn | |
| 0252000 | (b) *Spinaċi u smili (weraq)* | 10 |
| 0252010 | Spinaċi (Spinaċi tan-New Zealand, spinaċi amaranthus) | |
| 0252020 | Burdlieqa (Burdlieqa tax-xitwa (miner's lettuce), burdlieqa tal-ġonna, burdlieqa komuni, ħaxixa Ingliża glasswort, Krexxuni (Salsola soda)) | |
| 0252030 | Weraq tal-pitravi chard (Weraq tal-pitravi) | |
| 0252990 | Oħrajn | |
| 0253000 | (c) *Weraq tad-dielja* | 10 |
| 0254000 | (d) *Krexxuni ta' l-ilma* | 10 |
| 0255000 | (e) *Witloof* | 10 |
| 0256000 | (f) *Ħwawar* | |
| 0256010 | Maxxita/Sorfolja | 10 |
| 0256020 | Kurrat selvaġġ | 10 |
| 0256030 | Weraq tal-karfus (Weraq tal-bużbież, weraq tal-kosbor, weraq tax-xibt, weraq tal-ħlewwa, lovage, anġelika, sweet cicely u Apiacea oħrajn.) | 10 |
| 0256040 | Tursin | 60 |
| 0256050 | Salvja (Sagħtrija (Satureia hortensis, Satureia montana)) | 10 |
| 0256060 | Klin | 10 |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0256070 | Sagħtar (Merdqux, riegnu) | 10 |
| 0256080 | Ħabaq (Weraq tal-balzmu, pepermint, nagħniegħ) | 10 |
| 0256090 | Rand | 10 |
| 0256100 | Stragun (Issopu) | 10 |
| 0256990 | Oħrajn (Fjuri li jittieklu) | 10 |
| 0260000 | (vi) **Legumi (friski)** | |
| 0260010 | Fażola (bil-miżwed) (Fażola ħadra, fażola ħamra tixxeblek, slicing bean, yardlong beans) | 0,5 |
| 0260020 | Fażola (bla miżwed) (Ful, flageolets, jack bean, lima bean, cowpea) | 0,3 |
| 0260030 | Piżelli (bil-miżwed) (Mangetout) | 0,5 |
| 0260040 | Piżelli (bla miżwed) (Piżelli tal-ġnien, piżelli ħodor, ċiċri) | 0,3 |
| 0260050 | Lentils | 0,3 |
| 0260990 | Oħrajn | 0,3 |
| 0270000 | (vii) **Ħxejjex biz-zokk (friski)** | |
| 0270010 | Asparagu | 0,2 |
| 0270020 | Kardun | 0,2 |
| 0270030 | Karfus | 2 |
| 0270040 | Bużbież | 0,2 |
| 0270050 | Qaqoċċ | 0,2 |
| 0270060 | Kurrat | 0,5 |
| 0270070 | Rubarbru | 0,2 |
| 0270080 | Rimi tal-pjanta tal-bambu | 0,2 |
| 0270090 | Qlub tal-palma | 0,2 |
| 0270990 | Oħrajn | 0,2 |
| 0280000 | (viii) **Fungi** | 0,02 (*) |
| 0280010 | Ikkultivati (Faqqiegħ komuni, Oyster mushroom, Shi-take) | |
| 0280020 | Selvaġġi (Chanterelle, Tartuf, More, Cep) | |
| 0280990 | Oħrajn | |
| 0290000 | (ix) **Algi** | 0,02 (*) |
| 0300000 | 3. **ŻRIERAGĦ TAL-LEGUMI MNIXXFA** | 0,02 (*) |
| 0300010 | Fażola u ful (Ful, navy beans, flageolets, jack beans, lima beans, field beans, cowpeas) | |
| 0300020 | Lentils | |
| 0300030 | Piżelli (Ċiċri, piżelli, ġulbiena) | |
| 0300040 | Lupini | |
| 0300990 | Oħrajn | |
| 0400000 | 4. **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT** | 0,02 (*) |
| 0401000 | (i) **Żrieragħ taż-żejt** | |
| 0401010 | Kittien | |
| 0401020 | Karawett | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0401030 | Żerrigħet il-pepprin | |
| 0401040 | Żerrigħet il-ġunġlien | |
| 0401050 | Żerrigħet il-ġirasol | |
| 0401060 | Żerrigħet il-lift (Żerrigħet il-lift tal-għasafar, turnip rape) | |
| 0401070 | Żerrigħet is-sojja | |
| 0401080 | Żerrigħet il-mustarda | |
| 0401090 | Żerrigħet il-qoton | |
| 0401100 | Żerrigħa tal-qara' ħamra (Żrieragħ oħrajn tal-cucurbitacea) | |
| 0401110 | Għosfor | |
| 0401120 | Fidloqqom | |
| 0401130 | Gold of pleasure | |
| 0401140 | Qanneb | |
| 0401150 | Castor bean | |
| 0401990 | Oħrajn | |
| 0402000 | (ii) **Frott taż-żejt** | |
| 0402010 | Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt | |
| 0402020 | Ġewż tal-palm (qlub biż-żejt tal-palm) | |
| 0402030 | Frott il-palm | |
| 0402040 | Kapok | |
| 0402990 | Oħrajn | |
| 0500000 | 5. **ĊEREALI** | 1 |
| 0500010 | Xgħir | |
| 0500020 | Qamħ Saraċin (Amaranthus, quinoa) | |
| 0500030 | Mais | |
| 0500040 | Millieġ (Millieġ foxtail, teff) | |
| 0500050 | Ħafur | |
| 0500060 | Ross | |
| 0500070 | Segala | |
| 0500080 | Sorgu | |
| 0500090 | Qamħ (Spelt, triticale) | |
| 0500990 | Oħrajn | |
| 0600000 | 6. **TÈ, KAFE, INFUŻJONIJIET ERBALI U KAKAW** | |
| 0610000 | (i) **Tè (weraq u zkuk imnixxfa, iffermentat jew mhux tal-Camellia sinensis)** | 0,05 (*) |
| 0620000 | (ii) **Żrieragħ tal-kafe** | 0,02 (*) |
| 0630000 | (iii) **Infużjonijiet erbali (imnixxfa)** | 0,05 (*) |
| 0631000 | (a) *Fjuri* | |
| 0631010 | Fjuri tal-kamomilla | |
| 0631020 | Fjuri tal-ħibiskus | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0631030 | Petali tal-ward | |
| 0631040 | Fjuri tal-verbena (Fjuri tas-sebuqa (Sambucus nigra).) | |
| 0631050 | Xkomp (linden) | |
| 0631990 | Oħrajn | |
| 0632000 | (b) *Weraq* | |
| 0632010 | Weraq tal-frawli | |
| 0632020 | Weraq tar-rooibos (Weraq tal-ġingo) | |
| 0632030 | Maté | |
| 0632990 | Oħrajn | |
| 0633000 | (c) *Gheruq* | |
| 0633010 | Gherq il-valerjana | |
| 0633020 | Gherq il-ġinseng | |
| 0633990 | Oħrajn | |
| 0639000 | (d) *Infużjonijiet erbali oħra* | |
| 0640000 | (iv) **Kakaw (żrieragħ iffermentati)** | 0,02 (*) |
| 0650000 | (v) **Ħarrub** | 0,02 (*) |
| 0700000 | 7. **ĦOPS (imnixxfa), inklużi pelits tal-hops u trab mhux ikkonċentrat** | 22 |
| 0800000 | 8. **ĦWAWAR** | |
| 0810000 | (i) **Żrieragħ** | 0,02 (*) |
| 0810010 | Ħlewwa | |
| 0810020 | Ħlewwa sewda | |
| 0810030 | Żerriegħa tal-karfus (Lovage seed) | |
| 0810040 | Żerriegħa tal-kosbor | |
| 0810050 | Kemmun | |
| 0810060 | Żerriegħa tax-xibt | |
| 0810070 | Żerriegħa tal-bużbies | |
| 0810080 | Fienu | |
| 0810090 | Noċimuskata | |
| 0810990 | Oħrajn | |
| 0820000 | (ii) **Frott u berries** | 0,02 (*) |
| 0820010 | Bżar tal-Ġamajka (allspice) | |
| 0820020 | Bżar tal-ħlewwa (Bżar tal-Ġappun) | |
| 0820030 | Ħlewwa (Caraway) | |
| 0820040 | Kardamom | |
| 0820050 | Ġnibru | |
| 0820060 | Bżar, iswe u abjad (bżar twil, bżar roża) | |
| 0820070 | Imżiewed tal-vanilla | |
| 0820080 | Tamarind (tamar ta’ l-Indja) | |
| 0820990 | Oħrajn | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0830000 | (iii) **Qoxra** | 0,02 (*) |
| 0830010 | Kannella (Cassia) | |
| 0830990 | Oħrajn | |
| 0840000 | (iv) **Għeruq jew riżomi** | 0,02 (*) |
| 0840010 | Għud is-sus/likwirizja | |
| 0840020 | Ġinger | |
| 0840030 | Żagħfran ta' l-Indja/kurkuma | |
| 0840040 | Ravanell (horse-radish) | |
| 0840990 | Oħrajn | |
| 0850000 | (v) **Rimi** | |
| 0850010 | Imsiemer tal-qronfol | 0,02 (*) |
| 0850020 | Kappar | 0,4 |
| 0850990 | Oħrajn | 0,02 (*) |
| 0860000 | (vi) **Stigma tal-fjuri** | 0,02 (*) |
| 0860010 | Żagħfran | |
| 0860990 | Oħrajn | |
| 0870000 | (vii) **Aril (kisjet iż-żerriegħa)** | 0,02 (*) |
| 0870010 | Il-qoxra barranija tan-noċemoskata | |
| 0870990 | Oħrajn | |
| 0900000 | 9. **PJANTI TAZ-ZOKKOR** | 0,05 |
| 0900010 | Weraq tal-pitravi chard | |
| 0900020 | Kannamieli taz-zokkor | |
| 0900030 | Għeruq taċ-ċikwejra | |
| 0900990 | Oħrajn | |
| 1000000 | 10. **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TA' L-ART** | |
| 1010000 | (i) **Laħam, preparazzjonijiet ta' laħam, interni, demm, xaħmijiet ta' l-annimali frisk, imkessaħ jew iffriżat, immellaħ fis-salmura, imnixxef jew iffumigat jew ipproċessat fi dqiq jew pasti-prodotti pproċessati oħra bħaz-zalzett u preparazzjonijiet ta' l-ikel ibbażati fuq dawn** | |
| 1011000 | (a) *Ħnieżer* | |
| 1011010 | Laħam | 0,05 |
| 1011020 | Xaħam mingħajr dgħif | 1 |
| 1011030 | Fwied | 0,5 |
| 1011040 | Kliewi | 0,3 |
| 1011050 | Interni li jittieklu | 0,5 |
| 1011990 | Oħrajn | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 1012000 | (b) *Bovini* | |
| 1012010 | Laħam | 0,3 |
| 1012020 | Xaħam | 3 |
| 1012030 | Fwied | 2 |
| 1012040 | Kliewi | 1 |
| 1012050 | Interni li jittieklu | 0,5 |
| 1012990 | Oħrajn | |
| 1013000 | (c) *Nagħaġ* | |
| 1013010 | Laħam | 0,05 |
| 1013020 | Xaħam | 2 |
| 1013030 | Fwied | 0,5 |
| 1013040 | Kliewi | 0,5 |
| 1013050 | Interni li jittieklu | 0,5 |
| 1013990 | Oħrajn | |
| 1014000 | (d) *Mogħoż* | |
| 1014010 | Laħam | 0,05 |
| 1014020 | Xaħam | 2 |
| 1014030 | Fwied | 0,5 |
| 1014040 | Kliewi | 0,5 |
| 1014050 | Interni li jittieklu | 0,5 |
| 1014990 | Oħrajn | |
| 1015000 | (e) *Żwiemel, ħmir, bgħula jew hinnies* | |
| 1015010 | Laħam | 0,05 |
| 1015020 | Xaħam | 2 |
| 1015030 | Fwied | 0,5 |
| 1015040 | Kliewi | 0,5 |
| 1015050 | Interni li jittieklu | 0,5 |
| 1015990 | Oħrajn | |
| 1016000 | (f) *Tjur tar-razzett -tiġieġ, wiżż, papri, dundjani u fargħuni, ngħam, ħamiem* | |
| 1016010 | Laħam | 0,2 |
| 1016020 | Xaħam | 1 |
| 1016030 | Fwied | 0,2 |
| 1016040 | Kliewi | 0,2 |
| 1016050 | Interni li jittieklu | 0,2 |
| 1016990 | Oħrajn | |
| 1017000 | (g) *Annimali oħra tar-razzett/farm (Fenek, kangarù)* | 0,02 (*) |
| 1017010 | Laħam | |
| 1017020 | Xaħam | |
| 1017030 | Fwied | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 1017040 | Kliewi | |
| 1017050 | Interni li jittieklu | |
| 1017990 | Oħrajn | |
| 1020000 | (ii) **Ħalib u krema, mhux ikkonċentrati, u lanqas ma fihom zokkor jew ħlewwiet miżjuda, butir jew xaħmijiet oħra li ġejjin mill-ħalib, mill-ġobon jew mill-baqta.** | 0,5 |
| 1020010 | Bhejjem ta' l-ifrat | |
| 1020020 | Nagħaġ | |
| 1020030 | Mogħoż | |
| 1020040 | Żiemel | |
| 1020990 | Oħrajn | |
| 1030000 | (iii) **Bajd ta' l-għasafar, frisk, ippriservat, jew imsajjar Bajd bil-qoxra u isfar tal-bajd friski, imnixxfa, imsajra bil-fwar jew mgħollija fl-ilma, iffurmati, iffriżati jew ippreżervati mod ieħor, fihom jew ma fihomx żokkor jew ħlewwiet miżjuda** | 0,2 |
| 1030010 | Tiġieġ | |
| 1030020 | Papra | |
| 1030030 | Wiżż | |
| 1030040 | Summiena | |
| 1030990 | Oħrajn | |
| 1040000 | (iv) **Għasel (Pappa rjali, polline)** | 0,01 (*) |
| 1050000 | (v) **Anfibi u rettili (Saqajn taż-żrinġijiet, kukkudrilli)** | 0,01 (*) |
| 1060000 | (vi) **Bebbux** | 0,01 (*) |
| 1070000 | (vii) **Prodotti minn annimali ta' l-art oħra** | 0,01 (*) |

([a]) Għal-lista sħiħa ta' prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li l-MRLs japplikaw għalihom, għandha ssir referenza għall-Anness I.
(*) Jindika limitu iktar baxx ta' determinazzjoni analitika
(F) = Soluble tax-xaħam

**Spinosad: spinosyn A u spinosyn D, espressi bħala spinosad (F)**

(+) MRL applikabbli sal-31 ta' Marzu 2014; wara dik id-data se jkun applikabbli 0,3 sakemm ma jkunx hemm xi modifika permezz ta' Regolament.

**0153030** Lampun (Wineberries, għollieq tal-Artiku/lampun, (Rubus arcticus), nectar raspberries (Rubus arcticus x idaeus))"

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 557/2012

## tas-26 ta' Ġunju 2012

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | TR | 62,0 |
| | ZZ | 62,0 |
| 0707 00 05 | MK | 18,0 |
| | TR | 95,4 |
| | ZZ | 56,7 |
| 0709 93 10 | TR | 103,0 |
| | ZZ | 103,0 |
| 0805 50 10 | AR | 74,0 |
| | UY | 81,1 |
| | ZA | 95,6 |
| | ZZ | 83,6 |
| 0808 10 80 | AR | 138,3 |
| | BR | 90,1 |
| | CH | 68,9 |
| | CL | 103,3 |
| | NZ | 128,9 |
| | US | 121,2 |
| | UY | 57,1 |
| | ZA | 108,4 |
| | ZZ | 102,0 |
| 0809 10 00 | TR | 199,1 |
| | ZZ | 199,1 |
| 0809 29 00 | TR | 375,9 |
| | ZZ | 375,9 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-13 ta' Lulju 2011**

**dwar l-għajnuna mill-istat Nru SA.26117 — C 2/10 (ex NN 62/09) mogħtija mill-Greċja lil Aluminium of Greece SA**

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 4916)*

**(It-test bil-Griega biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/339/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni li biha l-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE ([1]),

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

### I. PROĊEDURA

(1) F'Lulju 2008 il-Kummissjoni rċeviet żewġ ilmenti li allegaw li ngħatat għajnuna favur Aluminium of Greece u s-suċċessur tagħha Aluminium SA, 100 % suċċessur ta' Aluminium of Greece fil-produzzjoni tal-aluminju minn Lulju 2007 (minn issa 'l quddiem imsejħa flimkien bħala AoG). L-ilmenti kienu jikkonċernaw żewġ miżuri allegati ta' għajnuna mill-Istat: tariffa tal-elettriku preferenzjali u l-kostruzzjoni ta' pajp tal-gass bejn AOG u n-netwerk prinċipali.

(2) Permezz ta' ittra tas-27 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni infurmat lill-Greċja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ('TFUE') fir-rigward tal-miżuri.

(3) Il-Greċja ressqet il-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni tal-Ftuħ tal-Kummissjoni fil-31 ta' Marzu 2010.

(4) Id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-Kummissjoni ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn żewġ partijiet interessati: minn AOG fit-12 ta' Mejju 2010 u l-4 ta' Mejju 2011 u mill-Public Power Corporation (minn issa 'l quddiem: PPC), il-kumpanija tal-istat li applikat waħda mill-miżuri allegati (tariffa tal-elettriku preferenzjali), fis-17 ta' Mejju 2010. Il-kummenti ntbagħtu lill-Greċja, li ngħatat l-opportunità li tirreaġixxi; il-kummenti tagħha waslu fis-16 ta' Lulju 2010, is-6 ta' Awwissu 2010 u s-16 ta' Mejju 2011.

(6) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Griegi fl-1 ta' Diċembru 2010, li l-Greċja wieġbet għal dan permezz ta' ittra tal-11 ta' Frar 2011.

### II. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA ALLEGATA

#### II(a) IL-BENEFIĊJARJU

(7) AOG hija kumpanija kbira, bis-sede tagħha fiż-żona ta' Viotia, il-Greċja. Hija attiva fil-produzzjoni tal-aluminju bħala materja prima. F'Lulju 2007, AoG inqasmet f'żewġ kumpaniji li kienu għadhom kemm twaqqfu, wara diviżjoni tas-setturi: (a) Aluminium SA u (b) Endessa Hellas SA. Aluminium ħadet il-produzzjoni tal-aluminju u Endessa Hellas ħadet il-produzzjoni tal-elettriku (AoG kienet kisbet il-permessi għall-produzzjoni tal-elettriku ftit snin qabel). Għalhekk, Aluminium hija s-suċċessur 100 % ta' AoG fil-produzzjoni tal-aluminju. AoG għandha wkoll tliet unitajiet ta' produzzjoni tal-elettriku, li jinsabu ħdejn l-impjant tal-aluminju tagħha. Fl- 2009 kellha fatturat ta' EUR 427,3 miljun (b'EBT ta' EUR 34,4 miljun) u 960 impjegat. Fl-2006 (sena qabel il-miżuri tal-għajnuna taħt skrutinju) hija kellha fatturat ta' EUR 470,9 miljun (żieda ta' 23 % mill-2005), b'EBT ta' EUR 102,5 miljun (żieda ta' 39 % mill-2005), u 1 047 impjegat. Hija ilha tappartjeni għall-grupp tan-negozju privat "Mitilineos SA" mill-2005.

([1]) ĠU C 96, 16.4.2010, p. 7.

([2]) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

II(b) MIŻURA 1: TARIFFA TAL-ELETTRIKU PREFERENZJALI

(8) AOG twaqqfet fl-1960, b'ċerti privileġġi mogħtija mill-Istat Grieg, inkluża l-provvista tal-elettriku b'rata mnaqqsa. Skont it-termini tal-istatuti li jistabbilixxu l-privileġġi, il-provvista tal-elettriku b'rata mnaqqsa kellha tiskadi f'Marzu 2006, sakemm PPC tat lil AOG avviż xieraq dwar dan sentejn qabel. Fis-26 ta' Frar 2004 (jiġifieri aktar minn sentejn qabel l-iskadenza tal-privileġġ), PPC avżat debitament lil AOG, u wara dan PPC waqfet tapplika r-rata preferenzjali fl-aħħar ta' Marzu 2006.

(9) Konsegwentement, minn Marzu 2006 sa Jannar 2007, AoG ħallset it-tariffa standard tal-elettriku applikabbli għall-konsumaturi industrijali l-kbar.

(10) Madankollu, AoG ikkontestat il-waqfa tar-rata preferenzjali fil-qorti u f'Jannar 2007, qorti tal-Prim'Istanza ordnat bħala miżura interim li r-rata preferenzjali terġa' tibda sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu. Din id-deċiżjoni interim min-naħa tagħha ġiet appellata minn PPC u ġiet ikkonfutata f'Marzu 2008 (sentenza dwar il-mertu għadha pendenti).

(11) Il-konsegwenza prattika tad-deċiżjonijiet tal-qorti kienet li r-rata preferenzjali ġiet applikata mill-ġdid lil AoG minn Jannar 2007 sa Marzu 2008. F'dan il-perjodu, skont id-dejta pprovduta mill-awtoritajiet Griegi, AoG ħallset EUR 17,4 miljun inqas milli kien ikollha tħallas taħt it-tariffa "standard" għall-konsumaturi industrijali l-kbar.

II(c) MIŻURA 2: ESTENSJONI TAN-NETWERK TAL-GASS GĦAL AoG

(12) Is-sistema nazzjonali tat-trażmissjoni tal-gass fil-Greċja tista' tiġi estiża fuq talba ta' klijent (potenzjali) sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— għandha tingħata opinjoni favorevoli mill-Awtorità Regolatorja għall-Enerġija (minn issa 'l quddiem "RAE"), ir-regolatur tal-enerġija Griega;

— l-operatur tan-netwerk għandu jkun sodisfatt li, biż-żmien, se jkun jista' jirkupra l-ispejjeż tal-estensjoni permezz tad-dħul tat-tariffi min-netwerk.

(13) Fil-każ ta' AoG, in-netwerk nazzjonali ġie estiż permezz tal-bini ta' pipeline ta' 29,5 km li jgħaqqad lil AoG wara opinjoni favorevoli mill-RAE (15 ta' April 2005) u approvazzjoni mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni (13 ta' Ġunju 2005) [3]. L-operazzjonijiet tal-pipeline tal-gass bdew fis-16 ta' Mejju 2008.

(14) L-ispiża totali tal-bini tal-estensjoni kienet ta' EUR 12,64 miljun. Minn dawn, EUR 9,04 miljun tħallsu mill-Operatur tas-Sistema Nazzjonali tal-Gass, (minn issa 'l quddiem: "NGSO"), EUR 3,3 miljun minn AOG u EUR 3,6 miljun permezz tal-Qafas Komunitarju ta' Sostenn 2000-2006 [4].

## III. RAĠUNIJIET GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(15) Fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tas-27 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni staqsiet jekk it-tariffa preferenzjali tal-elettriku mitluba llil AoG minn PPC wara Marzu 2006 kinitx fl-istess livell għall-konsumaturi industrijali l-kbar kollha. Ir-raġuni għad-dubji tal-Kummissjoni kienet li t-tariffa preferenzjali kellha tiskadi f'Marzu 2006, skont it-termini tal-istatuti tat-twaqqif ta' AoG li jistabbilixxu l-privileġġi. Saret referenza għall-fatt li PPC kienet debitament ippruvat ittemm il-privileġġ, madankollu dan tal-aħħar ġie estiż b'deċiżjoni tal-qorti.

(16) Fir-rigward tal-miżura li testendi s-sistema nazzjonali tat-trażmissjoni tal-gass lil AoG, fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ tas-27 ta' Jannar 2010 il-Kummissjoni staqsiet għaliex l-ispejjeż tal-kostruzzjoni tal-pipeline kienu prinċipalment ġew sostnuti mill-istat u mhux minn AoG. Dawn id-dubji tqajmu minħabba li l-Greċja ma tat ebda informazzjoni, minkejja t-talbiet ripetuti tal-Kummissjoni; din kienet ukoll ir-raġuni għaliex id-Deċiżjoni tal-Ftuħ inkludiet inġunzjoni ta' informazzjoni għall-Greċja.

## IV. KUMMENTI MILL-GREĊJA U L-PARTIJIET INTERESSATI

IV(a) KUMMENTI MILL-GREĊJA U L-BENEFIĊJARJU

### Miżura 1: Tariffa preferenzjali tal-elettriku

(17) Il-Greċja tirrikonoxxi li għall-perjodu bejn iż-żewġ deċiżjonijiet tal-qorti (Jannar 2007-Marzu 2008), AoG ħallset EUR 131,4 miljun, taħt it-tariffa preferenzjali, minflok EUR 148,8 miljun, li kien ikun il-ħlas taħt it-tariffa "standard" għall-konsumaturi industrijali l-kbar.

(18) Madankollu, il-Greċja ssostni li anki jekk il-prezzijiet preferenzjali ta' AoG kienu kkunsidrati bħala għajnuna, dan kien jikkostitwixxi għajnuna eżistenti.

(19) F'dan ir-rigward, AoG ssostni li d-deċiżjoni tal-qorti nazzjonali ta' Jannar 2007 ma kienet tinvolvi ebda emenda sostanzjali fil-ftehim oriġinali u li l-qorti sempliċement ddeċidiet li "tissospendi" l-avviż biex ittemm ir-rata preferenzjali u tipposponi d-deċiżjoni tal-qorti fuq il-merti tal-kawża bejn AoG u PPC.

[3] Dak iż-żmien, l-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni kien il-"Public Gas Corporation" (minn issa 'l quddiem PGC), kumpanija li 65 % hu tal-istat. Is-sistema nazzjonali tat-trażmissjoni tal-gass (inkluża l-konnessjoni ma' AoG) ġiet aktar tard trasferita lill-"Operatur Nazzjonali tas-Sistema tal-Gass" (minn issa 'l quddiem NGSO), stabbilit fit-30 ta' Marzu 2007 bħala 100 % sussidjarju ta' PGC.

[4] B'mod partikolari l-Programm Operattiv "Kompetittività", Assi 7 "Enerġija u żvilupp sostenibbli", Miżura 7.1 "Penetrazzjoni tal-gass natural fis-settur domestiku u terzjarju, għall-konsumaturi industrijali u fis-settur tat-trasport".

**Miżura 2: Estensjoni tan-netwerk tal-gass lil AoG**

(20) Il-Greċja tinnega li AoG irċeviet vantaġġ selettiv permezz tas-sussidju tal-ispiża tal-bini tal-pipeline tal-gass tagħha. B'mod partikolari, il-Greċja targumenta li r-regoli nazzjonali fuq liema bażi ġiet deċiża l-estensjoni tan-netwerk huma applikabbli fuq termini ugwali għall-utenti finali kollha tal-gass, għalhekk AoG ma ngħatat ebda vantaġġ selettiv.

(21) Barra minn hekk, il-Greċja ssostni li l-pipeline inkwistjoni mhuwiex iddedikat għal AoG iżda huwa miftuħ għal utenti finali industrijali u domestiċi oħra fiż-żona. Dan huwa parti mill-kapaċità tas-sistema ta' trażmissjoni nazzjonali tal-gass u l-proprjetà tal-NGSO. Barra minn hekk, il-kapaċità tagħha jaqbeż il-konsum annwali ta' AoG (1,7 biljun $Nm^3$/sena kontra 0,7 biljun $Nm^3$/sena).

(22) AoG argumentat li l-konsum annwali tal-gass kuntrattwali tagħha huwa ta' 13,5 % tal-konsum nazzjonali totali u li l-konsum annwali tal-gass attwali tagħha huwa ta' 10,5 % tal-konsum nazzjonali totali. AoG tiddikjara wkoll li l-investiment jiġġenera dħul annwali tat-tariffa ta' EUR 11,6 miljun għall-operatur tan-netwerk, li jagħmel l-investiment attraenti u profitabbli ħafna għall-operatur tan-netwerk. Dawn iċ-ċifri ġew ikkonfermati mill-awtoritajiet Griegi.

IV(b) KUMMENTI MINN PPC

(23) PPC tappoġġja l-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-miżura tat-tariffa tal-elettriku. PPC tikkonferma li l-vantaġġ lil AoG ikun ta' EUR 17,4 miljun.

## V. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

(24) Fuq il-bażi tal-fatti msemmija hawn fuq u tal-argumenti tal-Greċja u partijiet terzi oħra, il-Kummissjoni se tivvaluta l-miżuri inkwistjoni f'din it-taqsima. L-ewwel, il-Kummissjoni se tivvaluta l-preżenza ta' għajnuna fil-miżuri taħt skrutinju, sabiex jiġi konkluż jekk hemmx għajnuna jew le (subsezzjoni V(a). Fit-tieni lok, meta miżura fil-fatt tinvolvi l-għajnuna, il-Kummissjoni se tevalwa l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern (subsezzjoni V(b)).

V(a) PREŻENZA TA' GĦAJNUNA FIS-SENS TAL-ARTIKOLU 107(1) TFUE

(25) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jiddikjara li "Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(26) Fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni se tivvaluta hawn taħt jekk il-miżuri kkontestati favur AOG jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat jew le.

**Miżura 1: Tariffa preferenzjali tal-elettriku**

(a) *Vantaġġ*

(27) Il-Kummissjoni tosserva li t-tariffa mħallsa minn AoG hija aktar baxxa mit-tariffa standard imħallsa minn konsumaturi industrijali kbar oħra. Il-Kummissjoni tikkunsidra li bejjiegħ fl-ekonomija tas-suq ma jaċċettax li jħallas tariffa fix-xahar mnaqqsa mingħajr ġustifikazzjoni speċifika. F'dan ir-rigward, il-Greċja ma ssottomettiet ebda argument konvinċenti li jiġġustifika l-konklużjoni li din it-tariffa preferenzjali kienet tariffa tas-suq għalkemm il-Kummissjoni qajmet din il-kwistjoni formalment fil-korrispondenza tagħha. Għall-kuntrarju, żewġ fatturi sinifikanti jindikaw li t-tariffa mħallsa minn AoG ma tistax titqies bħala prezz stabbilit mill-forzi tas-suq:

(a) L-ewwel indikazzjoni tirreferi għall-imġieba ta' PPC. Fil-fatt, malli setgħet tinħeles mill-kostrinġiment legali impost mill-istatuti tal-1960 li jistabbilixxu l-privileġġi għal AoG, PPC ħadet id-deċiżjoni li tiċċaqlaq immedjatament lil hinn mit-tariffa preferenzjali u bdiet timponi r-rata standard tal-klijenti industrijali l-kbar. Dan jintwera bir-rinunzja ta' PPC notifikata lil AoG fi Frar 2004 (ara l-paragrafu 8 fuq). Il-Kummissjoni tqis li dan jikkostitwixxi indikazzjoni tajba li t-tariffa stabbilita mill-istatuti tal-1960 ma tirriflettix il-prezz tas-suq għal PPC;

(b) It-tieni indikazzjoni tirriżulta minn Deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni. Fis-16 ta' Ottubru 2002, il-Kummissjoni approvat sussidju ta' massimu ta' EUR 178 miljun, biex jingħataw mill-Greċja lil PPC (kawża N133/2001 ([5])). L-għan tas-sussidju kien li jippermetti li PPC tiġi kkumpensata għall-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati li kellha tħallas fil-kuntest tat-tariffa preferenzjali tal-1960 favur AoG, sal-iskadenza tagħha f'Marzu 2006. Is-sussidju ġie approvat bħala li ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat lil PPC, minħabba li dan kien biss kumpens għal żvantaġġ li kellha ġġarrab. Id-deċiżjoni inkludiet ukoll kumment li jekk is-sussidju kellu jiġi kkunsidrat bħala għajnuna, din kienet tkun għajnuna favur AoG u mhux favur PPC. Bħala konklużjoni, din id-deċiżjoni tirrikonoxxi li PPC kellha tħallas tariffa preferenzjali favur AoG li ma kienx ikollha tħallas f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-vantaġġ għal AoG jikkonsisti fid-differenza bejn it-tariffa standard għall-konsumaturi industrijali l-kbar (li AoG kienet tħallas fin-nuqqas tat-tariffa speċjali "preferenzjali") u t-tariffa mħallsa minn AoG bejn Jannar 2007 u Marzu 2008.

([5]) ĠU C 9, 15.1.2003, p. 6.

(b) *Riżorsi tal-Istat*

(28) L-ipprezzar aktar baxx irriżulta fi dħul imnaqqas għal PPC. PPC SA hija kumpanija kkontrollata mill-Istat. L-Istat Grieg għandu 51 % tal-ishma u l-kumpanija hija ssorveljata mill-Ministeru Grieg għall-Ambjent, l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima (il-Ministeru tal-Finanzi sal-2009). L-Istat Grieg jista' jaħtar il-maġġoranza tal-membri tal-Bord u huwa rappreżentat direttament fl-Assemblea Ġenerali mill-Ministru Grieg għall-Ambjent, l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima (il-Ministru tal-Finanzi sal-2009). Għalhekk, huma involuti r-riżorsi tal-istat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li d-deċiżjoni tal-estensjoni hija attribwibbli lill-Istat Grieg, peress li ġiet adottata minn qorti Griega, li hija korp statali.

(29) B'hekk, il-kriterju tar-riżorsi tal-istat huwa sodisfatt.

(c) *Selettività*

(30) It-tariffa preferenzjali kienet applikata biss għal AoG, għalhekk din tal-aħħar ibbenefikat b'mod selettiv mill-miżura. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżura hija selettiva.

(d) *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(31) AoG hija attiva f'setturi li l-prodotti tagħhom huma negozjati b'mod mifrux bejn l-Istati Membri. Hemm produzzjoni tal-aluminju f'disa' Stati Membri minbarra l-Greċja, jiġifieri fi Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit ([6]). Il-produzzjoni tal-elettriku teżisti fl-Istati Membri bħala attività ekonomika liberalizzata. Meta l-għajnuna mill-Istat issaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra li jikkompetu fil-livell tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, dawk l-impriżi l-oħra għandhom jiġu kkunsidrati bħala affettwati minn dik l-għajnuna. Għalhekk, il-kriterju tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri huwa tabilħaqq sodisfatt.

(32) La l-Greċja u lanqas il-benefiċjarju ma kkontestaw dan il-punt.

(e) *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna fil-miżura 1*

(33) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tariffa preferenzjali tal-elettriku lil AoG tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat favur din tal-aħħar fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-għajnuna tammonta għal EUR 17,4 miljun, li huma d-differenza bejn (a) id-dħul ta' PPC mit-tariffa standard li kellha tiġi applikata matul il-perjodu Jannar 2007-Marzu 2008, jiġifieri EUR 148,8 miljun, u (b) id-dħul ta' PPC mit-tariffa li fil-fatt ġiet applikata fl-istess perjodu, jiġifieri EUR 131,4 miljun.

(f) *Il-miżura 1 tikkostitwixxi għajnuna illegali*

(34) AoG targumenta li l-ewwel deċiżjoni tal-qorti ta' Jannar 2007 ma nvolvietx emenda sostanzjali fil-ftehim preferenzjali inizjali (ara l-Paragrafu 16 hawn fuq). Għalhekk, skont AoG, id-deċiżjoni ma tatx għajnuna ġdida lil AoG u l-miżura tal-prezzijiet tal-elettriku preferenzjali baqgħet bħala għajnuna eżistenti.

(35) Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-argument ta' AoG. It-termini inizjali tar-rata preferenzjali, li kienet tikkostitwixxi għajnuna eżistenti, ipprovdew li l-għajnuna kienet tispiċċa f'Marzu 2006 bil-kundizzjoni li PPC tat l-avviż dovut. Ladarba sar dan, l-għajnuna eżistenti waqfet, kif meħtieġ skont it-termini tal-għoti inizjali tar-rata preferenzjali. Kwalunkwe għoti ta' rata mnaqqsa tal-elettriku li jissodisfa d-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat (bħalma hu l-każ hawnhekk) huwa għalhekk għajnuna ġdida, irrispettivament mill-fatt li t-termini tiegħu jistgħu jkunu simili għall-miżura preċedenti ta' għajnuna eżistenti. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika b'mod ċar li l-estensjoni tal-għajnuna eżistenti tikkostitwixxi għajnuna ġdida u għandha tiġi notifikata ([7]). *A fortiori*, dan huwa l-każ ukoll meta għajnuna eżistenti li tkun intemmet tiġi attivata mill-ġdid bosta xhur wara.

(36) Peress li din l-għajnuna ġdida ma kinitx notifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-TFUE, din hija illegali.

**Miżura 2: Estensjoni tan-netwerk tal-gass lil AoG**

(a) *Vantaġġ*

(37) L-investigazzjoni wriet li d-deċiżjoni li n-netwerk jiġi estiż wasslet għal żieda konsiderevoli fid-dħul għall-NGSO minn imposti fuq l-utent. Fil-fatt, il-klijenti bħal AoG għandhom iħallsu imposti lill-NGSO talli jużaw in-netwerk. Il-Kummissjoni sabet li l-miżura, jiġifieri l-bini tal-pipeline, kienet ekonomikament razzjonali għall-operatur tan-netwerk u konsegwentement ma kienet tinvolvi ebda vantaġġ għal AoG. Fil-fatt, operatur privat tan-netwerk kieku kien iwettaq l-istess investiment.

(38) Skont is-sottomissjonijiet tal-awtoritajiet Griegi, il-Kummissjoni tosserva li l-investiment inkwistjoni jiġġenera dħul annwali mill-imposti fuq l-utent ta' EUR 11,6 miljun għall-NGSO. Il-Kummissjoni qabblet dan l-ammont mal-ispiża tal-investiment (investiment ta' darba) u l-ispejjeż operattivi (fuq bażi annwali) tal-pipeline, sabiex tivverifika jekk l-investiment huwiex konformi mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq, jiġifieri jekk dan jiġġenerax dħul adegwat għall-investitur.

([6]) Sors: *European Aluminium Association, "Aluminium use in Europe, country profiles, 2005-2008"*, http://www.eaa.net.

([7]) Kawża 70/72, *Il-Kummissjoni* vs *Il-Ġermanja* [1973] Ġabra 813, paragrafu 14 u s-sentenza fil-Kawża C-197/99 P, *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [2003] Ġabra I-8461, paragrafu 109.

(39) Skont is-sottomissjonijiet tal-awtoritajiet Griegi, l-ispiża tal-investiment tal-pipeline ta' AoG kienet ta' EUR 12,64 miljun b'kollox (EUR 9,04 miljun imħallsa mill-NGSO u EUR 3,6 miljun iffinanzjati mill-appoġġ Komunitarju, kif deskritt fil-punt 14 hawn fuq). Minbarra l-ispiża tal-investiment ta' darba, l-ispejjeż operattivi annwali huma stmati għal EUR 0,933 miljun. Għalhekk, huwa ċar li d-dħul annwali ta' EUR 11,6 miljun jipprovdi lill-NGSO b'redditu għoli ħafna. Il-perjodu ta' ħlas lura tal-investiment (inkluża l-parti ffinanzjata mill-appoġġ Komunitarju) huwa inqas minn 15-il xahar. Ir-redditu fuq l-investiment (IRR — Rata Interna ta' Redditu) jekk wieħed jassumi, ipotetikament, perjodu ta' sfruttament ta' 20 sena għall-konnessjoni tal-gass, huwa ta' 84 %. Fid-dawl tal-livell għoli tiegħu, il-Kummissjoni hija sodisfatta li r-redditu kien ikun biżżejjed biex jagħti motivazzjoni lil investitur privat biex jagħmel l-istess investiment [8]. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni tal-Istat biex jestendi n-netwerk tal-gass ma tatx vantaġġ lil AoG li ma kinitx tkun f'pożizzjoni li tikseb fit-termini tas-suq.

(40) B'hekk, il-kriterju tal-vantaġġ mhuwiex sodisfatt. Konsegwentement, mhuwiex meħtieġ li ssir evalwazzjoni ulterjuri tal-kriterji l-oħra li għandhom jiġu sodisfatti sabiex miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(b) *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna fil-miżura 2*

(41) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-estensjoni tan-netwerk tal-gass ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat favur AoG fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

V(b) KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA MAS-SUQ INTERN

*Ġenerali*

(42) Safejn il-miżura 1 tikkostitwixxi mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-kompatibbiltà tagħha għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu.

(43) L-Artikoli 107(2) u 107(3) tat-TFUE jipprovdu għal eżenzjonijiet mir-regola ġenerali li l-għajnuna mill-Istat mhix kumpatibbli mas-suq intern, li hija stabbilita fl-Artikolu 107(1).

*Eżenzjoni taħt l-Artikolu 107(2) tat-TFUE*

(44) L-eżenzjonijiet fl-Artikolu 107(2) tat-TFUE ma japplikawx fil-każ preżenti minħabba li din il-miżura m'għandhiex karattru soċjali, ma ngħatatx lil konsumaturi individwali, mhix imfassla biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali, u ma ngħatatx lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja milquta mid-diviżjoni ta' dak il-pajjiż.

*Eżenzjoni taħt l-Artikolu 107(3) tat-TFUE*

(45) Eżenzjonijiet oħra huma stabbiliti fl-Artikolu 107(3) tat-TFUE. L-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(3)(b), (d) u (e) evidentement mhumiex applikabbli, u ma ġewx invokati mill-awtoritajiet Griegi. F'dan li ġej, il-Kummissjoni se tivvaluta l-kompatibbiltà potenzjali tal-miżura 1 taħt l-Artikolu 107(3)(a) u (c).

(46) L-Artikolu 107(3)(a) jiddikjara li "għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell tal-għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn ikun hemm stat serju ta' nuqqas ta' impjieg" tista' tiġi ddikjarata kumpatibbli mas-suq intern. AoG tinsab f'żona eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Artikolu 107(3)(a) tat-TFUE, u għalhekk potenzjalment tista' tkun eliġibbli għal għajnuna reġjonali.

(47) Il-Linji Gwida dwar għajnuna nazzjonali reġjonali applikabbli fiż-żmien tal-applikazzjoni tat-tariffa preferenzjali, jiġifieri f'Jannar 2007 ("il-Linji Gwida dwar Għajnuna Reġjonali 2006" [9])) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' għajnuna tal-investiment reġjonali.

(48) Il-Linji Gwida dwar Għajnuna Reġjonali 2006 jiddefinixxu l-għajnuna operattiva bħala għajnuna bil-għan li tnaqqas l-ispejjeż attwali ta' kumpanija. Skont il-Linji Gwida, tista' tingħata għajnuna operattiva f'reġjuni eliġibbli taħt id-deroga fl-Artikolu 107(3)(a) sakemm (i) din tkun ġustifikata fit-termini tal-kontribuzzjoni tagħha għall-iżvilupp reġjonali u n-natura tagħha u (ii) il-livell tagħha jkun proporzjonali għall-iżvantaġġi li tipprova ttaffi, u huwa f'idejn l-Istat Membru biex juru l-eżistenza u l-importanza ta' kwalunkwe żvantaġġi (il-paragrafu 76).

(49) Il-Kummissjoni tosserva li l-ispejjeż attwali mhumiex kapitali iżda ġeneralment spejjeż rikorrenti meħtieġa għat-tħaddim ta' negozju. F'dan is-sens, it-tariffa preferenzjali tal-elettriku applikata għal AoG naqqset l-ispejjeż attwali tagħha. B'hekk, din tikkostitwixxi għajnuna operattiva, li ma kinitx awtorizzata taħt il-Linji Gwidi ta' Għajnuna Reġjonali 2006. L-awtoritajiet Griegi ma ppreżentaw ebda evidenza biex juru li t-tnaqqis fit-tariffa tal-elettriku kien ġustifikat f'dak li jirrigwarda l-kontribut tiegħu għall-iżvilupp reġjonali, jew in-natura tiegħu, u lanqas ma wrew li dan kien proporzjonat skont kwalunkwe żvantaġġi li kien jipprova jtaffi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi ma pprovdew ebda tip ta' kejl jew kalkolu tal-iżvantaġġi tar-reġjun u tal-livell tal-għajnuna, sabiex juru li din tal-aħħar hija proporzjonali għal dawk tal-ewwel.

(50) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata kumpatibbli taħt il-Linji Gwida tal-Għajnuna Reġjonali 2006.

[8] Għal indikazzjoni tar-redditi fis-settur tat-trażmissjoni tal-gass, ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 594/09 — Għajnuna lil Gaz-System SA għan-netwerks tat-trażmissjoni tal-gass fil-Polonja, b'mod partikolari l-Punt 17: "Ir-redditu fuq il-kapital applikabbli għal Gaz-System fl-1 ta' Ġunju 2009 jammonta għal 10,8 %".

[9] ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

(51) F'dak li jirrigwarda l-kompatibilità tal-għajnuna taħt ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kumpatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE ([10]), il-Kummissjoni tikkunsidra li fuq il-bażi tal-figuri finanzjarji ppreżentati mill-awtoritajiet Griegi, AoG hija impriża kbira, kif muri fil-paragrafu (7) ta' hawn fuq. Skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, għajnuna *ad hoc* lil kumpaniji kbar hija eskluża mill-ambitu tar-Regolament.

(52) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, fejn l-għajnuna koperta mir-Regolament tingħata lil impriża kbira, l-Istat Membru għandu jikkonferma l-effett ta' inċentiv materjali tal-għajnuna, fuq il-bażi ta' dokument li janalizza l-vijabbiltà tal-proġett jew attività benefiċjarja, bi u mingħajr l-għajnuna. Il-Kummissjoni ma ngħatatx din l-evidenza.

(53) Bħala konklużjoni, l-għajnuna mogħtija lil AoG mhix kumpatibbli taħt ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

(54) L-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE jiddikjara li "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni" tista' tkun iddikjarata kumpatibbli mas-suq intern.

(55) Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni fl-Artikolu 107(3)(c) ma japplikax fil-każ preżenti. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda l-iżvilupp ta' ċerti żoni ekonomiċi, AoG tinsab f'żona eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Artikolu 107(3)(a) u mhux taħt 107(3)(c) ([11]). Rigward l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi, il-Kummissjoni tosserva li s-settur tal-produzzjoni tal-aluminju mhuwiex suġġett għar-regoli speċifiċi tal-għajnuna mill-Istat li jistgħu jiġu applikati lill-benefiċjarju. Ir-regoli l-oħra ta' għajnuna mill-Istat adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) huma evidentement mhux applikabbli. B'mod partikolari, AoG mhix eliġibbli għal għajnuna ta' salvataġġ u/jew ristrutturar. Fil-fatt, AoG ma kinitx kumpanija f'diffikultà fil-mument tal-għajnuna, peress li ma kienet tissodisfa ebda kriterju fil-Punti 9-11 tal-Linji Gwida tal-Komunità tal-1999 dwar għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà, applikabbli fiż-żmien tal-applikazzjoni tat-tariffa preferenzjali ([12]). Ukoll, l-għajnuna għar-ristrutturar tiddependi fuq l-eżistenza ta' pjan sod ta' ristrutturar. Il-Greċja ma pprovdietx dan il-pjan ta' ristrutturar. Bħala konklużjoni, l-għajnuna mogħtija lil AoG mhix kompatibbli taħt ir-regoli tal-għajnuna għas-salvataġġ u/jew ristrutturar.

([10]) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

([11]) Barra minn hekk, l-għajnuna reġjonali operattiva mhix awtorizzata skont 107(3)(c) TFUE.

([12]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

*Konklużjoni dwar il-kompatibiltà*

(56) Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura tal-għajnuna inkwistjoni mhix kompatibbli mat-TFUE. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li d-differenza bejn (a) id-dħul tal-PPC mit-tariffa standard li kellu jiġi applikat għal AoG matul il-perjodu Jannar 2007-Marzu 2008 u (b) id-dħul tal-PPC mit-tariffa li fil-fatt ġiet applikata għal AoG fl-istess perjodu tikkostitwixxi għajnuna inkumpatibbli favur AoG.

## VI. KONKLUŻJONI

(57) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 1 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u hija inkompatibbli mas-suq intern. Il-Kummissjoni waslet ukoll għall-konklużjoni li l-estensjoni tan-netwerk tal-gass nazzjonali ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

(58) L-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([13]) jistipula li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi rigward għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mingħand il-benefiċjarju".

(59) B'hekk, peress li l-miżura inkwistjoni hija meqjusa bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, l-ammont tal-għajnuna għandu jiġi rkuprat sabiex terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel l-għoti tal-għajnuna. Il-punt tat-tluq għall-irkupru għandu jkun iż-żmien meta ngħata l-vantaġġ lill-benefiċjarju, jiġifieri meta l-għajnuna tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, li għandu jħallas l-interessi fuq l-irkupru sal-irkupru effettiv.

(60) L-element ta' għajnuna inkompatibbli tal-miżura huwa d-differenza bejn (a) id-dħul tal-PPC mit-tariffa standard li kellu jiġi applikat lil AoG matul il-perjodu Jannar 2007-Marzu 2008 u (b) id-dħul tal-PPC mit-tariffa li fil-fatt ġiet applikata lil AoG fl-istess perjodu. L-ammont tal-għajnuna mogħtija għalhekk lil AoG matul dan il-perjodu huwa ta' EUR 17,4 miljun.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-għajnuna mill-Istat li tammonta għal EUR 17,4 miljun mogħtija illegalment mill-Greċja lil Alumnium of Greece SA u s-suċċessur tagħha Aluminium SA bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea permezz ta' tariffa preferenzjali tal-elettriku hija inkompatibbli mas-suq intern.

([13]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

2. L-estensjoni tan-netwerk tal-gass nazzjonali ma tikkostitwixxix għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

1. Il-Greċja għandha tirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(1) mill-benefiċjarju.

2. Is-somom li għandhom jiġu rkuprati għandu jkollhom interessi mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sad-data li fiha ġew attwalment irkuprati.

3. L-interessi għandhom jiġu kkalkulati fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([14]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 ([15]) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

4. Il-Greċja għandha tħassar il-pagamenti kollha pendenti tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(1) b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(1) għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Il-Greċja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur min-notifika tagħha.

*Artikolu 4*

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Greċja għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (interessi prinċipali u ta' rkupru) li għandu jiġi rkuprat mill-benefiċjarju;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(c) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna.

2. Il-Greċja għandha żżomm lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda biex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm l-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(1) ikun tlesta. Hija għandha tippreżenta immedjatament, fuq talba tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u interessi fuq l-irkupru diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarju.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Viċi President*

---

([14]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

([15]) ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta' Ġunju 2012

## dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE fir-rigward tal-ispezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 4169)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/340/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,

Billi:

(1) L-ispezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi tal-għelejjel huma kundizzjoni għaċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika. Fir-rigward taż-żerriegħa ċertifikata, xi ftit taż-żmien ilu ġiet introdotta l-possibbiltà li wieħed jagħżel bejn spezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi u spezzjonijiet tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali.

(2) Il-provvediment tal-possibbiltà li wieħed jagħżel bejn spezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi u spezzjonijiet tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali jista' wkoll jikkostitwixxi alternattiva aħjar mill-ħtieġa ta' spezzjoni uffiċjali tal-għelieqi safejn huma kkonċernati ż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika. Għaldaqstant, għandu jiġi organizzat esperiment temporanju biex jevalwa din l-alternattiva.

(3) Meta wieħed iqis l-esperjenza miksuba fir-rigward taż-żerriegħa ċertifikata, bl-ispezzjonijiet tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali, ikun ikkunsidrat xieraq li jsir esperiment li japplika l-istess dispożizzjonijiet kif japplikaw għaż-żerriegħa ċertifikata sabiex jevalwa jekk dawn id-dispożizzjonijiet humiex xierqa għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika.

(4) Jeħtieġ li l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-esperiment ma jibqgħux marbuta bl-obbligi fir-rigward tal-ispezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi previsti fid-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE.

(5) L-Istati Membri li jipparteċipaw fl-esperiment għandhom jirrappurtaw fuq bażi annwali.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żerriegħa u l-Materjal Propagattiv għall-Agrikultura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

**Il-kontenut**

Qed jiġi organizzat esperiment temporanju fil-livell tal-Unjoni li jevalwa, fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika, jekk il-possibbiltà li wieħed jagħżel bejn spezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi u spezzjonijiet tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali, li jsiru b'konformità mal-Artikoli 2 u 3, tistax tikkostitwixxi alternattiva aħjar minn spezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi u dwar jekk l-istess dispożizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ċertifikata għandhomx jiġu applikati għaż-żerriegħa bażika u għaż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika.

([1]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.
([2]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.
([3]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12.
([4]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.
([5]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

L-iskop ta' dan l-esperiment hu li jiġi deċiż jekk, fir-rigward taż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika, ir-rekwiżit tal-ispezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi jistax jiġi sostitwit minn rekwiżit li jew ikun ta' spezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi jew ta' spezzjonijiet tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Artikolu 2(1)(B)(1)(d) tad-Direttiva 66/401/KEE u l-Artikolu 14a(a) tagħha u l-punt (6) tal-Anness I tagħha;

(b) l-Artikolu 2(1)(C)(d) tad-Direttiva 66/402/KEE, l-Artikolu 2(1)(Ca)(c) tagħha, l-Artikolu 2(1)(D)(1)(d) tagħha, l-Artikolu 2(1)(D)(2)(b) tagħha, l-Artikolu 2(1)(D)(3)(c) tagħha u l-Artikolu 14a(a) tagħha u l-punt (7) tal-Anness I tagħha;

(c) l-Artikolu 2(1)(c)(iv) tad-Direttiva 2002/54/KE u l-Artikolu 21(a) tagħha u l-punt (4) tal-Parti A tal-Anness I tagħha;

(d) l-Artikolu 2(1)(c)(iv) tad-Direttiva 2002/55/KE u l-Artikolu 35(a) tagħha u l-punt (2) tal-Anness I tagħha;

(e) l-Artikolu 2(1)(c)(iv) tad-Direttiva 2002/57/KE, l-Artikolu 2(1)(d)(1)(ii) tagħha, l-Artikolu 2(1)(d)(2)(iii) tagħha u l-Artikolu 18(a) tagħha u l-punt (5) tal-Anness I tagħha.

*Artikolu 2*

**L-ispetturi li jwettqu l-ispezzjonijiet taħt superviżjoni uffiċjali**

L-Istati Membri li jipparteċipaw għandhom jiżguraw li l-ispetturi li jwettqu l-ispezzjonijiet taħt superviżjoni uffiċjali għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa;

(b) ma jkollhom l-ebda gwadann privat b'konnessjoni mal-ispezzjonijiet;

(c) ikunu ngħataw il-liċenzja b'mod uffiċjali mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa tal-Istat Membru kkonċernat għat-twettiq tal-ispezzjonijiet taħt superviżjoni uffiċjali; l-għoti tal-liċenzja għandu jinkludi jew il-ġuramenti tal-ispetturi jew il-firma tal-ispetturi fuq dikjarazzjoni bil-miktub tal-impenn tagħhom lejn ir-regoli li jirregolaw l-ispezzjonijiet uffiċjali;

(d) huma jwettqu l-ispezzjonijiet taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

*Artikolu 3*

**L-ispezzjonijiet tal-għelejjel u ż-żerriegħa maħsuda**

1. L-Istati Membri li jipparteċipaw għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet tal-għelejjel u ż-żerriegħa maħsuda jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti fil-paragrafi 2 sa 5.

2. L-għelejjel li għandhom jiġi spezzjonati għandhom jitkabbru minn żerriegħa li tkun għaddiet minn kontroll uffiċjali ta' wara, li r-riżultati tiegħu jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Annessi I tad-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE.

3. Fir-rigward tal-għelejjel veġetali koperti mid-Direttiva 2002/55/KE, l-awtorità kompetenti għandha tiċċekkja proporzjon li jkun ta' mill-inqas 20 % tal-għelejjel.. Għall-għelejjel l-oħrajn kollha, il-proporzjon għandu jkun minn tal-inqas 5 %. Għandhom jintużaw il-proporzjonijiet differenti li ġejjin biex ikun jista' jiġi stabbilit livell xieraq għall-ittestjar ta' kontroll għall-kategoriji ta' żerriegħa bażika u żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika: 5, 10, 15 u 20 %.

4. Għandu jinġabar proporzjon wieħed tal-kampjuni mil-lottijiet ta' żerriegħa maħsuda mill-għelejjel għal kontroll uffiċjali ta' wara u, fejn xieraq għall-ittestjar uffiċjali taż-żerriegħa fil-laboratorju fir-rigward tal-identità ta' varjetà u purità. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-lottijiet ta' żerriegħa li tkun saritilhom spezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali.

5. L-Istati Membri li jipparteċipaw fl-esperiment għandhom iqabblu l-ispezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi ma' dawk tal-istess għalqa spezzjonata taħt superviżjoni uffiċjali.

*Artikolu 4*

**Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri**

Kull Stat Membru jista' jipparteċipa fl-esperiment.

L-Istati Membri li jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-esperiment ("l-Istati Membri li jipparteċipaw") għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra filwaqt li jindikaw l-ispeċi, il-kategoriji u r-reġjuni koperti mill-parteċipazzjoni tagħhom u kwalunkwe restrizzjoni.

L-Istati Membri jistgħu jtemmu l-parteċipazzjoni tagħhom fi kwalunkwe mument billi jgħarrfu lill-Kummissjoni skont dan.

*Artikolu 5*

**Ir-rilaxx**

Għall-iskopijiet tal-esperiment, l-Istati Membri li jipparteċipaw huma rilaxxati, fir-rigward tal-ispezzjonijiet uffiċjali tal-għelieqi taż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika, mill-obbligi previsti fl-Artikolu 2(1)(B)(1)(d) tad-Direttiva 66/401/KEE u l-Artikolu 14a(a) tagħha u l-punt (6) tal-Anness I tagħha, l-Artikolu 2(1)(C)(d) tad-Direttiva 66/402/KEE, l-Artikolu 2(1)(Ca)(c) tagħha, l-Artikolu 2(1)(D)(1)(d) tagħha, l-Artikolu 2(1)(D)(2)(b) tagħha, l-Artikolu 2(1)(D)(3)(c) tagħha u l-Artikolu 14a(a) tagħha u l-punt (7) tal-Anness I tagħha, l-Artikolu 2(1)(c)(iv) tad-Direttiva 2002/54/KE u l-Artikolu 21(a) tagħha u l-punt (4) tal-Parti A tal-Anness I tagħha, l-Artikolu 2(1)(c)(iv) tad-Direttiva 2002/55/KE u l-Artikolu 35(a) tagħha u l-punt (2) tal-Anness I tagħha u l-Artikolu 2(1)(c)(iv) tad-Direttiva 2002/57/KE, l-Artikolu 2(1)(d)(1)(ii) tagħha, l-Artikolu 2(1)(d)(2)(iii) tagħha u l-Artikolu 18(a) tagħha u l-punt (5) tal-Anness I tagħha.

*Artikolu 6*

**L-obbligi tar-rappurtar**

1. L-Istati Membri li jipparteċipaw għandhom għal kull sena, sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar ir-riżultati tal-esperiment li twettaq b'konformità mal-Artikoli 2 u 3.

2. Fit-tmiem tal-esperiment u fi kwalunkwe każ fit-tmiem tal-parteċipazzjoni tagħhom, l-Istati Membri li jipparteċipaw għandhom, sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar ir-riżultati tal-esperiment li twettaq b'konformità mal-Artikoli 2 u 3.

Dan ir-rapport jista' jinkludi informazzjoni oħra li huma jikkunsidraw rilevanti fid-dawl tal-iskop tal-esperiment.

*Artikolu 7*

**Il-perjodu taż-żmien**

L-esperiment għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2013 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 8*

**Id-destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

**MT**